Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 30 ta' Lulju 2021**
**(OR. en)**

**11136/21**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0248(COD)**

**PECHE 275**
**CODEC 1138**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 30 ta' Lulju 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 434 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) (riformulazzjoni) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 434 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 434 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.7.2021
COM(2021) 434 final

2021/0248 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) (riformulazzjoni)**

MT MT

# ABBOZZ TA' MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-iskop ta' din il-proposta huwa li timplimenta fid-dritt tal-Unjoni l-miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni tas-sajd adottati fl-2018 u fl-2019 mill-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM), li l-Unjoni ilha parti kontraenti tagħha mill-1998. L-implimentazzjoni preċedenti tal-miżuri tal-GFCM ġiet ippromulgata bir-Regolament (UE) Nru 2019/982[1], li emenda żewġ atti ta' traspożizzjoni preċedenti, ir-Regolament (UE) Nru 2015/2102[2] u r-Regolament (UE) Nru 1343/2011[3]. Peress li r-Regolament tal-2019 ġie emendat sostanzjalment diversi drabi u issa jeħtieġ aktar emendi, se jiġi riformulat fl-interess taċ-ċarezza, tas-simplifikazzjoni u taċ-ċertezza legali.

Il-GFCM hija l-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMO) responsabbli għall-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed. L-objettivi ewlenin tagħha huma li tippromwovi l-iżvilupp, il-konservazzjoni, il-ġestjoni razzjonali u l-aħjar użu tar-riżorsi ħajjin tal-baħar u tiżgura l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura fil-Mediterran, fil-Baħar l-Iswed u fl-ibħra konnessi. L-Unjoni u għaxar Stati Membri tagħha (il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Italja, Malta, is-Slovenja, Spanja u r-Rumanija) huma partijiet kontraenti tal-Ftehim tal-GFCM.

Il-GFCM għandha s-setgħa tadotta deċiżjonijiet vinkolanti ("rakkomandazzjonijiet") għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tas-sajd fil-qasam ta' kompetenza tagħha. Dawn l-atti huma essenzjalment indirizzati lill-Partijiet Kontraenti, iżda jistgħu jinkludu wkoll obbligi għall-operaturi (p.eż. il-kaptani tal-bastimenti). Ir-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM isiru vinkolanti 120 jum wara d-data tal-ewwel notifika tagħhom, diment li ma tkun tressqet ebda oġġezzjoni. Hija l-Unjoni li għandha r-responsabbiltà tiżgura l-konformità ma' dawn il-miżuri, bħala obbligi internazzjonali, malli dawn jidħlu fis-seħħ.

Din il-proposta tagħti setgħat delegati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), biex tiżgura li l-Unjoni tkompli tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-Ftehim tal-GFCM.

### • Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

Din il-proposta tikkomplementa u hija ġeneralment konsistenti ma' dispożizzjonijiet oħrajn tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam. Madankollu, f'ċerti każijiet jiġu stabbiliti derogi minn atti eżistenti minħabba n-natura tal-miżuri aktar speċifiċi proposti.

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2019/982 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) (ĠU L 164, 20.6.2019, p. 1).

[2] Ir-Regolament (UE) 2015/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) (ĠU L 308, 25.11.2015, p.1).

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 **tal-21 ta' Diċembru 2006** dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u **li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94** (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 11).

Sa fejn id-deċiżjonijiet tal-GFCM adottati fl-2018 u l-2019 għadhom mhumiex koperti mid-dritt tal-Unjoni eżistenti, dawn iridu jiġu implimentati fis-sistema ġuridika tal-UE biex jiġi żgurat li jiġu applikati b'mod uniformi u effettiv fl-UE kollha.

Din il-proposta tqis ir-Regolament (UE) 2019/1241 dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi[4]. Għandha l-mira li tilħaq l-objettivi tal-politika komuni tas-sajd riformata[5] u ser tiġi applikata mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1967/2006[6].

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Mhux applikabbli.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- Bażi ġuridika

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 43(2) tat-TFUE minħabba li tistabbilixxi dispożizzjonijiet li huma meħtieġa biex jiġu segwiti l-objettivi tal-politika komuni tas-sajd.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Din il-proposta taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Unjoni (l-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE). Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta se tiżgura li l-liġi tal-Unjoni tkun konformi mal-obbligi internazzjonali adottati mill-GFCM, li l-Unjoni hija parti kontraenti tagħha. Dan se jiġi implimentat billi jsir biss dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv mixtieq.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument magħżul huwa Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Din l-għażla tqis l-objettivi tal-politika komuni tas-sajd u l-obbligi internazzjonali l-oħra tal-UE.

Din il-proposta timmarka r-raba' traspożizzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM fid-dritt tal-Unjoni. Minħabba n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u l-għadd ta' emendi involuti, is-servizzi ġuridiċi talbu riformulazzjoni bħala l-aktar proċedura xierqa biex jiġu żgurati ċarezza ġuridika u leġibbiltà suffiċjenti.

---

[4] Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 409, 21.12.2006, p.11).

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-iskop ta' din il-proposta huwa li jiġu implimentati miżuri eżistenti tal-GFCM li jorbtu lill-partijiet kontraenti. L-esperti nazzjonali u r-rappreżentanti tal-industrija mill-Istati Membri tal-UE ġew ikkonsultati qabel in-negozjati fit-42 u l-43 sessjoni annwali tal-GFCM u matulhom. Għalhekk ma nħassx il-bżonn li jiġu kkonsultati l-partijiet ikkonċernati b'rabta ma' dan ir-Regolament.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-miżuri adottati mill-GFCM huma bbażati fuq il-parir tal-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku tagħha. Mhux se titwettaq valutazzjoni tal-impatt ulterjuri, peress li mhux se tiġi żviluppata politika ġdida (li tmur lil hinn mill-miżuri tal-GFCM) u mhu mistenni l-ebda impatt sinifikanti ġdid mit-traspożizzjoni.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta mhijiex marbuta mar-REFIT.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din il-proposta se tindirizza kwistjonijiet relatati mal-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tas-sajd, u mal-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq ċerti speċijiet tal-baħar fiż-żoni tal-Mediterran u tal-Baħar l-Iswed. Kif issemma qabel, fl-interess taċ-ċarezza ġuridika, l-att propost se jkun riformulazzjoni.

It-Titolu I fih dispożizzjonijiet ġenerali dwar is-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni, ir-rabtiet ma' atti oħra tal-Unjoni u d-definizzjonijiet. Il-proposta tapplika għall-attivitajiet kummerċjali tas-sajd u tal-akkwakultura, u tas-sajd rikreattiv, imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-UE u miċ-ċittadini tal-Istati Membri fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM.

It-Titolu II jittratta l-miżuri ta' ġestjoni, konservazzjoni u kontroll għal ċerti speċijiet. Dan jinkludi kapitoli dwar is-sallura Ewropea, il-gamblu aħmar kbir, il-gamblu blu u aħmar, il-qroll aħmar, is-sajd demersali, is-sajd pelaġiku żgħir, il-paġella ħamra, il-lampuki, il-barbun imperjali u l-mazzola griża.

It-Titolu III jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni u jinkludi miżuri dwar il-konservazzjoni, il-kontroll, il-kooperazzjoni, l-informazzjoni u r-rappurtar, u l-programmi ta' riċerka reġjonali. Il-Kapitolu I jiffoka fuq miżuri tekniċi u ta' konservazzjoni, b'mod partikolari biex jitnaqqas l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq ċerti speċijiet tal-baħar (inklużi l-klieb il-baħar u r-raj) u l-qabdiet inċidentali, biex jiġu stabbiliti żoni ristretti għas-sajd (FRAs) u għeluq temporali, u biex jiġi rregolat liema rkaptu tas-sajd jista' jintuża. Il-Kapitolu II fih miżuri ta' kontroll, b'mod partikolari fir-rigward tar-reġistru ta' bastimenti awtorizzati, miżuri tal-istat tal-port u bastimenti preżunti li wettqu sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU). Il-Kapitolu III jinkludi miżuri dwar il-kooperazzjoni, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u r-rappurtar. Il-Kapitolu IV jistabbilixxi programmi ta' riċerka reġjonali dwar il-granċ blu fil-Mediterran u r-rapa whelk fil-Baħar l-Iswed.

It-Titolu IV jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet finali, inkluż dwar id-delega tas-setgħat u d-dħul fis-seħħ.

L-iskadenzi tar-rappurtar f'din il-proposta ġew stabbiliti abbażi tal-iskadenzi miftiehma fil-livell tal-GFCM, bil-ħsieb li l-UE tkun tista' tikkonforma mar-rekwiżiti għar-rappurtar lis-Segretarjat tal-GFCM.

⬇ 1343/2011 (adattat)

2021/0248 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) ~~u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran~~ (riformulazzjoni)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[7],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[8],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

---

⇩ ġdid

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] ġie emendat kemm-il darba b'mod sostanzjali[10]. Peress li għandhom isiru iżjed emendi, jenħtieġ li dak ir-Regolament jiġi riformulat fl-interess taċ-ċarezza.

---

⬇ 2019/982 premessa 2

(2) Wieħed mill-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11]", huwa li jiġi żgurat li l-

---

7 ĠU C […], […], p. […].

8 ĠU C […], […], p. […].

9 Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

10 Ara l-Anness I.

11 Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru

attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura jkunu sostenibbli mil-lat ambjentali fit-tul, u li jkunu ġestiti b'mod konsistenti mal-għanijiet għall-ksib ta' benefiċċji f'dak li għandu x'jaqsam mal-ekonomija, is-soċjetà u l-impjiegi, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel.

---

↓ 1343/2011 premessa 1

(3) Il-Komunità Ewropea kienet aderiet mal-Ftehim għall-istabbiliment tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran ("Ftehim tal-GFCM") konformement mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/416/KE tas-16 ta' Ġunju 1998 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran ("GFCM")[12].

---

↓ 1343/2011 premessa 2

(4) Il-Ftehim tal-GFCM jipprovdi qafas adatt għall-kooperazzjoni multilaterali sabiex jippromwovi l-iżvilupp, il-konservazzjoni, il-ġestjoni razzjonali u l-aqwa użu tar-riżorsi ħajjin tal-baħar fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed f'livelli li huma kkunsidrati sostenibbli u b'riskju baxx li jinqerdu.

---

↓ 1343/2011 premessa 3 (adattat)

(5) L-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, Franza, ⌦ il-Kroazja, ⌫ l-Italja, Ċipru, Malta, ir-Rumanija u s-Slovenja huma partijiet kontraenti tal-Ftehim tal-GFCM.

---

↓ 1343/2011 premessa 4

(6) Ir-rakkomandazzjonijiet adottati mill-GFCM huma vinkolanti għall-partijiet kontraenti tagħha. Peress li l-Unjoni hija parti kontraenti tal-Ftehim tal-GFCM, dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma vinkolanti għall-Unjoni u għalhekk jenħtieġ li ~~għandhom~~ jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni, sakemm il-kontenut tagħhom mhuwiex diġà kopert minnha

---

↓ 1343/2011 premessa 6
⇨ ġdid

(7) Għal ⇨ dawn ir-⇦raġunijiet ~~ta' ċarezza, simplifikazzjoni u ċertezza legali,~~ u peress li n-natura permanenti tar-rakkomandazzjonijiet teħtieġ ukoll strument legali permanenti għall-implimentazzjoni tagħhom fil-liġi tal-Unjoni, huwa opportun li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati permezz ta' att leġiżlattiv uniku, fejn rakkomandazzjonijiet futuri jistgħu jinżiedu permezz ta' emendi għal dak l-att.

---

1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

12 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 1998 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran (ĠU L 190, 4.7.1998, p. 34) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 04, Vol. 04, p. 30).

⬇ 1343/2011 premessa 12

(8) Il-parir li fuqu huma bbażati l-miżuri ta' ġestjoni jenħtieġ li ~~għandu~~ min-naħa tiegħu jkun ibbażat fuq l-użu xjentifiku tad-*data* ~~data~~ rilevanti dwar il-kapaċità u l-attività tal-flotta, dwar l-istatus bijoloġiku tar-riżorsi sfruttati u dwar is-sitwazzjoni soċjali u ekonomika tas-sajd. Dik id-*data* ~~data~~ għandha tinġabar u tiġi ppreżentata fil-ħin sabiex il-korpi sussidjarji tal-GFCM ikunu jistgħu jħejju l-parir tagħhom.

⬇ 1343/2011 premessa 5 (adattat)

~~Fis-Sessjonijiet Annwali tagħha fl-2005, l-2006, l-2007 u l-2008 l-GFCM adottat għadd ta' rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet għal ċertu sajd fiż-Żona tal-Ftehim tal-GFCM li ġew implimentati b'mod temporanju fil-liġi tal-Unjoni bir-Regolamenti annwali dwar l-opportunitajiet tas-sajd jew, fil-każ tar-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM 2005/1 u 2005/2, bl-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006[13].~~

⇩ ġdid

(9) Is-sessjonijiet Annwali tal-GFCM li saru mill-2005 'l hawn adottaw għadd ta' rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet għal ċertu sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM li ġew implimentati fid-dritt tal-Unjoni prinċipalment permezz tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 u l-emendi tiegħu.

⬇ 1343/2011 premessa 13 (adattat)

~~Fis-Sessjoni Annwali tagħha tal-2008, il-GFCM adottat rakkomandazzjoni dwar skema reġjonali ta' miżuri tal-Istat tal-port għall-ġlieda kontra s-sajd Illegali, Mhux Rappurtat u Mhux Regolat (IUU) fiż-Żona tal-GFCM. Filwaqt li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat[14] ikopri b'mod ġenerali l-kontenut ta' dik ir-rakkomandazzjoni u ilu applikat mill-1 ta' Jannar 2010, madankollu hemm xi partijiet minnha bħal dawk dwar il-frekwenza, il-kopertura u l-proċedura għall-ispezzjonijiet fil-port li jeħtieġu jissemmew f'dan ir-Regolament sabiex dik ir-rakkomandazzjoni tiġi adattata għall-partikolaritajiet taż-żona tal-Ftehim tal-GFCM.~~

⇩ ġdid

(10) Waqt is-Sessjoni Annwali tagħha fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/8 li temenda d-dispożizzjoni 13 u l-Anness I tal-GFCM/33/2009/8. Filwaqt li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd

13 ~~ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11; kif sostitwit b'rettifika, ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6.~~
14 ~~ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.~~

illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat[15], ikopri parzjalment il-kontenut ta' din ir-rakkomandazzjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni dawk il-miżuri stabbiliti f'dik ir-Rakkomandazzjoni li għadhom mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

---

🡻 1343/2011 premessa 10 (adattat)

~~Fis-Sessjoni Annwali tagħha mit-23 sas-27 ta' Marzu 2009 l-GFCM adottat, abbażi ta' parir xjentifiku mill-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku ("SAC"), kif jinsab fir-rapport tal-ħdax-il sessjoni tiegħu (Rapport FAO Nru 890), rakkomandazzjoni dwar l-istabbiliment ta' Żona ta' Sajd Ristretta fil-Golf tal-Iljuni. Huwa opportun li din il-miżura tiġi implimentata permezz ta' sistema ta' ġestjoni tal-isforz tas-sajd.~~

---

⇩ ġdid

~~(11)~~ Fis-sessjoni Annwali tagħha fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 dwar pjan ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli tal-qroll aħmar fil-Baħar Mediterran, li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/35/2011/2, GFCM/36/2012/1, GFCM/40/2016/7 u GFCM/41/2017/5. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni dawk il-miżuri stabbiliti f'dik ir-Rakkomandazzjoni li għadhom mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(12) Waqt is-Sessjoni Annwali tagħha fl-2018, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/2 dwar miżuri ta' ġestjoni tas-sajd għall-konservazzjoni tal-klieb il-baħar u tar-raj fiż-żona ta' applikazzjoni tal-GFCM, li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/36/2012/3. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni dawk il-miżuri stabbiliti f'dik ir-Rakkomandazzjoni li għadhom mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

~~(13)~~ Fil-Laqgħa Annwali fl-2019, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/8 dwar miżuri ulterjuri ta' emerġenza fl-2019-2021 għal stokkijiet pelaġiċi żgħar fil-Baħar Adrijatiku, li ssostitwiet ir-Rakkomandazzjoni GFCM/38/2014/1. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni dawk il-miżuri stabbiliti f'dik ir-Rakkomandazzjoni li għadhom mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

---

🡻 2015/2102 premessa 10 (adattat)

(14) Il-miżuri ~~a~~ tal-GFCM stabbilita fir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/37/2013/1 u ~~GFCM/38/2014/1~~ ⌦ GFCM/43/2018/8 ⌫ tinkludi wkoll projbizzjoni taż-żamma abbord jew tal-ħatt, li għandha tiġi implimentata fid-dritt tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-

---

[15] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

Kunsill ([16]). Għall-fini tal-implimentazzjoni korretta, għandhom jiġu żviluppati programmi nazzjonali għall-kontroll, il-monitoraġġ u s-sorveljanza, li l-Kummissjoni għandha tikkomunika kull sena lill-GFCM.

---

⇩ ġdid

(15) Fis-Sessjoni Annwali tagħha fl-2018, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/5 dwar l-istabbiliment ta' pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Kanal ta' Sqallija, u li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/39/2015/2 u GFCM/40/2016/4. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni dawk il-miżuri stabbiliti f'dik ir-Rakkomandazzjoni li għadhom mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

(16) Fis-Sessjoni Annwali tagħha fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3 li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd tal-barbun imperjali bil-Baħar l-Iswed. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni dawk il-miżuri stabbiliti f'dik ir-Rakkomandazzjoni li għadhom mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

---

🡻 1343/2011 premessa 7 (adattat)

~~Ir-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM japplikaw għaż-żona sħiħa tal-Ftehim tal-GFCM, jiġifieri l-Mediterran, il-Baħar l-Iswed u l-ilmijiet ta' konnessjoni, kif definit fil-preambolu tal-Ftehim tal-GFCM u għalhekk, għal raġunijiet ta' ċarezza u ċertezza ġuridika, għandhom jiġu implimentati f'Regolament separat milli permezz ta' emendi għar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 li jkopri l-Baħar Mediterran biss.~~

---

🡻 1343/2011 premessa 8 (adattat)

~~Ċerti dispożizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 għandhom japplikaw mhux biss fil-Baħar Mediterran iżda fiż-żona sħiħa tal-Ftehim tal-GFCM. Għalhekk, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jitħassru mir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 u jiġu inklużi f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, ċerti dispożizzjonijiet dwar il-qies minimu tal-malji tax-xbieki li huma stabbiliti f'dak ir-Regolament għandhom jiġ ċċarati aktar.~~

---

🡻 1343/2011 premessa 9 (adattat)

~~Iż-'żoni ta' sajd ristretti' stabbiliti mir-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM għal miżuri ta' ġestjoni tal-ispazju huma ekwivalenti għaż-'żoni ta' sajd protetti' kif użati fir-Regolament (KE) Nru 1967/2006.~~

---

16 ~~Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).~~

⇩ ġdid

(17) Matul is-Sessjoni Annwali tagħha fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/2 dwar il-pjan ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli tal-paġella ħamra fil-Baħar Alboran. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni dawk il-miżuri stabbiliti f'dik ir-Rakkomandazzjoni li għadhom mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

🡻 1343/2011 premessa 11

~~Fis-sajd imħallat tal-Mediterran, is-selettività ta' xi rkaptu tas-sajd ma tistax titħalla tmur lil hinn minn ċertu livell. Addizzjonalment għall-kontroll u l-limitazzjoni komplessivament tal-isforz tas-sajd, huwa fundamentali li jkun limitat l-isforz tas-sajd f'żoni fejn l-adulti ta' stokkijiet importanti jiltaqgħu, sabiex ikollhom riskju ta' xkiel fir-riproduzzjoni li jkun baxx biżżejjed sabiex ikun permess l-isfruttament sostenibbli tagħhom. Għalhekk, huwa kunsiljabbli, fir-rigward taż-żona eżaminata mill-SAC, li l-ewwel ikun limitat l-isforz tas-sajd għal-livelli preċedenti u konsegwentement li ma tkunx permessa żieda f'dak il-livell.~~

⇩ ġdid

(18) Fis-Sessjoni Annwali tagħha fl-2018, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd għas-sallura Ewropea fil-Baħar Mediterran. Din ir-Rakkomandazzjoni tistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd tas-sallura Ewropea fil-Baħar Mediterran, f'konformità mal-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni dawk il-miżuri stabbiliti f'dik ir-Rakkomandazzjoni li għadhom mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(19) Fis-Sessjoni Annwali tagħha fl-2018, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/3 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd bix-xibka tat-tkarkir li jistad għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu blu u aħmar fil-Baħar Levantin. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni dawk il-miżuri stabbiliti f'dik ir-Rakkomandazzjoni li għadhom mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(20) Fis-Sessjoni Annwali tagħha fl-2018, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd bix-xibka tat-tkarkir li jistad għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu blu u aħmar fil-Baħar Jonju. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni dawk il-miżuri stabbiliti f'dik ir-Rakkomandazzjoni li għadhom mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(21) Fis-Sessjoni Annwali tagħha fl-2018, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/7 dwar programm ta' riċerka reġjonali għall-granċ blu fil-Mediterran. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni dawk il-miżuri stabbiliti f'dik ir-Rakkomandazzjoni li għadhom mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(22) Fis-Sessjoni Annwali tagħha fl-2018, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/9 dwar programm ta' riċerka reġjonali għas-sajd tar-rapa whelk fil-Baħar l-Iswed. . Dan ir-Regolament jenħtieġ li jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni dawk il-miżuri stabbiliti f'dik ir-Rakkomandazzjoni li għadhom mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

(23) Fis-Sessjoni Annwali tagħha fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/1 dwar sett ta' miżuri ta' ġestjoni għall-użu ta' rkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut fis-sajd tal-lampuki fil-Baħar Mediterran. Din ir-Rakkomandazzjoni tikkumplimenta r-Rakkomandazzjoni GFCM/30/2006/2 dwar l-istabbiliment ta' staġun magħluq għas-sajd tal-lampuki bl-użu ta' rkaptu biex jinġema' l-ħut u tistabbilixxi sett ta' miżuri ta' ġestjoni għall-użu ta' FADs ankrati li jisfruttaw il-lampuki fiż-żona ta' applikazzjoni tal-GFCM. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni dawk il-miżuri stabbiliti f'dik ir-Rakkomandazzjoni li għadhom mhumiex koperti mid-dritt tal-Unjoni.

(24) Fis-Sessjoni Annwali tagħha fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/6 dwar miżuri ta' ġestjoni għas-sajd sostenibbli bix-xibka tat-tkarkir li jistad għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu blu u aħmar fil-Kanal ta' Sqallija. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni dawk il-miżuri stabbiliti f'dik ir-Rakkomandazzjoni li għadhom mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

---

| ⬇ 1343/2011 premessa 14 (adattat) |
|---|

(25) Il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex jiġu żgurati kundizzjonjiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-format u t-trażmissjoni ta': ir-rapport dwar l-attivitajiet tas-sajd imwettqin fiż-żoni ta' sajd ristretti; applikazzjonijiet għat-trasferiment ta' jiem mitlufin minħabba l-maltemp fl-istaġun magħluq għas-sajd tal-lampuki u r-rapport dwar tali trasferiment; ir-rapport fil-kuntest tal-ġbir tad-*data* ~~data~~ dwar is-sajd tal-lampuki; ~~informazzjoni rigward l-użu tal-qies minimu tal-malji tax-xbieki użati għall-attivitajiet ta' tkarkir li jisfruttaw l-istokkijiet f'qiegħ il-baħar fil-Baħar l-Iswed;~~ u *data* ~~data~~ dwar il-matriċijiet ta' statistika, kif ukoll fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni mas-~~Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM~~ ⌦ Segretarjat tal-GFCM ⌫. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[17].

---

| ⬇ 1343/2011 premessa 15 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(26) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tkompli tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-Ftehim tal-GFCM, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni fil-liġi tal-Unjoni tal-emendi li saru vinkolanti għall-Unjoni għall-miżuri eżistenti tal-GFCM li diġà ġew implimentati fil-liġi tal-Unjoni, fir-rigward ~~tal-forniment ta' informazzjoni dwar il-qies minimu tal-malji tax-xbieki fil-Baħar l-Iswed lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM;~~ it-trażmissjoni tal-lista ta' bastimenti awtorizzati għall-iskop tar-Reġistru tal-GFCM lis-~~Segretarju Eżekuttiv tal-~~

---

17 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

~~GFCM~~ ⌦ Segretarjat tal-GFCM ⌫; ⇨ id-derogi għall-miżuri ta' konservazzjoni għall-qroll aħmar; l-implimentazzjoni tal-iskema permanenti taċ-ċertifikazzjoni tal-qbid għall-qroll aħmar; ⇦ il-miżuri tal-Istat tal-port; il-kooperazzjoni, l-informazzjoni u r-rappurtar; it-tabella, il-mappa u l-koordinati ġeografiċi tas-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM; il-proċeduri ta' spezzjoni fl-Istat tal-port għall-bastimenti; u l-matriċijiet ta' statistika tal-GFCM. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti ddelegati, jenħtieġ li ~~għandha~~ tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u adatta tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill,

---

| |
|---|
| ⬇ 1343/2011 (adattat) |
| ➔1 982/2019 Art. 1.1 |
| ➔2 982/2019 Art. 1.2(a) |
| ⇨ ġdid |

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# TITOLU I

## *DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI*

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli għall-applikazzjoni mill-Unjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni, ġestjoni, sfruttament, monitoraġġ, kummerċjalizzazzjoni u infurzar għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura stabbiliti mill-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran ("GFCM").

*Artikolu 2*

**Ambitu**

1. ➔1 Dan ir-Regolament japplika għall-attivitajiet kummerċjali kollha tas-sajd u tal-akkwakultura, kif ukoll għall-attivitajiet tas-sajd rikreattivi fejn ikun speċifikament previst f'dan ir-Regolament, imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u miċ-ċittadini tal-Istati Membri fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM. ⬅

Dan għandu japplika mingħajr preġudizzju għar-Regolament ⌦ tal-Kunsill ⌫(KE) Nru 1967/2006[18].

2. B'deroga mill-paragrafu 1, dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-operazzjonijiet tas-sajd imwettqa biss għal skopijiet ta' investigazzjonijiet xjentifiċi li jsiru bil-permess u bl-awtorità tal-Istat Membru li l-bandiera tiegħu jtajjar il-bastiment u li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu infurmati bil-quddiem li fl-ilmijiet tagħhom tkun qiegħda ssir ir-riċerka ⇨, sakemm ma jkunx ġie speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament ⇦.

---

[18] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).

L-Istati Membri li jwettqu operazzjonijiet tas-sajd għall-iskop ta' investigazzjonijiet xjentifiċi għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri li fl-ilmijiet tagħhom tkun qiegħda ssir ir-riċerka u lill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd dwar il-qabdiet kollha minn dawn l-operazzjonijiet tas-sajd.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

➔2 Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin flimkien ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19], fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, u fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[20] ⇨ , fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] u fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] ⇦ : ➔

a)(1)"żona tal-Ftehim tal-GFCM" tfisser il-Mediterran u l-Baħar l-Iswed u l-ilmijiet ta' konnessjoni, kif deskritt fil-Ftehim tal-GFCM;

---

🡻 1343/2011

"sforz tas-sajd" tfisser il-prodott li jirriżulta mill-multiplikazzjoni tal-kapaċità ta' bastiment tas-sajd, espress f'kW jew f'GT (tunnellaġġ gross), mal-attività espressa f'għadd ta' jiem fuq il-baħar;

---

🡻 1343/2011 (adattat)

c) (2) ⌦ "żona ta' lqugħ" tfisser żona li ddur madwar żona ristretta tas-sajd sabiex jiġi evitat l-aċċess aċċidentali għaliha, u b'hekk tissaħħaħ il-protezzjoni taż-żona mdawra; ⌫

---

19 Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

20 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

21 Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1).

22 Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

↓ 1343/2011

~~"jum fuq il-baħar" tfisser kwalunkwe jum tal-kalendarju li fih bastiment ikun assenti mill-port, irrispettivament mill-ammont ta' ħin matul tali jum li dak il-bastiment ikun prezenti f'żona;~~

⇩ ġdid

(3) "manwal tal-Qafas ta' Referenza tal-Ġbir tad-*Data* (DCRF)" tfisser il-manwal imħejji mill-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv (SAC) u approvat mill-GFCM relatat mal-implimentazzjoni tad-DCRF;

↓ 1343/2011 (adattat)
⇨ ġdid

~~d)~~ (4) "⇨ numru tar-Reġistru Komuni tal-Flotta (CFR) ⇦ ~~numru tar-Reġistru tal-Flotta tal-UE~~" tfisser in-numru tar-Reġistru ~~tal-Komunità~~ ⌦ Komuni ⌫ ⌦ tal-Flotta (CFR) ⌫ definit fl-Artikolu 2(i) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218[23] ~~fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 tat-30 ta' Diċembru 2003 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità[24]~~;

⇩ ġdid

(5) "irkaptu biex jinġema' l-ħut" jew "FAD" tfisser kull tagħmir ankrat li jżomm fil-wiċċ tal-baħar bl-iskop li jattira l-ħut;

(6) "piż ħaj" tfisser il-piż tal-qabdiet friski li jintiżnu immedjatament wara t-tmiem tal-operazzjonijiet tas-sajd jew, fil-każ ta' vjaġġi tas-sajd ta' kuljum, qabel l-iżbark tagħhom fil-port magħżul;

(7) "bank tal-qroll aħmar" tfisser żona ta' daqs varjabbli fejn il-kolonji tal-qroll aħmar (*coralium rubrum*) huma relattivament abbundanti;

(8) "kolonja tal-qroll aħmar" tfisser l-unità bijoloġika sfruttata fis-sajd tal-qroll aħmar (*coralium rubrum*) u tirrappreżenta unità ġenetika ffurmata minn mijiet/eluf ta' polipi tal-qroll aħmar, li jista' jkollha forma simili għal ta' siġra b'diversi friegħi.

↓ 982/2019 Art. 1.2(b)

~~(f) "sajd għall-paġella ħamra" tfisser it-twettiq tal-attivitajiet tas-sajd li fihom il-kwantitajiet ta' paġella ħamra abbord jew li nħatt l-art jikkostitwixxu aktar minn 20 % tal-qabda f'piż ħaj wara t-tqassim skont il-marca.~~

23 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 tas-6 ta' Frar 2017 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9).

24 ~~ĠU L 5, 9.1.2004, p. 25.~~

⇩ ġdid

# TITOLU II

## *MIŻURI TA' ĠESTJONI, TA' KONSERVAZZJONI U TA' KONTROLL GĦAL ĊERTI SPEĊIJIET*

## *KAPITOLU I*

## *IS-SALLURA EWROPEA*

Artikolu 4

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1 dispożizzjonijiet 9 u 10]*

**Ambitu**

Dan il-Kapitolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd li jaqbdu s-sallura Ewropea (*Anguilla anguilla*), jiġifieri s-sajd immirat, inċidentali u rikreattiv, fl-ilmijiet marini kollha tal-Baħar Mediterran indikati fl-Anness I, inklużi l-ilmijiet ħelwin u l-ilmijiet salmastri tranżizzjonali, bħal-laguni u l-estwarji.

*Artikolu 5*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1 dispożizzjoni 19]*

**Għeluq għas-sajd**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu għeluq annwali tas-sajd ta' tliet xhur konsekuttivi fejn is-sajd u l-ħatt tas-sallura Ewropea għandhom ikunu pprojbiti.

2. Il-perjodu ta' għeluq għandu jiġi definit mill-Istati Membri fil-pjan ta' ġestjoni nazzjonali tagħhom, flimkien mas-sajd u l-irkaptu li jistad għas-sallura Ewropea. Il-perjodu tal-għeluq tas-sajd għandu jkun konsistenti mat-tnaqqis tal-isforzi tas-sajd jew tal-qabdiet tas-sallura Ewropea stabbiliti fil-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali fis-seħħ u max-xejriet tal-migrazzjoni temporali tas-sallura Ewropea.

*Artikolu 6*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1 dispożizzjoni 20]*

**Żoni ta' sajd ristretti**

1. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu żoni ta' sajd ristretti biex ikomplu jipproteġu s-sallura Ewropea. Il-post u l-konfini ta' dawk iż-żoni għandhom ikunu konsistenti mad-distribuzzjoni tal-ħabitats ewlenin tas-sallura Ewropea fl-Istat Membru kkonċernat.

2. Is-sajd tas-sallura Ewropea għandu jkun ipprojbit fiż-żoni msemmija fil-paragrafu 1. Il-kampjuni li jinqabdu b'mod aċċidentali f'dawk iż-żoni għandhom jinħelsu minnufih mal-qabda.

*Artikolu 7*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1 dispożizzjoni 23]*

**Miżuri tekniċi**

Mingħajr preġudizzju għar-Regolament 2019/1241, il-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali u l-miżuri ta' ġestjoni nazzjonali adottati mill-Istati Membri, skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007[25], għandhom jistabbilixxu miżuri tekniċi li jiżguraw tnaqqis fil-mortalità.

*Artikolu 8*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1 dispożizzjonijiet 24 u 25]*

**Miżuri addizzjonali**

1. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri biex jikkomplementaw il-pjan ta' ġestjoni nazzjonali jew il-miżuri ta' ġestjoni nazzjonali tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007, filwaqt li jqisu, fost l-oħrajn, l-istat ta' konservazzjoni tas-sallura Ewropea fl-ilmijiet tagħhom, l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd li jaqbdu s-sallura Ewropea fl-ilmijiet tagħhom u sorsi antropoġeniċi oħra ta' mortalità.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw il-miżuri adottati f'konformità mal-paragrafu 1 lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn ġimagħtejn wara d-dħul fis-seħħ tagħhom u l-Kummissjoni għandha tibgħat dawn il-miżuri lis-Segretarjat tal-GFCM fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ tagħhom.

*Artikolu 9*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1 dispożizzjoni 32]*

**Implimentazzjoni tal-miżuri**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu rapport dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan il-Kapitolu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn erba' xhur qabel il-ħamsa u erbgħin sessjoni tal-GFCM.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 lis-Segretarjat tal-GFCM sa mhux aktar tard mill-ħamsa u erbgħin sessjoni tal-GFCM. Tali rapport jista' jinkludi stima tal-impatti tal-miżuri inklużi fil-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali u kwalunkwe miżura oħra.

*Artikolu 10*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1 dispożizzjonijiet 36, 37 u 39]*

**Awtorizzazzjoni tas-sajd**

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lista tal-bastimenti tas-sajd awtorizzati kollha, skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 1100/2007, lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena.

---

[25] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17).

2. L-Istati Membri għandhom minnufih jippreżentaw lill-Kummissjoni kwalunkwe emenda lil-lista msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dawk l-emendi lis-Segretarjat tal-GFCM mingħajr dewmien.

*Artikolu 11*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1 dispożizzjonijiet 38 u 39]*

**Ilmijiet tranżizzjonali u salmastri awtorizzati**

1. Sal-1 ta' Jannar 2020, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata lista tal-ilmijiet tranżizzjonali u salmastri awtorizzati kollha, bħal-laguni u l-estwarji, fejn jitqiegħed irkaptu statiku tradizzjonali permanenti għas-sajd tal-ħut għall-qbid tas-sallura Ewropea.
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw il-lista msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dik il-lista lis-Segretarjat tal-GFCM sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena.
3. L-Istati Membri għandhom minnufih jippreżentaw lill-Kummissjoni kwalunkwe emenda lil-lista msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dawk l-emendi lis-Segretarjat tal-GFCM mingħajr dewmien.

*Artikolu 12*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1 dispożizzjonijiet 40 u 41]*

**Punti awtorizzati għall-ħatt l-art**

Il-ħatt l-art tas-sallura Ewropea għandu jkun awtorizzat biss fil-punti ta' ħatt l-art magħżula minn kull Stat Membru għal dan il-għan.

*Artikolu 13*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1 dispożizzjonijiet 42, 43 u 44]*

**Reġistrazzjoni tal-qabdiet**

1. Is-sajjieda jew il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd awtorizzati li jistadu għas-sallura Ewropea għandhom jirreġistraw il-qabdiet tagħhom f'piż ħaj, irrispettivament mill-piż ħaj tal-qabda u tal-ħsad.

2. Fil-każ ta' ilmijiet tranżizzjonali u salmastri, bħal-laguni u l-estwarji fejn il-qbid tas-sallura Ewropea għadu jsir b'irkaptu statiku permanenti u tradizzjonali għas-sajd tal-ħut, is-sajjieda jew il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd awtorizzati għandhom jirreġistraw il-qabdiet tagħhom f'piż ħaj.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, il-kaptani tal-bastimenti għandhom jirreġistraw fil-ġurnal ta' abbord il-qabdiet tagħhom ta' kuljum tas-sallura Ewropea, irrispettivament mill-piż ħaj tal-ħsad.

*Artikolu 14*
*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1 dispożizzjoni 47]*

**Sajd rikreattiv**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fuq bażi regolari stima tal-għadd ta' sajjieda rikreattivi u l-qabdiet tagħhom tal-frieħ tas-sallur, tas-sallur isfar u dak tal-fidda.

# KAPITOLU II

## *IL-GAMBLU AĦMAR KBIR, IL-GAMBLU BLU U AĦMAR*

## TAQSIMA I

### IL-BAĦAR LEVANTIN

Artikolu 15

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/3 dispożizzjoni 1]*

***Ambitu***

Din it-taqsima tapplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd bit-tkarkir li jistadu għall-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*), li joperaw fis-Subżoni Ġeografiċi (GSAs) 24, 25, 26 u 27 kif previst fl-Anness I.

*Artikolu 16*

[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/3 dispożizzjoni 17]

**Monitoraġġ xjentifiku**

L-Istati Membri, kull sena, għandhom jiżguraw monitoraġġ xjentifiku adegwat tal-istatus tal-ispeċijiet inklużi fl-ambitu ta' din it-taqsima.

*Artikolu 17*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/3 dispożizzjonijiet 26, 31 u 32]*

**Lista ta' bastimenti awtorizzati u attivi**

1. Sat-30 ta' Diċembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-lista tal-bastimenti tas-sajd kollha li huma awtorizzati biex jistadu għall-ispeċijiet elenkati fl-Artikolu 15 għas-sena ta' wara u li qed jistadu attivament għalihom. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din il-lista lis-Segretarjat tal-GFCM sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Din il-lista għandha tinkludi, għal kull bastiment, l-informazzjoni msemmija fl-Anness VIII.

2. Kwalunkwe bastiment tas-sajd li mhux inkluż fil-lista stabbilita skont il-paragrafu 1 ma għandux jitħalla jistad għal, iżomm abbord, jew iħott l-art aktar minn 3 fil-mija tal-qabda totali ta' piż ħaj tal-ispeċijiet elenkati fl-Artikolu 15.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe żieda, tħassir minn u/jew emenda tal-lista ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati, kull meta jokkorri kwalunkwe tibdil. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dawk l-emendi lis-Segretarjat tal-GFCM mingħajr dewmien.

*Artikolu 18*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/3 dispożizzjoni 27]*

**Attivitajiet tas-sajd**

Sal-31 ta' Lulju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni rapport dettaljat dwar l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd li joperaw fl-ambitu ta' din it-taqsima għas-sena ta' qabel. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak ir-rapport lis-Segretarjat tal-GFCM sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena. Dak ir-rapport għandu jinkludi mill-inqas il-punti li ġejjin:

(1) Il-jiem ta' operazzjoni;

(2) Iż-żona operattiva;

(3) Il-qabda totali.

*Artikolu 19*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/3 dispożizzjoni 28]*

**Restrizzjonijiet spazjali jew temporali addizzjonali**

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw restrizzjonijiet spazjali jew temporali addizzjonali minbarra dawk diġà fis-seħħ, li fihom l-attivitajiet tas-sajd jistgħu jiġu pprojbiti jew ristretti biex jipproteġu żoni ta' aggregazzjoni tal-frieħ tal-ħut.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe restrizzjoni spazjali jew temporali addizzjonali bħal dawn ladarba jiġu stabbiliti. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dawk l-emendi lis-Segretarjat tal-GFCM mingħajr dewmien.

*Artikolu 20*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/3 dispożizzjoni 36]*

**Obbligi ta' rappurtar**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, is-sajjieda jew il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd awtorizzati li qed jistadu b'mod attiv fl-ambitu ta' din it-taqsima għandhom jiddikjaraw il-qabdiet u l-qabdiet inċidentali kollha, irrispettivament mill-volum tal-qabda.

*Artikolu 21*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/3 dispożizzjonijiet 39, 41 u 42]*

**Punti deżinjati għall-ħatt l-art**

1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu punti tal-ħatt l-art fejn il-bastimenti li jistadu b'mod attiv fl-ambitu ta' din it-taqsima jwettqu ħatt l-art jew trasbord. Għal kull punt deżinjat, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-ħinijiet u l-postijiet permessi għall-ħatt l-art u t-trasbord.

2. Il-ħatt l-art u t-trasbord mill-bastimenti tas-sajd ta' kwalunkwe kwantità tal-ispeċijiet inklużi fl-ambitu ta' din it-taqsima għandu jkun ipprojbit fi kwalunkwe post ieħor għajr il-punti deżinjati mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kwalunkwe bidla fil-lista ta' postijiet deżinjati għall-ħatt l-art sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM sat-30 ta' Novembru ta' kull sena.

*Artikolu 22*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/3 dispożizzjoni 45]*

**Sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti**

Minkejja l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, il-bastimenti kollha b'tul totali ta' aktar minn 10 metri (LOA) li jistadu b'mod attiv fl-ambitu ta' din it-taqsima għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS).

*Artikolu 23*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/3 dispożizzjoni 46]*

**Ġurnal ta' abbord**

Minkejja l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, il-bastimenti tas-sajd awtorizzati li joperaw fl-ambitu ta' din it-taqsima għandu jkollhom abbord ġurnal ta' abbord li fih jiġu rreġistrati u ddikjarati l-qabdiet ta' kuljum, irrispettivament mill-piż ħaj tal-qabda, f'konformità mal-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament.

## TAQSIMA II

## IL-BAĦAR JONJU

*Artikolu 24*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/4 dispożizzjonijiet 1 u 3]*

**Ambitu**

Din it-taqsima tapplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd bit-tkarkir li jistadu għall-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*), li joperaw fil-GSAs 19, 20, u 21 kif previst fl-Anness I.

*Artikolu 25*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/4 dispożizzjoni 17]*

**Monitoraġġ xjentifiku**

L-Istati Membri, kull sena, għandhom jiżguraw monitoraġġ xjentifiku adegwat tal-istatus tal-ispeċijiet elenkati fl-Artikolu 24.

*Artikolu 26*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/4 dispożizzjonijiet 25, 26, 31 u 32]*

**Lista ta' bastimenti awtorizzati u attivi**

1. Sat-30 ta' Diċembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-lista tal-bastimenti tas-sajd kollha li jtajru l-bandiera tagħhom u li huma awtorizzati biex jistadu għall-ispeċijiet elenkati fl-Artikolu 24 għas-sena ta' wara u li qed jistadu attivament għalihom. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din il-lista lis-Segretarjat tal-GFCM sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Din il-lista għandha tinkludi, għal kull bastiment, l-informazzjoni msemmija fl-Anness VIII.

2. Kwalunkwe bastiment tas-sajd li mhux inkluż fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 ma għandux jitħalla, fi kwalunkwe vjaġġ tas-sajd partikolari, jistad, iżomm abbord, jew iħott l-art aktar minn 3 fil-mija tal-qabda totali ta' piż ħaj tal-ispeċijiet elenkati fl-Artikolu 24.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe żieda, tħassir minn u/jew emenda tal-lista ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati, kull meta jokkorri kwalunkwe tibdil. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dawk l-emendi lis-Segretarjat tal-GFCM mingħajr dewmien.

*Artikolu 27*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/4 dispożizzjoni 27]*

**Attivitajiet tas-sajd**

Sal-31 ta' Lulju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni rapport dettaljat dwar l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd li joperaw fl-ambitu ta' din it-taqsima għas-sena ta' qabel. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak ir-rapport lis-Segretarjat tal-GFCM sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena. Dak ir-rapport għandu jinkludi mill-inqas il-punti li ġejjin:

(1) Il-jiem ta' operazzjoni;

(2) Iż-żona operattiva;

(3) Il-qabda totali.

*Artikolu 28*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/4 dispożizzjoni 28]*

**Restrizzjonijiet spazjali jew temporali addizzjonali**

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw restrizzjonijiet spazjali jew temporali addizzjonali, minbarra dawk fis-seħħ diġà, li fihom l-attivitajiet tas-sajd jistgħu jiġu pprojbiti jew ristretti biex jipproteġu żoni ta' aggregazzjoni tal-frieħ tal-ħut.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe restrizzjoni spazjali jew temporali addizzjonali bħal dawn ladarba jiġu stabbiliti. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dawk l-emendi lis-Segretarjat tal-GFCM mingħajr dewmien.

*Artikolu 29*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/4 dispożizzjoni 36]*

**Obbligi ta' rappurtar**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, is-sajjieda jew il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd awtorizzati li qed jistadu b'mod attiv fl-ambitu ta' din it-taqsima għandhom jiddikjaraw il-qabdiet u l-qabdiet inċidentali kollha, irrispettivament mill-volum tal-qabda.

*Artikolu 30*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/4 dispożizzjonijiet 38, 39, 41 u 42]*

**Punti deżinjati għall-ħatt l-art**

1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu punti tal-ħatt l-art fejn isiru l-ħatt l-art u t-trasbord minn bastimenti li jistadu b'mod attiv fl-ambitu ta' din it-taqsima. Għal kull punt deżinjat, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-ħinijiet u l-postijiet permessi għall-ħatt l-art u t-trasbord.

2. Il-ħatt l-art u t-trasbord mill-bastimenti tas-sajd ta' kwalunkwe kwantità tal-ispeċijiet inklużi fl-ambitu ta' din it-taqsima għandu jkun ipprojbit fi kwalunkwe post ieħor għajr il-punti deżinjati mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kwalunkwe bidla fil-lista ta' postijiet deżinjati għall-ħatt l-art sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM sat-30 ta' Novembru ta' kull sena.

*Artikolu 31*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/4 dispożizzjoni 45]*

**Sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti**

Minkejja l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, il-bastimenti kollha b'tul totali ta' aktar minn 10 metri (LOA) li jistadu b'mod attiv fl-ambitu ta' din it-taqsima għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS).

*Artikolu 32*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/4 dispożizzjoni 46]*

**Ġurnal ta' abbord**

Minkejja l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, il-bastimenti tas-sajd awtorizzati li joperaw fl-ambitu ta' din it-taqsima għandu jkollhom abbord ġurnal ta' abbord li fih jiġu rreġistrati u ddikjarati l-qabdiet ta' kuljum, irrispettivament mill-piż ħaj tal-qabda, f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament.

## TAQSIMA III

## IL-KANAL TA' SQALLIJA

*Artikolu 33*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/6 dispożizzjoni 1]*

**Ambitu**

Din it-taqsima tapplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd bit-tkarkir li jistadu għall-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*), li joperaw fil-GSAs 12, 13, 14, 15 u 16 kif previst fl-Anness I.

*Artikolu 34*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/6 dispożizzjoni 13]*

**Miżuri ta' ġestjoni tal-flotta**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità tal-flotta tagħhom tinżamm għall-isfruttament tal-ispeċijiet fl-ambitu ta' din it-taqsima f'livelli stabbiliti fit-Tabella A tal-Anness XII.

*Artikolu 35*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/6 dispożizzjoni 5]*

**Monitoraġġ xjentifiku**

L-Istati Membri, kull sena, għandhom jiżguraw monitoraġġ xjentifiku adegwat tal-istatus tal-ispeċijiet elenkati fl-Artikolu 33.

*Artikolu 36*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/6 dispożizzjonijiet 7, 8 u 14]*

**Lista ta' bastimenti awtorizzati u attivi**

1. Sal-31 ta' Mejju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-lista tal-bastimenti tas-sajd kollha li jtajru l-bandiera tagħhom u li huma awtorizzati biex jistadu għall-ispeċijiet elenkati fl-Artikolu 33 għas-sena ta' wara u li qed jistadu attivament għalihom. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena. Din il-lista għandha tinkludi, għal kull bastiment, l-informazzjoni msemmija fl-Anness VIII.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe żieda, tħassir minn u/jew emenda tal-lista ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati, kull meta jokkorri kwalunkwe tibdil. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dawk l-emendi lis-Segretarjat tal-GFCM mingħajr dewmien.

*Artikolu 37*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/6 dispożizzjoni 9]*

**Attivitajiet tas-sajd**

Sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni rapport dettaljat dwar l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd li joperaw fl-ambitu ta' din it-taqsima għas-sena ta' qabel. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak ir-rapport lis-Segretarjat tal-GFCM sat-30 ta' Novembru ta' kull sena. Dan ir-rapport għandu jinkludi mill-inqas il-punti li ġejjin:

(1) Il-jiem ta' operazzjoni;

(2) Iż-żona operattiva;

(3) Il-qabda totali.

*Artikolu 38*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/6 dispożizzjoni 10]*

**Miżuri spazjali jew temporali addizzjonali**

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw restrizzjonijiet spazjali jew temporali addizzjonali, minbarra dawk diġà fis-seħħ, li fihom l-attivitajiet tas-sajd jistgħu jiġu pprojbiti jew ristretti biex jipproteġu żoni ta' aggregazzjoni tal-frieħ tal-ħut.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe restrizzjoni spazjali jew temporali addizzjonali bħal dawn ladarba jiġu stabbiliti. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dawk l-emendi lis-Segretarjat tal-GFCM mingħajr dewmien.

*Artikolu 39*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/6 dispożizzjonijiet 17, 18 u 19]*

**Punti ta' ħatt l-art**

1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu punti ta' ħatt l-art fejn il-bastimenti li jistadu attivament fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din it-taqsima jħottu l-art.

2. Il-ħatt l-art u t-trasbord mill-bastimenti tas-sajd ta' kwalunkwe kwantità tal-ispeċijiet elenkati fl-Artikolu 33 għandu jkun ipprojbit fi kwalunkwe post ieħor għajr il-punti deżinjati mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 1.

3. Is-sajjieda jew il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd awtorizzati li jistadu b'mod attiv fl-ambitu ta' din it-taqsima għandhom jiddikjaraw il-qabdiet kollha tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 33, irrispettivament mill-volum tal-qabda.

# KAPITOLU III

## *QROLL AĦMAR*

*Artikolu 40*

**Ambitu**

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 dispożizzjoni 2]*

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-attivitajiet tas-sajd kummerċjali kollha li jaħsdu l-qroll aħmar (*Coralium rubrium*), jiġifieri s-sajd immirat, inċidentali u rikreattiv, fl-ilmijiet marini kollha tal-Baħar Mediterran, kif previst fl-Anness I.

---

| |
|---|
| 🡻 2102/2015 Art. 1.2 (adattat)<br>⇨ ġdid |

# ~~KAPITOLU IV~~

## ~~KONSERVAZZJONI U SFRUTTAMENT SOSTENIBBLI TAL-QROLL AĦMAR~~

~~*Artikolu 16a*~~

2. Dan il-Kapitolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2) ~~u l-punti (c) u (g) tal-Artikolu 8(1)~~ tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, ⇨ l-Artikolu 7 tar-Reglament (UE) 2019/1241 ⇦ jew għal kwalunkwe miżura aktar stretta li tirriżulta mid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[26].

[26] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

⇩ ġdid

*Artikolu 41*

[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 dispożizzjoni 8]

**Pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali għall-qroll aħmar.

2. Skont l-informazzjoni xjentifika disponibbli, il-ġestjoni għandha ssir f'bank tal-qroll aħmar, f'rettangolu statistiku tal-GFCM jew fil-livell nazzjonali. Kwalunkwe pjan ta' ġestjoni nazzjonali għandu jinkludi mill-inqas l-elementi elenkati fl-Artikoli 42, 43, 44, 46, 47, 48, 49, 50, 51, 52, 54, 55 u 58.

3. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-pjan ta' ġestjoni nazzjonali tagħhom għall-qroll aħmar lill-Kummissjoni 10 ijiem tax-xogħol wara l-adozzjoni tiegħu u l-Kummissjoni għandha tibgħathom lis-Segretarjat tal-GFCM sa mhux aktar tard minn 15-il jum wara l-adozzjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom minnufih jerġgħu jippreżentaw kwalunkwe pjan ta' ġestjoni nazzjonali aġġornat għall-qroll aħmar lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lis-Segretarjat tal-GFCM, b'mod partikolari meta jiġi deċiż għeluq ġdid jew ftuħ ġdid ta' bankijiet tal-qroll aħmar.

---

🡻 1343/2011 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 42 ~~16d~~*

**Irkaptu u tagħmir**

~~1.~~ Għall-ġbir tal-qroll aħmar, l-uniku rkaptu permess għandu jkun martell użat fl-għadis bl-akkwalang minn ⌦ bastimenti awtorizzati jew sajjieda ⌫ ~~sajjieda~~ li jkunu awtorizzati jew rikonoxxuti mill-awtorità nazzjonali kompetenti. ⇨ Matul il-ġbir, is-sajjied awtorizzat għandu jiżgura li l-bażi tal-kolonja tal-qroll ma tinqalax mis-sottostrat. ⇦

~~3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-użu ta' ROVs li jkunu ġew awtorizzati minn Stat Membru qabel it-30 ta' Settembru 2011 għall-fini ta' osservazzjoni u prospettar għandu jibqa' jkun permess f'żoni li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat Membru dment li l-ROVs ikkonċernati ma jkunux jistgħu jiġu mgħammra b'dirgħajn manipulaturi jew bi kwalunkwe apparat ieħor li jippermetti l-qtugħ u l-ġbir tal-qroll aħmar.~~

~~Tali awtorizzazzjonijiet għandhom jiskadu jew jiġu rtirati sal-31 ta' Diċembru 2015, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx kiseb riżultati xjentifiċi li juru li l-użu ta' ROVs wara l-2015 ma jkollu l-ebda impatt negattiv fuq l-isfruttament sostenibbli tal-qroll aħmar.~~

~~4. B'deroga mill-paragrafu 2, Stat Membru jista' jawtorizza l-użu ta' ROVs mingħajr dirgħajn manipulaturi għall-fini ta' osservazzjoni u prospettar f'żoni li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat Membru dment li jkun kiseb riżultati xjentifiċi fil-kuntest tal-qafas ta' ġestjoni nazzjonali li juru li m'hemm l-ebda impatt negattiv fuq l-isfruttament sostenibbli tal-qroll aħmar.~~

~~Tali awtorizzazzjonijiet għandhom jiskadu jew jiġu rtirati sal-31 ta' Diċembru 2015, sakemm ir-riżultati xjentifiċi msemmija fl-ewwel subparagrafu ma jiġux validati mill-GFCM.~~

5. B'deroga mill-paragrafu 2, Stat Membru jista' jawtorizza, għal perijodu ta' żmien limitat li ma jaqbiżx il-31 ta' Diċembru 2015, l-użu ta' ROVs għall-fini ta' kampanji xjentifiċi sperimentali għall-osservazzjoni u l-ġbir ta' qroll aħmar, dment li l-kampanji jsiru taħt is-superviżjoni ta' istituzzjoni ta' riċerka nazzjonali jew bil-kollaborazzjoni ta' korpi xjentifiċi nazzjonali jew internazzjonali kompetenti kif ukoll ma' kwalunkwe parti kkonċernata rilevanti oħra.

*Artikolu 4316b*

**Fond minimu għall-ġbir**

1. Il-ġbir tal-qroll aħmar huwa pprojbit f'ilmijiet ta' fond ta' inqas minn 50 metru sakemm il-GFCM ma tindikax mod ieħor.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14527 ta' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 18(1) sa (6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27] sabiex tagħti derogi mill-paragrafu 1.

3. Ir-rakkomandazzjonijiet konġunti li għandhom jiġu ppreżentati skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-finijiet ta' derogi kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu akkumpanjati minn:

(a) informazzjoni dettaljata dwar il-qafas ta' ġestjoni nazzjonali;

(b) il-ġustifikazzjonijiet xjentifiċi jew tekniċi;

(c) il-lista tal-bastimenti tas-sajd, jew in-numru ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija, fir-rigward tal-ġbir tal-qroll aħmar f'ilmijiet ta' fond ta' inqas minn 50 metru; u

(d) il-lista taż-żoni tas-sajd fejn tali ġbir huwa awtorizzat, kif identifikati permezz ta' koordinati ġeografiċi kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar.

Kwalunkwe rakkomandazzjoni konġunta minn Stati Membri kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi ppreżentata sad-29 ta' Novembru 2018.

4. Id-derogi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jingħataw jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun hemm fis-seħħ qafas ta' ġestjoni nazzjonali adatt, inkluża skema għall-awtorizzazzjoni tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009; u

(b) permezz ta' għeluq spazjotemporali, jiġi żgurat li jkun qed jiġi sfruttat biss għadd limitat ta' kolonji ta' qroll aħmar.

---

⇩ ġdid

(a) tali derogi jkunu ġew implimentati kontinwament permezz ta' regoli ta' ġestjoni matul mill-inqas 5 snin qabel it-18 ta' April 2020 jew;

(b) f'każ ta' deroga ġdida, għandha tkun appoġġata mill-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku (SAC) tal-GFCM, li juri li t-talba hija konformi mal-objettivi ta' dan il-Kapitolu.

---

27 Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

↓ 1343/2011

~~5. Minkejja l-paragrafi 2 sa 4 u bħala miżura ta' transizzjoni, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni GFCM/35/2011/2, dment li:~~

~~(a) dawk il-miżuri jkunu parti minn qafas ta' ġestjoni nazzjonali adatt; u u~~

~~(b) l-Istat Membru kkonċernat jinforma kif dovut lill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni ta' dawk il-miżuri.~~

~~L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li kwalunkwe deroga ma tibqax tapplika wara d-data ta' applikazzjoni tal-att delegat rilevanti adottat f'konformità mal-paragrafu 2.~~

~~6. Fejn il-Kummissjoni tqis, abbażi tan-notifiki magħmulin mill-Istati Membri kkonċernati f'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 5, li miżura nazzjonali adottata wara t-28 ta' Novembru 2015 ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 4, hija tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat jemenda dik il-miżura dment li tagħti raġunijiet rilevanti u wara li tkun ikkonsultatu.~~

↓ 1343/2011 (adattat)

5~~7~~. Il-Kummissjoni għandha tinforma ~~lis-Segretarju Eżekuttiv~~ ⌦ lis-Segretarjat ⌫ tal-GFCM dwar il-miżuri adottati f'konformità mal-paragrafu ~~i~~ 2 ~~u 5~~.

*Artikolu 44~~16e~~*

**Daqs minimu ⌦ ta' referenza għall-konservazzjoni ⌫ ~~Id-dijametru tal-bażi minimu tal-kolonji~~**

1. Qroll aħmar minn kolonji ta' qroll aħmar li d-dijametru ~~tal-bażi~~ ~~taz-zokk~~ tiegħu, imkejjel massimu ta' ~~minn~~ċentimetru 'l bogħod mill-bażi tal-kolonja, huwa ~~iżgħar~~ ⌦ inqas ⌫ minn 7 mm, ma għandux jinġabar, jinżamm abbord, jiġi ttrasbordat, jinħatt l-art, jiġi ttrasferit, jinħażen, jinbiegħ jew jintwera jew jiġi offrut għall-bejgħ bħala prodott mhux ipproċessat.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa, f'konformità mal-Artikolu 145 ~~27~~ ta' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 18(1) sa (6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, tadotta atti delegati biex tawtorizza, b'deroga mill-paragrafu 1, limitu massimu ta' tolleranza ta' 10 % tal-piż ħaj ta' kolonji ta' qroll aħmar ta' daqs żgħir (< 7 mm).

3. Ir-rakkomandazzjonijiet konġunti li għandhom jiġu ppreżentati skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-finijiet ta' deroga kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu akkumpanjati mill-ġustifikazzjonijiet xjentifiċi jew tekniċi għal dik id-deroga.

~~Kwalunkwe rakkomandazzjoni konġunta minn Stati Membri kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi ppreżentata sad-29 ta' Novembru 2018.~~

~~4. Id-derogi kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jingħataw jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:~~

~~(a) ikun hemm fis-seħħ qafas ta' ġestjoni nazzjonali, inkluża skema għall-awtorizzazzjoni tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;~~

~~(b) ikun hemm fis-seħħ programmi speċifiċi ta' monitoraġġ u kontroll.~~

~~5. Minkejja l-paragrafi 2 sa 4 u bħala miżura ta' transizzjoni, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni GFCM/36/2012/1, dment li:~~

~~(a) dawk il-miżuri jagħmlu parti minn qafas ta' ġestjoni nazzjonali adatt; u u~~

~~(b) l-Istat Membru kkonċernat jinforma kif dovut lill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni ta' dawk il-miżuri.~~

~~L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li kwalunkwe deroga ma tibqax tapplika wara d-data ta' applikazzjoni tal-att delegat rilevanti adottat f'konformità mal-paragrafu 2.~~

~~6. Fejn il-Kummissjoni tqis, abbażi tan-notifiki magħmulin mill-Istati Membri kkonċernati f'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 5, li miżura nazzjonali adottata wara t-28 ta' Novembru 2015 ma tkunx tissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 4, hija tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat jemenda dik il-miżura dment li tagħti raġunijiet rilevanti u wara li tkun ikkonsultatu.~~

4~~7~~.Il-Kummissjoni għandha tinforma ~~lis-Segretarju Eżekuttiv tal-~~ ⌦ lis-Segretarjat tal- ⌫GFCM dwar il-miżuri adottati f'konformità mal-paragrafu~~i~~ 2 ~~u 5~~.

⇩ ġdid

*Artikolu 45*

**Trażmissjoni tad-*data* dwar il-qbid u l-isforz**

Kull sena, sal-31 ta' Mejju, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-qbid u l-isforz tagħhom eżerċitat fis-sena ta' qabel. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dik id-*data* lis-Segretarjat tal-GFCM sat-30 ta' Ġunju.

🡻 982/2019 Art. 1.6 (adattat)
⇨ ġdid

**~~TITOLU IIA~~**

***~~KAPAĊITÀ TAS-SAJD U OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD~~***

Artikolu 46 ~~16m~~

**Il-limiti ta' qbid ~~għall-qroll aħmar~~**

1. Kull Stat Membru jista' jistabbilixxi ~~fil-Baħar Mediterran~~ sistema ta' limiti ta' ⇨ qbid u/jew sforz tas-sajd ⇦ ~~qbid~~ ta' kuljum u/jew annwali individwali ~~għall-qroll aħmar~~ ⇨ għas-sajjieda awtorizzati tagħhom u għall-bastimenti tas-sajd awtorizzati tagħhom. Tali limiti għandhom ikunu konsistenti mal-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd mogħtija, il-limiti annwali tal-ġbir u l-limiti tal-isforz tas-sajd stabbiliti għall-Istat Membru kkonċernat⇦ .

⇩ ġdid

*[Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 dispożizzjoni 21]*

2. Meta, għal sena partikolari u bank tal-qroll aħmar identifikat kif suppost, jew, fl-iskala tar-rettangolu statistiku tal-GFCM rilevanti jekk il-bank tal-qroll aħmar ma jkunx ġie identifikat kif suppost, il-proporzjon ta' kolonji miġbura taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni (MCRS), kif definit fl-Artikolu 44, ikun:

(a) inqas minn 10 % tal-qabda totali miġbura minn bank tal-qroll aħmar partikolari għal sena partikolari, l-Istati Membri li ma jkollhomx pjan ta' ġestjoni nazzjonali fis-seħħ għandhom jimplimentaw miżuri ta' kontroll aktar stretti fuq iż-żona kkonċernata;

(b) aktar minn 10 % u inqas minn 25 % tal-qabda totali miġbura minn bank tal-qroll aħmar partikolari għal sena partikolari, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw kontroll aktar strett fuq iż-żona kkonċernata u jistħarrġu l-istruttura tad-daqs tal-popolazzjoni tal-qroll aħmar, irrispettivament mill-eżistenza ta' pjan ta' ġestjoni nazzjonali.

---

↓ 982/2019 Art. 1.8 (adattat)
⇨ ġdid

~~*Artikolu 16ca*~~

~~**Għeluq ta' prekawzjoni għall-qroll aħmar**~~

3~~1~~. Meta jintlaħaq il-livell ta' qabdiet skattatur tal-qroll aħmar kif imsemmi fil-paragrafi 2~~4~~ u ~~3~~5 , l-Istati Membri għandhom jagħlqu ż-żona kkonċernata b'mod temporali għal kwalunkwe sajd għall-qroll aħmar.

4~~2~~. Il-livell ta' qabdiet skattatur għandu jitqies li ntlaħaq meta l-kolonji tal-qroll aħmar b'dijametru bażiku ta' anqas minn 7 mm jaqbżu l-25 % tal-qabda totali li ssir minn bank partikolari tal-qroll aħmar għal sena partikolari.

5~~3~~. Meta l- bankijiet ~~banks~~ tal-qroll ma jkunux għadhom ġew identifikati kif suppost, il-livell ta' qabdiet skattatur u l-għeluq previst fil-paragrafu 3~~1~~ għandhom japplikaw fuq l-iskala tar-rettangolu statistiku tal-GFCM.

6~~4~~. ⇨ L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimplimentaw l-għeluq prekawzjonarju previst fil-paragrafu 3. ⇦ Fid-deċiżjoni tagħhom li tistabbilixxi għeluq ~~kif imsemmi fil-paragrafu 1~~, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu ż-żona ġeografika ⇨ taż-żona tal-ġbir affettwata ⇦ ~~kkonċernata~~, id-durata tal-għeluq u l-kundizzjonijiet li jirregolaw is-sajd f'dik iż-żona matul l-għeluq ⇨, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-ftuħ mill-ġdid tas-sajd ⇦ .

---

⇩ ġdid

*[Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 dispożizzjoni 26]*

7. L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw regola ta' tbegħid għall-bastimenti tas-sajd biex jieqfu mis-sajd u jimxu fid-direzzjoni l-inqas probabbli li tirriżulta f'aktar inkontri mal-kolonji, bil-ħsieb li jevitaw li jilħqu l-iskattatur definit fil-paragrafu 4 u jiżguraw sfruttament u rkupru ottimali tal-kolonji.

8. Meta l-Istati Membri jimplimentaw regoli ta' tbegħid, huma għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni u l-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-Segretarjat tal-GFCM.

*[Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 dispożizzjoni 27]*

9. L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw sistema ta' newba tal-għelejjel bejn il-bankijiet tal-qroll aħmar tagħhom biex jiżguraw l-aħjar sfruttament u rkupru tal-kolonji.

10. Meta l-Istati Membri jimplimentaw mekkaniżmu ta' newba tal-għelejjel, huma għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni u l-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-Segretarjat tal-GFCM.

---

↓ 982/2019 Art. 1.6 (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 47~~16cb~~

**Għeluq spazjali ⌦ jew temporali ⌫ ~~Għeluq spazjali/~~**

1. ⇨ Minbarra l-għeluq diġà stabbilit fil-livell nazzjonali, l ⇦-Istati Membri li jistadu b'mod attiv għall-qroll aħmar ⇨ jistgħu ⇦ ~~għandhom~~ jintroduċu għeluq addizzjonali ⇨ spazjali jew temporali ⇦ għall-protezzjoni tal-qroll aħmar fuq il-bażi tal-parir xjentifiku disponibbli ~~u mhux aktar tard mill-11 ta' Jannar 2020~~.

2~~5~~. ⌦ L-Istati Membri li jistabbilixxu l-għeluq għandhom jinformaw lis-Segretarjat tal-GFCM u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. ⌫

---

↓ 982/2019 Art. 1.6 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 48*

**⌦ Vetturi ta' taħt l-ilma li jitħaddmu mill-bogħod (ROVs) ⌫**

~~2~~. L-użu ta' Vetturi ta' taħt l-ilma li Jitħaddmu mill-Bogħod (ROVs) ~~għall-isfruttament tal-qroll aħmar~~ għandu jkun ipprojbit~~huwa pprojbit~~ ⇨ fiż-żona msemmija fl-Artikolu 40 ⇦ .

---

↓ 982/2019 Art. 1.10 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 49~~22a~~*

**~~L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-qroll aħmar~~ ⌦ Miżuri ta' ġestjoni tal-flotta ⌫**

1. Bastimenti jew ~~sajjieda~~ ⌦ sajjieda għandhom ikunu ⌫ awtorizzati li jistadu għall-qroll aħmar fil-Baħar Mediterran ~~għandu jkollhom~~ ⌦ biss jekk ikollhom ⌫ awtorizzazzjoni tas-sajd valida ⇨ li tkun inħarġet rispettivament mill-Istat Membru tal-bandiera jew mill-awtoritajiet tal-Istat Membru kostali fejn jitwettqu l-attivitajiet tas-sajd. Tali awtorizzazzjonijiet ⇦ ~~, li għandha tispeċifika l-~~ għandhom jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tekniċi li fihom jista' jsir is-sajd.

2. Fin-nuqqas ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, għandu jkun ipprojbit li wieħed jistad, iżomm abbord, jittrasborda, iħott, jittrasferixxi, jaħżen, ibigħ jew juri jew joffri għall-bejgħ il-qroll aħmar.

---

⇩ ġdid

3. Awtorizzazzjoni tas-sajd tista' tingħata biss lil sajjied (għaddas) li jikkonforma mal-istandards għall-għaddasa professjonali f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

🡻 982/2019 Art. 1.10 (adattat)
⇨ ġdid

~~3~~4. L-Istati Membri għandhom iżommu reġistru aġġornat tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 u għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, mhux aktar tard mill-31 ta' ~~Marzu~~ ⇨ Mejju ⇦ kull sena, il-lista ta' ⇨ sajjieda u ⇦ bastimenti li għalihom ikunu nħarġu l-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dik il-lista lis-Segretarjat tal-GFCM sa mhux aktar tard mit-30 ta' ~~April~~ ⇨ Ġunju ⇦kull sena. Dik il-lista għandha tinkludi ⇨ tal-inqas ⇦l-informazzjoni ~~li ġejja~~ ⌦ msemmija fl-Anness VIII ⌫ għal kull bastiment.~~:~~

~~(a) l-isem tal-bastiment;~~

~~(b) in-numru tar-reġistru tal-bastiment (kodiċi assenjat mill-parti kontraenti);~~

~~(c) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-GFCM (il-kodiċi 3-alfa tal-ISO tal-pajjiż + 9 figuri, eż. xxx000000001);~~

~~(d) il-port tar-reġistrazzjoni (l-isem sħiħ tal-port);~~

~~(e) l-isem ta' qabel (jekk kien hemm);~~

~~(f) il-bandiera ta' qabel (jekk kien hemm);~~

~~(g) id-dettalji tat-tħassir ta' qabel minn reġistri oħra (jekk kien hemm);~~

~~(h) is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju (jekk hemm);~~

~~(i) il-VMS jew tagħmir ieħor għall-ġeolokalizzazzjoni tal-bastimenti (indika I/L);~~

~~(j) it-tip ta' bastiment, it-tul totali (LOA) u t-tunnellaġġ gross (GT) u/jew it-tunnellaġġ reġistrat gross (GRT) u s-saħħa tal-magna espressa f'kW;~~

~~(k) it-tagħmir ta' sikurezza u ta' sigurtà għall-ospitar tal-osservatur(i) abbord (indika I/L);~~

~~(l) il-perjodu ta' żmien li fih hu awtorizzat is-sajd għall-qroll aħmar;~~

~~(m) iż-żona/i li fiha/fihom hu awtorizzat is-sajd għall-qroll aħmar: is-subżoni ġeografiċi tal-GFCM u ċ-ċelloli tal-grilja statistika tal-GFCM;~~

~~(n) il-parteċipazzjoni fi programmi ta' riċerka mmexxija minn istituzzjonijiet xjentifiċi nazzjonali/internazzjonali (indika I/L; ipprovdi deskrizzjoni qasira).~~

~~5~~4. L-Istati Membri m'għandhomx iżidu n-numru ta' ⇨ sajjieda awtorizzati u ⇦ ~~awtorizzazzjonijiet~~ ⇨ bastimenti awtorizzati ⇦ tas-sajd sa meta ⇨ l-parir xjentifiku vvalidat mill-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv tal-GFCM ⇦ ~~l-parir xjentifiku~~ jindika ~~status favorevoli tal-popolazzjonijiet tal-qroll aħmar~~ ⇨ li l-popolazzjonijiet tal-qroll aħmar ikunu reġgħu lura għal livelli sostenibbli li jippermettu li jkomplu jiġu sfruttati ⇦ .

⇩ ġdid

*[Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 dispożizzjoni 31]*

6. Il-qbid u ż-żamma abbord, it-trasbord jew il-ħatt l-art ta' qroll aħmar għandhom ikunu pprojbiti għal finijiet ta' sajd rikreattiv.

↓ 982/2019 Art. 1.10 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 50~~22d~~*

**Il-portijiet deżinjati ~~għall-qroll aħmar~~**

Is-~~sajjieda~~ ⌦ sajjieda ⌫ jew il-bastimenti ~~tas-sajd~~ awtorizzati għandhom iħottu ⇨ u jittrasbordaw ⇦ qabdiet tal-qroll aħmar f'portijiet magħżula biss. Għaldaqstant, kull Stat Membru għandu jagħżel il-portijiet li fihom hu awtorizzat il-ħatt ⇨ u t-trasbord ⇦ tal-qroll aħmar u jikkomunika lista ta' dawk il-portijiet ⇨ lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din il-lista⇦ lis-Segretarjat tal-GFCM ~~u lill-Kummissjoni~~ mhux aktar tard mit-30 ta' ~~April~~ ⇨ Ġunju ⇦ kull sena, ħlief fil-każ li ma jkun seħħ ebda tibdil fil-portijiet magħżula diġà kkomunikati. ⇨ L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw minnufih kwalunkwe aġġornament ta' din il-lista lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dawk l-aġġornamenti lis-Segretarjat tal-GFCM mingħajr dewmien. ⇦

*Artikolu 51~~22e~~*

**Notifika minn qabel ~~għall-qroll aħmar~~**

⇨Qabel id-dħul fi kwalunkwe port, u mill-inqas erba' sigħat ⇦ ~~Bejn sagħtejn u erba' sigħat~~ qabel il-ħin stmat tal-wasla fil-port, ⇨ jew mill-inqas siegħa jekk iż-żona tas-sajd tkun inqas minn erba' sigħat mill-port tal-wasla, ⇦ il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd jew ir-rappreżentant tagħhom ⇨ jew is-sajjieda awtorizzati, ⇦ għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet rilevanti bl-informazzjoni li ġejja:

(1) ~~(a)~~ il-ħin stmat tal-wasla ⌦ fil-port ⌫ ;

(2) ~~(b)~~ in-numru ta' identifikazzjoni estern u l-isem tal-bastiment ⇨ awtorizzat ⇦ ~~tas-sajd~~ ⇨ jew il-bastiment użat għall-ġbir ⇦ ;

(3) ~~(c)~~ il-kwantità stmata f'piż ħaj u ~~, jekk possibbli, i~~ n-numru ta' kolonji tal-qroll aħmar miżmuma abbord;

(4) ~~(d)~~ l-informazzjoni dwar iż-żona ~~ġeografika~~ ⇨ tal-ġbir ⇦ ⇨ , preferibbilment bil-koordinati ġeografiċi ⇦ ~~fejn tkun saret il-qabda~~.

*Artikolu 52~~22b~~*

**Reġistrazzjoni tal-qabdiet ~~għall-qroll aħmar~~**

1. Is-⌦ sajjieda ⌫ ~~sajjieda~~ jew il-kaptani tal-bastimenti awtorizzati biex jistadu għall-qroll aħmar għandhom jirreġistraw ~~il-qabdiet f'piż ħaj, u, jekk possibbli, in-numru ta' kolonji, wara l-operazzjonijiet tas-sajd, jew, sa mhux aktar tard minn meta dawn jinħattu fil-port, f'każ ta' vjaġġi tas-sajd ta' kuljum~~ ⇨ il-qabdiet tagħhom wara kull operazzjoni ta' ġbir ⇦.

2. Il-bastimenti tas-sajd awtorizzati jistadu għall-qroll aħmar għandu jkollhom abbord ġurnal ta' abbord li fih jiġu rreġistrati l-qabdiet ta' kuljum tal-qroll aħmar, irrispettivament mill-piż ħaj tal-qabda, u l-attività tas-sajd skont iż-żona u l-fond, inkluż, fejn possibbli, in-numru ta' jiem tas-sajd u ta' għadsiet. Dik l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti qabel l-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

↓ 2102/2015 Art. 1.4 (adattat)

~~*Artikolu 23a*~~

~~**Ir-rappurtar ta' data rilevanti lill-Kummissjoni**~~

~~1~~3. Sal-15 ta' Diċembru ta' kull sena, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni~~:~~

↓ 982/2019 Art. 1.11(a) (adattat)

~~(a)~~ id-*data*~~data~~ dwar il-qroll aħmar imsemmija f⌦ 'dan ⌫ l-Artikolu. ~~22b; u~~

↓ 2102/2015 Art. 1.4 (adattat)

~~(b) fil-forma ta' rapport elettroniku, ir-rati ta' qabdiet inċidentali u ta' rilaxx ta' tjur tal-baħar, fkieren tal-baħar, bumerini, ċetaċji u klieb il-baħar u raj, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti rrappurtata skont il-punti (a), (b), (c), (d) u (e) rispettivament tal-Artikolu 17b(1).~~

~~2.~~ Il-Kummissjoni għandha tibgħat ~~l-~~ ⌦ din l- ⌫informazzjoni ~~msemmija fil-paragrafu 1~~ lis-~~Segretarju Eżekuttiv~~ ⌦ Segretarjat ⌫ tal-GFCM sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena.

⇩ ġdid

*[Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 dispożizzjoni 36]*

*Artikolu 53*

**Proġetti pilota**

L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw proġetti pilota biex jiżguraw li s-sajjieda jew il-bastimenti kollha awtorizzati li jiġbru l-qroll aħmar jużaw VMS jew kwalunkwe sistema oħra ta' ġeolokalizzazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet ta' kontroll isegwu l-attività tagħhom f'kull ħin matul il-vjaġġi tas-sajd.

↓ 982/2019 Art. 1.10

Artikolu 54~~22e~~

**Kontroll tal-ħatt tal-qroll aħmar**

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi programm ta' kontroll ibbażat fuq l-analiżi tar-riskju, b'mod partikolari biex jivverifika l-ħatt u jivvalida l-ġurnali ta' abbord.

↓ 982/2019 Art. 1.10 (adattat)

*Artikolu 55~~22f~~*

⌦ **Operazzjonijiet ta' trasbord** ⌫ ~~Trasbord tal-qroll aħmar~~

L-operazzjonijiet ta' trasbord fil-baħar tal-qroll aħmar għandhom ikunu pprojbiti.

⇩ ġdid

[Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 dispożizzjoni 40]

*Artikolu 56*

**Pjan ta' spezzjoni**

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi pjan ta' spezzjoni li jkun fih il-miżuri ta' kontroll u infurzar stabbiliti f'dan il-Kapitolu, filwaqt li jqis l-elementi elenkati fl-Anness V. Dawn il-pjanijiet ta' spezzjoni għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena u l-Kummissjoni għandha tibgħat dawn il-pjanijiet lis-Segretarjat tal-GFCM sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

*Artikolu 57*

**Traċċabbiltà tal-prodotti tal-qroll aħmar**

[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 dispożizzjonijiet 41, 47 u 49]

1. Għal perjodu tranżizzjonali ta' tliet snin (2020–2022), l-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fil-fażi pilota tal-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid (CDS), biex jiġi identifikat l-oriġini tal-ġbir tal-qroll aħmar fiż-żona ta' applikazzjoni tal-GFCM, u jiġu implimentati l-miżuri ta' traċċabbiltà li ġejjin:

(a) mal-ħatt l-art, l-importazzjonijiet, l-esportazzjoni u l-esportazzjonijiet mill-ġdid kollha tal-qroll aħmar maħsud, għandu jkun hemm ċertifikat validat ta' CDS kif imsemmi fl-Anness X u maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera;

(b) kull ċertifikat għandu jkollu numru ta' identifikazzjoni uniku għad-dokument. Dan in-numru għandu jkun speċifiku għall-Istat tal-bandiera u għandu jiġi assenjat lil kull sajjied jew bastiment awtorizzat. Dawn iċ-ċertifikati m'għandhomx ikunu trasferibbli għal sajjied ieħor jew bastiment awtorizzat ieħor;

(c) L-Istati Membri għandhom jivvalidaw iċ-ċertifikati tal-ġbir tas-CDS għall-qroll aħmar biss meta l-informazzjoni kollha li tinsab fis-CDS tkun ġiet stabbilita bħala preċiża mill-verifika tad-dokumenti ta' sostenn u l-kunsinna korrispondenti.

2. L-Istati Membri li jipparteċipaw fil-fażi pilota għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, u l-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-GFCM kif xieraq, dwar l-implimentazzjoni tal-fażi pilota fil-kuntest ta' CDS permanenti għall-qroll aħmar.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 144 ta' dan ir-Regolament, sabiex tistabbilixxi CDS permanenti bl-iskop li tidentifika l-oriġini tal-qroll aħmar

🡻 982/2019 Art. 1.10

*Artikolu 58~~22g~~*

**Informazzjoni xjentifika għall-qroll aħmar**

⇩ ġdid

1. Minbarra d-dispożizzjonijiet relatati mal-qroll aħmar li jinsabu fil-manwal tad-DCRF, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw id-*data* elenkata hawn taħt fil-bank, fir-rettangolu statistiku tal-GFCM u fil-livell nazzjonali, meta disponibbli:

(a) l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-qroll aħmar mogħtija għas-sajjieda u għall-bastimenti awtorizzati;

(b) l-għadd ta' għaddasa għal kull sajjied awtorizzat u kull vjaġġ tas-sajd;

(c) l-għadd ta' sajjieda awtorizzati abbord għal kull vjaġġ tas-sajd; u

(d) d-dijametru ta' kull kolonja maħsuda, jekk possibbli.

Tali *data* għandha tiġi rrappurtata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju u l-Kummissjoni għandha tibgħat lis-Segretarjat tal-GFCM sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena.

---

🡻 982/2019 Art. 1.10 (adattat)
⇨ ġdid

2. L-Istati Membri ~~li jkollhom flotot tas-sajd li jistadu għall-~~ ⇨ li s-sajjieda jew il-bastimenti awtorizzati tagħhom jistadu għall-⇦ qroll aħmar għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmu għall-monitoraġġ xjentifiku adegwat ~~tas-sajd u tal-qabdiet~~ ⇨ tal-qabdiet⇦ , bl-għan li jippermettu lill-~~kumitat Xjentifiku Konsultattiv~~ ⌦ SAC ⌫ tal-GFCM jipprovdi informazzjoni deskrittiva u pariri , ⇨ inkluż ⇦ fuq ~~tal-anqas~~:

(a) l-isforz skjerat tas-sajd (eż. in-numru ta' ⇨vjaġġi jew ⇦ ⇨ il-ħin tal-⇦ għadsiet ~~għ~~ tas-sajd fil-ġimgħa ⇨ , fix-xahar jew fis-sena ⇦ ) u l-livelli totali ta' qabdiet skont l-istokkijiet f'livell ~~lokali~~ ⇨ tal-bank, tar-rettangolu statistiku tal-GFCM ⇦ , nazzjonali jew supranazzjonali;

(b) il-punti ta' referenza tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni bl-għan li jkompli jittejjeb il-pjan ta' ġestjoni reġjonali f'konformità mal-objettiv ta' rendiment massimu sostenibbli u ta' riskju baxx li l-istokkijiet jinqerdu;

(c) l-effetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi tax-xenarji ta' ġestjoni alternattivi, inklużi l-kontroll tal-input/output ~~u/~~jew il-miżuri tekniċi, ~~kif proposti mill-partijiet kontraenti għall-GFCM~~;

(d) għeluq ⇨ addizzjonali ⇦ spazjali ⌦ jew ⌫ ~~/~~temporali possibbli biex tiġi ppreservata s-sostenibbiltà tas-sajd.

---

⇩ ġdid

3. Għandu jkun ipprojbit li jiġu kkummerċjalizzati kolonji tal-qroll aħmar maħsuda fil-qafas ta' programmi ta' riċerka dwar il-qroll aħmar.

4. L-Istati Membri jistgħu jibagħtu osservaturi xjentifiċi nazzjonali fuq il-bastimenti li jkunu ħasdu l-qroll aħmar. F'każ ta' tali skjerament, l-Istati Membri jistgħu jirrappurtaw l-informazzjoni miġbura lill-Kummissjoni u l-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM.

## *KAPITOLU IV*

### *SAJD DEMERSALI*

### TAQSIMA I
### IL-KANAL TA' SQALLIJA

*Artikolu 59*

[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/5 dispożizzjonijiet 1 u 2]

**Ambitu**

Din it-taqsima tapplika għall-attivitajiet tas-sajd kollha minn bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ tal-Unjoni 'l fuq minn 10 metri LOA li jimmiraw għall-istokkijiet demersali, inkluż il-merluzz (*Merluccius merluccius*) u l-gamblu l-abjad (*Parapenaeus longirostris*), fil-GSAs 12, 13, 14, 15 u 16 kif previst fl-Anness I.

*Artikolu 60*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/5 dispożizzjonijiet 24 u 25]*

**Miżuri ta' ġestjoni tas-sajd jew pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri ta' ġestjoni tas-sajd jew pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali fl-ambitu ta' din it-taqsima biex jiżguraw li l-livelli ta' sfruttament tal-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ, b'mod partikolari l-merluzz Ewropew u l-gamblu abjad, jilħqu u jżommu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY).

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw minnufih il-miżuri ta' ġestjoni jew il-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali adottati u kwalunkwe modifika li ssir f'dawn il-miżuri jew dawn il-pjanijiet lill-Kummissjoni sat-30 ta' Diċembru ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din il-lista lis-Segretarjat tal-GFCM sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

*Artikolu 61*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/5 dispożizzjoni 11]*

**Restrizzjonijiet spazjali jew temporali addizzjonali**

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw restrizzjonijiet spazjali jew temporali addizzjonali, minbarra dawk diġà stabbiliti, li fihom l-attivitajiet tas-sajd jistgħu jiġu pprojbiti jew ristretti biex jipproteġu żoni ta' riproduzzjoni u ta' tkabbir tal-ħut.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju ta' kull sena r-restrizzjonijiet spazjali/temporali fl-ilmijiet taħt is-sovranità tagħhom jew taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din il-lista lis-Segretarjat tal-GFCM sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena.

*Artikolu 62*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/5 dispożizzjoni 34]*

**Monitoraġġ xjentifiku**

L-Istati Membri, kull sena, għandhom jiżguraw monitoraġġ xjentifiku adegwat tal-ispeċijiet elenkati fl-Artikolu 59.

---

🡻 982/2019 Art. 1.10 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 63~~22k~~*

**Awtorizzazzjonijiet għas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ għal stokkijiet demersali ~~fil-Kanal ta' Sqallija~~**

1. Il-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ ⇨ li jistadu attivament għall-ispeċijiet elenkati fl-Artikolu 59 ⇦ ~~li jistadu għal stokkijiet demersali fil-Kanal ta' Sqallija (subżoni ġeografiċi 12, 13, 14, 15 u 16 tal-GFCM kif iddefiniti fl-Anness I)~~, għandhom jitħallew iwettqu l-attivitajiet speċifiċi tas-sajd indikati f'awtorizzazzjoni valida tas-sajd maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti u li tispeċifika l-kundizzjonijiet tekniċi li fihom għandhom jitwettqu t-tali attivitajiet. ⇨ Dawn il-bastimenti għandhom ikunu mgħammra b'VMS. ⇦

2. L-awtorizzazzjoni tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi, minbarra d-*data*~~data~~ ddefinita fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218[28], id-*data*~~data~~ li ġejja:

(a) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-GFCM;

(b) l-isem ta' qabel (jekk kien hemm);

(c) il-bandiera ta' qabel (jekk kien hemm);

(d) id-dettalji tat-tħassir ta' qabel minn reġistri oħra (jekk kien hemm).

3. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Ottubru kull sena, il-lista ta' bastimenti li għalihom ikunu ħarġu l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dik il-lista lill-korp maħtur minnha u lis-Segretarjat tal-GFCM mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru kull sena.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni ~~u lis-Segretarjat tal-GFCM , mhux aktar tard mil-31 ta' Awwissu~~ ⌦ sal-31 ta' Lulju ⌫ kull sena ⌦ u l-Kummissjoni għandha tgħaddi lis-Segretarjat tal-GFCM mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu ta' kull sena ⌫ f'format aggregat, rapport dwar l-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti msemmija fil-paragrafu 1, inkluża l-informazzjoni minima li ġejja:

(a) ~~(i)~~ in-numru ta' jiem ta' sajd;

(b) ~~(ii)~~ iż-żona tas-sajd; u

(c) ~~(iii)~~ il-qbid tal-merluzz Ewropew u l-gamblu abjad.

*Article 64~~22l~~*

**Portijiet magħżulin**

---

[28] ~~Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 tas-6 ta' Frar 2017 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9).~~

1. Kull Stat Membru konċernat għandu jagħżel il-portijiet tal-ħatt l-art li fihom jista' jsir il-ħatt l-art tal-merluzz u tal-gamblu abjad mill-Kanal ta' Sqallija, b'konformità mal-Artikolu 43(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. ~~L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lis-Segretarjat tal-GFCM u lill-Kummissjoni lista tal-portijiet tal-ħatt l-art magħżula sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2018.~~ Kwalunkwe bidla ~~sussegwenti~~ li ssir lil dik il-lista għandha tiġi notifikata fil-pront lis-Segretarjat tal-GFCM u lill-Kummissjoni.

2. Għandu jkun ipprojbit li tinħatt l-art jew li tiġi trasbordata kwalunkwe kwantità ta' merluzz u ta' gamblu abjad li jkun ġie mistad fil-Kanal ta' Sqallija fi kwalunkwe post ħlief fil-portijiet tal-ħatt l-art magħżula mill-Istati Membri.

---

⇩ ġdid

3. Għal kull port magħżul tal-ħatt l-art, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-ħinijiet permessi għall-ħatt l-art u t-trasbord. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll il-kopertura tal-ispezzjoni ta' tali attivitajiet matul il-ħinijiet kollha tal-ħatt l-art u tat-trasbord fil-punti ta' ħatt l-art magħżula kollha.

---

🡻 982/2019 Art. 1.10 (adattat)

*Artikolu 65~~22m~~*

**Skema Internazzjonali Konġunta ta' Spezzjoni u ta' Sorveljanza ~~fil-Kanal ta' Sqallija~~**

1. L-Istati Membri jistgħu jwettqu attivitajiet ta' spezzjoni u ta' sorveljanza fil-qafas ta' Skema Internazzjonali Konġunta ta' Spezzjoni u ta' Sorveljanza ("l-Iskema") li tkopri l-ilmijiet li jaqgħu barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali fis-subżoni ġeografiċi 12, 13, 14, 15 u 16 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I ("iż-żona ta' spezzjoni u ta' sorveljanza").

2. L-Istati Membri jistgħu jassenjaw spetturi u mezzi ta' spezzjoni, u jwettqu spezzjonijiet fl-ambitu tal-Iskema. Il-Kummissjoni jew korp maħtur minnha wkoll jistgħu jassenjaw spetturi tal-Unjoni għall-Iskema.

3. Il-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet ta' sorveljanza u spezzjoni għall-UE u jistgħu jfasslu, flimkien mal-Istati Membri kkonċernati, pjan ta' eżerċizzju konġunt biex l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligu tagħha fl-ambitu tal-Iskema. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dawk il-pjanijiet, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi umani u materjali meħtieġa u mal-perjodi u maż-żoni ġeografiċi li fihom iridu jintużaw dawk ir-riżorsi.

4. Kull Stat Membru għandu, mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru kull sena, jinnotifika lill-Kummissjoni jew lil korp maħtur minnha l-lista ta' ismijiet tal-ispetturi awtorizzati jwettqu l-ispezzjoni u s-sorveljanza fiż-żona msemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll l-ismijiet tal-bastimenti u l-inġenji tal-ajru użati għall-ispezzjoni u s-sorveljanza li beħsiebhom jassenjaw lill-Iskema għas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni jew l-entità maħtura minnha għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM sal-1 ta' Diċembru kull sena jew mill-aktar fis possibbli qabel il-bidu tal-attivitajiet ta' spezzjoni.

5. L-ispetturi assenjati għall-Iskema għandhom iġorru karta ta' spettur tal-GFCM maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti, li għandha tkun fil-forma stabbilita fl-Anness IV.

6. Il-bastimenti li jwettqu dmirijiet ta' imbarkazzjoni u ta' spezzjoni skont l-Iskema għandhom itajru bandiera speċjali jew pennell, kif deskritta fl-Anness V.

7. Kull Stat Membru għandu jiżgura li kull pjattaforma għall-ispezzjoni intitolata ttajjar il-bandiera tagħha u li topera fiż-żona msemmija fil-paragrafu 1 iżżomm kuntatt sigur, ta' kuljum fejn possibbli, ma' kull pjattaforma għall-ispezzjoni oħra li topera f'dik iż-żona, biex jiskambjaw l-informazzjoni neċessarja bl-għan li jikkoordinaw l-attivitajiet.

8. Kull Stat Membru bi preżenza ta' spezzjoni jew ta' sorveljanza fiż-żona msemmija fil-paragrafu 1 għandu jipprovdi lil kull pjattaforma għall-ispezzjoni, mad-dħul tiegħu fiż-żona, lista ta' osservazzjonijiet stabbilita skont l-Anness VII, ta' imbarkar u ta' spezzjonijiet li jkun għamel fil-perjodu ta' għaxart ijiem preċedenti, inklużi d-dati, il-koordinati u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

*Artikolu 66~~22n~~*

**It-twettiq tal-ispezzjonijiet**

1. L-ispetturi assenjati għall-Iskema għandhom:

(a) qabel l-imbarkazzjoni, jinnotifikaw lill-bastimenti tas-sajd bl-isem tal-bastiment ta' spezzjoni;

(b) juru, fuq il-bastiment ta' spezzjoni u fuq il-bastiment ta' imbarkazzjoni, il-pennell deskritt fl-Anness V;

(c) jillimitaw kull tim ta' spezzjoni għal massimu ta' tliet spetturi.

2. Mal-imbarkazzjoni fuq il-bastiment, l-ispetturi għandhom jipproduċu l-karta tal-identità deskritta fl-Anness IV lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd. L-ispezzjonijiet għandhom isiru f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-GFCM u, fejn possibbli, fil-lingwa mitkellma mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd.

3. L-ispetturi għandhom ifasslu rapport tal-ispezzjoni fil-format stabbilit fl-Anness IV ~~VI~~.

4. L-ispetturi għandhom jiffirmaw ir-rapport fil-preżenza tal-kaptan tal-bastiment li għandu jkollu d-dritt iżid mar-rapport kwalunkwe osservazzjoni li jaħseb li hi xierqa u li jrid jiffirma wkoll.

5. Għandhom jingħataw kopji tar-rapport lill-kaptan tal-bastiment u lill-awtoritajiet tat-tim tal-ispezzjoni, li, min-naħa tiegħu, għandu jgħaddi kopji tiegħu lill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment spezzjonat u lill-Kummissjoni u/jew korp maħtur minnha. Il-Kummissjoni għandha tibgħat kopja lis-Segretarjat tal-GFCM.

6. Id-daqs tat-tim tal-ispezzjoni u t-tul tal-ispezzjoni għandhom jiġu ddeterminati mill-uffiċjal kmandant tal-bastiment ta' spezzjoni filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha.

*Artikolu 67~~22o~~*

**Ksur**

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-attivitajiet li ġejjin għandhom jitqiesu li huma ksur:

(a) l-attivitajiet imsemmija fil-punti (a),(b),(c),(e),(f),(g) u (h) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(b) interferenza mas-sistema ta' monitoraġġ abbażi ta' satellita; u

(c) operat mingħajr VMS.

2. Fil-każ ta' kwalunkwe imbarkazzjoni u spezzjoni ta' bastimenti tas-sajd li matulhom l-ispetturi jidentifikaw ksur, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment ta' spezzjoni għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni jew lil korp maħtur minnha, li għandu jinnotifika lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd taħt spezzjoni, kemm b'mod dirett kif ukoll permezz tas-Segretarjat tal-GFCM. Għandhom jinfurmaw ukoll lil kwalunkwe bastiment ta' spezzjoni tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd li jkun magħruf li jinsab fil-viċinanza.

3. L-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment għandu jiżgura li, wara spezzjoni li fiha jkun ġie individwat ksur, il-bastiment tas-sajd ikkonċernat iwaqqaf kull attività tas-sajd. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jitlob lill-bastiment tas-sajd jipproċedi fi żmien 72 siegħa lejn port magħżul minnu, fejn għandha tinbeda investigazzjoni.

4. Fil-każ li xi ksur ġie skopert matul spezzjoni, l-azzjonijiet meħuda u s-segwitu mogħti mill-Istat Membru tal-bandiera għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni jew lil korp maħtur minnha. Il-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha għandhom jgħaddu l-azzjoni u s-segwitu li jkun sar lis-Segretarjat tal-GFCM.

5. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jaġixxu fuq ir-rapporti tal-ispezzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 6622n(3), u d-dikjarazzjonijiet li jirriżultaw mill-ispezzjonijiet dokumentarji mill-ispetturi fuq bażi simili bħalma jaġixxu fuq rapporti u dikjarazzjonijiet ta' spetturi nazzjonali.

---

⇩ ġdid

## TAQSIMA II

Il-Baħar Adrijatiku

*Artikolu 68*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2019/5 dispożizzjonijiet 1 u 26]*

**Ambitu**

Din it-taqsima tapplika għall-attivitajiet tas-sajd kollha li jistadu għall-istokkijiet f'qiegħ il-baħar, inkluż il-merluzz Ewropew (*Merluccius merluccius*), l-iskampu *(Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni *(Solea solea)*, il-gamblu abjad *(Parapenaeus longirostris*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*), permezz ta' sajd bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti, sajd bit-tkarkir bit-travu, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti tewmin, fil-GSAs 17 u 18 kif previst fl-Anness I.

*Artikolu 69*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5 dispożizzjonijiet 27]*

**Għeluq spazjali u temporali**

1. L-Istati Membri għandhom:

(a) jagħlqu ż-żona kostali, irrispettivament mill-fond, sitt mili nawtiċi 'l barra, jew erba' mili nawtiċi għal bastimenti li ma jistgħux jistadu lil hinn minn sitt mili nawtiċi, għal irkaptu rmunkat li jimmira għal stokkijiet demersali, għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas tmien ġimgħat fuq bażi annwali; jew

(b) jistabbilixxu għeluq ta' mill-inqas 30 jum kontinwu fuq bażi annwali u jkopru mill-inqas 20 fil-mija tal-ilmijiet territorjali għal attivitajiet tas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir bid-dirigenti, sajd bit-tkarkir bit-travu, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u bix-xbieki tat-tkarkir bid-dirigenti tewmin, irrispettivament mit-tul totali tagħhom fiż-żoni u l-perjodi rikonoxxuti mill-Istati Membri bħala importanti għall-protezzjoni ta' frieħ tal-ħut ta' stokkijiet demersali, u li jitqiesu r-rotot migratorji u l-mudelli spazjali tad-distribuzzjoni taż-frieħ tal-ħut.

2. Sal-31 ta' Mejju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ir-restrizzjonijiet spazjali lill-Kummissjoni, kif imsemmija fil-paragrafu 1, fl-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, li japplikaw bil-ħsieb li jiġu protetti ż-żoni ta' riproduzzjoni u ta' trobbija għall-istokkijiet demersali msemmija fl-Artikolu 68.

3. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM, f'konformità mal-paragrafu 2, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena.

*Artikolu 70*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5 dispożizzjonijiet 56 u 57]*

**Pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri ta' ġestjoni tas-sajd jew pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali fl-ambitu ta' din it-taqsima biex jiżguraw li l-livelli ta' sfruttament tal-istokkijiet demersali, b'mod partikolari l-merluzz Ewropew, l-iskampu, il-lingwata komuni, il-gamblu abjad u t-trilja tal-ħama jilħqu u jżommu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY).

2. Jekk il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 jiġu modifikati, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien u l-Kummissjoni għandha tikkomunika tali modifiki lis-Segretarjat tal-GFCM sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

*Artikolu 71*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5 dispożizzjonijiet 28 u 29]*

**Miżuri ta' ġestjoni tal-flotta**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità totali tal-flotta attiva tal-flotot li joperaw fl-ambitu ta' din it-taqsima, f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT) u/jew tunnellaġġ gross irreġistrat (GRT), ta' qawwa tal-magna (kW) u ta' għadd ta' bastimenti, kif irreġistrat kemm fir-reġistri tal-UE u f'dawk tal-GFCM, ma taqbiżx il-kapaċità tal-flotta tas-sajd demersali għall-2015 jew il-medja tagħha bejn l-2015 u l-2017.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-flotot nazzjonali li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir bid-dirigenti u li jistadu għal inqas minn 1 000 jum matul il-perjodu ta' referenza msemmi fil-paragrafu 1. Il-kapaċità tas-sajd ta' dawk il-flotot ma għandhiex tiżdied b'aktar minn 50 fil-mija fir-rigward tal-perjodu ta' referenza.

*Artikolu 72*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5 dispożizzjonijiet 31, 32, 33 u 36]*

**Awtorizzazzjonijiet tas-sajd**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta’ bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u li huma awtorizzati jistadu għall-ispeċijiet elenkati fl-Artikolu 68.

2. Kull sena, sal-31 ta’ Diċembru, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-lista ta’ bastimenti awtorizzati li jtajru l-bandiera tagħhom u li jistadu b’mod attiv fl-ambitu ta’ din it-taqsima. Din il-lista għandha tinkludi, għal kull bastiment, l-informazzjoni msemmija fl-Anness VIII. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din il-lista lis-Segretarjat tal-GFCM sal-31 ta’ Jannar.

3. Il-bastimenti li joperaw fl-ambitu ta’ din it-taqsima għandhom jitħallew iwettqu attivitajiet tas-sajd speċifiċi biss b’awtorizzazzjoni tas-sajd valida maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti. Il-bastimenti awtorizzati ta’ aktar minn 12-il metru LOA għandhom ikunu mgħammra b’VMS mill-1 ta’ Jannar 2021 u b’ġurnal ta’ abbord elettroniku mill-1 ta’ Jannar 2022.

4. Kull Stat Membru għandu jiżgura li jiġu stabbiliti mekkaniżmi adegwati għar-reġistrazzjoni ta’ kull bastiment tas-sajd f’reġistru tal-flotta nazzjonali, għar-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd tal-bastiment permezz tal-ġurnal ta’ abbord kif ukoll għall-monitoraġġ tal-attivitajiet u tal-ħatt l-art tal-bastimenti tas-sajd permezz ta’ stħarriġiet bit-teħid ta’ kampjuni tal-qabdiet u tal-isforz, skont ir-regoli stipulati mill-Unjoni Ewropea jew minn kull Stat Membru.

5. Mill-1 ta’ Jannar 2021, għall-fini tal-ġbir tad-*data* dwar l-isforz tas-sajd għall-istabbiliment ta’ reġim futur tal-isforz tas-sajd, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw annwalment lill-Kummissjoni sal-31 ta’ Mejju d-*data* mis-sena preċedenti dwar kW * jiem tas-sajd skont l-irkaptu u t-tul tal-bastiment. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din id-*data* lis-Segretarjat tal-GFCM sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena.

*Artikolu 73*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5 dispożizzjonijiet 43 sa 48]*

**Miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati l-attivitajiet tas-sajd IUU**

1. Is-sajjieda jew il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd awtorizzati li jistadu b’mod attiv fil-Baħar Adrijatiku għandhom jiddikjaraw il-qabdiet u l-qabdiet inċidentali kollha tal-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 68. L-obbligu li l-qabda tiġi ddikjarata elettronikament għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2022, irrispettivament mill-volum tal-qabda, għall-bastimenti ta’ aktar minn 12-il metru LOA.

2. L-Istati Membri għandhom jagħżlu punti ta’ ħatt l-art fejn il-bastimenti li jistadu attivament għall-ispeċijiet elenkati fl-Artikolu 68 iħottu l-art. Għal kull port magħżul, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-ħinijiet u l-postijiet permessi għall-ħatt l-art u t-trasbord. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll il-kopertura tal-ispezzjoni ta’ tali attivitajiet matul il-ħinijiet tal-ħatt l-art u tat-trasbord fil-punti ta’ ħatt l-art magħżula kollha.

3. Il-ħatt l-art jew it-trasbord minn bastimenti tas-sajd ta’ kwalunkwe kwantità ta’ qabdiet inklużi fl-ambitu ta’ din it-taqsima, mistada bl-użu ta’sajd bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti, sajd bit-tkarkir bit-travu, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti tewmin fil-Baħar Adrijatiku għandu jkun ipprojbit fi kwalunkwe post ħlief il-portijiet magħżula mill-Istati Membri f’konformità mal-paragrafu 2 ta’ hawn fuq.

4. Sal-31 ta’ Ottubru ta’ kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kwalunkwe bidla fil-lista ta’ punti ta’ ħatt l-art magħżula fejn jista’ jsir il-ħatt l-art tal-istokkijiet imsemmija fil-paragrafu 2. Sat-30 ta’ Novembru ta’ kull sena, il-Kummissjoni għandha tinforma lis-Segretarjat tal-GFCM b’dawn il-bidliet.

*Artikolu 74*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5 dispożizzjonijiet 51, 52, 53]*

**Rappurtar tal-qabdiet**

1. Il-bastimenti tat-tkarkir awtorizzati, li jistadu fl-ambitu ta’ din it-taqsima, għandhom ikunu mgħammra b’sistema xierqa ta’ ġeopożizzjonament. Il-bastimenti tat-tkarkir awtorizzati ta’ aktar minn 12-il metru LOA għandhom ikunu mgħammra b’VMS. Għall-bastimenti tat-tkarkir awtorizzati ta’ inqas minn 12-il metru LOA, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bis-sistema ta’ ġeolokalizzazzjoni magħżula.

2. Il-qabdiet kollha irrispettivament mill-piż ħaj tal-qabda, kif ukoll il-qabdiet ta’ speċijiet mhux fil-mira li jaqbżu l-50 kg, għandhom jiġu rrappurtati fil-ġurnal ta’ abbord.

---

🡻 2102/2015 Art. 1.2 (adattat)

## KAPITOLU VI~~I~~

~~MIŻURI GĦAS-SAJD GĦAL STOKKIJIET~~ P~~P~~ELAĠIĊI ŻGĦAR ~~FIL-BAĦAR ADRIJATIKU~~

⌦ TAQSIMA I ⌫

⌦ IL-BAĦAR ADRIJATIKU ⌫

---

⇩ ġdid

*Artikolu 75*

**Ambitu**

Din it-taqsima tapplika għall-attivitajiet tas-sajd kollha li għandhom fil-mira tagħhom il-pelaġiċi ż-żgħar, inkluż is-sardin ( *Sardina pilchardus* ) u l-inċova ( *Engraulis encrasicolus)* fil-GSAs 17 u 18 kif previst fl-Anness I.

---

🡻 2102/2015 Art. 1.2 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 76~~16l~~*

**Ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd**

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-kapaċità ta' referenza tas-sajd għal stokkijiet pelaġiċi żgħar hija dik stabbilita fuq il-bażi tal-listi ta' bastimenti tas-sajd tal-Istati Membri kkonċernati~~, kif komunikat lis-Segretarjat tal-GFCM skont il-paragrafu 22 tar-Rakkomandazzjoni GFCM/37/2013/1~~. Dawk il-listi jinkludu l-bastimenti tas-sajd kollha mgħammra bi xbieki tat-tkarkir, b'purse seines jew b'tipi oħra ta' xbieki tat-tidwir mingħajr vajjina⇨ , li jistadu attivament fi ħdan l-ambitu ta' din it-taqsima fl-2014. ⇦ ~~li huma awtorizzati biex jistadu għal stokkijiet pelaġiċi żgħar u li huma rreġistrati fil-portijiet li jinsabu fis-Subżoni Ġeografiċi 17 u 18 kif imsemmi fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, jew li, għalkemm reġistrati f'portijiet li jinsabu barra dawk is-Subżoni Ġeografiċi fil-31 ta' Ottubru 2013, joperaw fis-Subżona Ġeografika 17 jew 18 jew fit-tnejn.~~

2. Irrispettivament mit-tul tal-bastiment ikkonċernat, il-bastimenti tas-sajd mgħammra bi xbieki tat-tkarkir u b'purse seines huma klassifikati bħala li jistadu b'mod attiv għal stokkijiet pelaġiċi żgħar meta s-sardin u l-inċova jammontaw għal mill-inqas 50 % tal-qabdiet f'piż ħaj.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità totali tal-flotta tal-bastimenti tas-sajd mgħammra bi xbieki tat-tkarkir jew b'purse seines, li jistadu b'mod attiv ~~għal stokkijiet pelaġiċi żgħar~~ ⌦ fi ħdan l-ambitu ta' din it-taqsima ⌫ ~~fis-Subżona Ġeografika 17, kemm f'termini ta' tunnellaġġ gross (TG) jew tunnellaġġ gross reġistrat (TGR) u f'termini ta' qawwa tal-magna (kW)~~, kif irreġistrati ⇨ fir-reġistru tal-flotta ⇦ ~~fir-reġistri tal-flotot~~ nazzjonali u ⇨ s-CFR ⇦ ~~tal-UE~~, ma taqbiżx, fi kwalunkwe ħin, il-kapaċità ta' referenza tas-sajd ~~għal stokkijiet pelaġiċi żgħar imsemmija fil-paragrafu 1~~ ⌦ kif previst fit-Tabella B tal-Anness XII ⌫ .

---

⇩ ġdid

4. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika għall-flotot nazzjonali ta' inqas minn għaxar bastimenti tas-sajd bil-purse seine jew bastimenti tat-tkarkir pelaġiċi li jistadu b'mod attiv għal stokkijiet pelaġiċi żgħar. F'każijiet bħal dawn, il-kapaċità tal-flotot attivi tista' tiżdied b'mhux aktar minn 50 % fl-għadd ta' bastimenti u f'termini ta' TG u kW.

---

🡻 2102/2015 Art. 1.2 (adattat)
⇨ ġdid

~~5~~4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd mgħammra bi xbieki tat-tkarkir u b'purse seines għas-sajd ta' stokkijiet pelaġiċi żgħar kif imsemmi fil-paragrafu 2 ma joperawx għal aktar minn 20 jum tas-sajd kull xahar u mhux aktar minn 180 jum tas-sajd fis-sena.

6~~5~~.Kwalunkwe bastiment tas-sajd li mhuwiex inkluż fil-lista tal-bastimenti tas-sajd awtorizzati msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandux jitħalla jistad għal, jew, b'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, iżomm abbord jew iħott l-art kwalunkwe kwantità akbar minn 20 % ta' inċova jew ta' sardin jew kemm inċova kif ukoll sardin jekk il-bastiment tas-sajd ikun qiegħed fuq vjaġġ tas-sajd ~~fis-Subżona Ġeografika 17 jew 18 jew fit-tnejn~~ ⌦ fil-GSAs 17 u/jew 18 ⌫ .

7~~6~~.L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kwalunkwe żieda għal, kwalunkwe tnaqqis minn jew modifika ta', il-lista tal-bastimenti tas-sajd awtorizzati msemmija fil-paragrafu 1, hekk kif tali żieda, tnaqqis jew modifika jseħħu. Dawk il-bidliet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kapaċità ta' referenza tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dik l-informazzjoni~~lis-Segretarju Eżekuttiv~~ ⌦ lis-Segretarjat ⌫ tal-GFCM ⇨ sal-31 ta' Jannar ta' kull sena ⇦ .

↓ 2102/2015 Art. 1.4 (adattat)

*Artikolu 7723b*

**Kontroll, monitoraġġ u sorveljanza tas-sajd għal stokkijiet pelaġiċi żgħar fil-Baħar Adrijatiku**

1. Sal-1 ta' Ottubru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-pjanijiet u l-programmi tagħhom sabiex jiġi żgurat li jkun hemm konformità mal-Artikolu 7616 1 permezz ta' monitoraġġ u rappurtar adegwati, b'mod partikolari rigward il-qabdiet ta' kull xahar u l-isforz tas-sajd użat.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM sat-30 ta' Ottubru ta' kull sena.

⇩ ġdid

## *KAPITOLU VI*

## *PAĠELLA ĦAMRA*

*Artikolu 78*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/2 dispożizzjonijiet 2 u 4]*

**Ambitu**

Din it-taqsima tapplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd li jistadu għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) bil-konzijiet u x-xlief fil-Baħar Alboran, li joperaw fil-GSAs 1, 2, u 3 kif previst fl-Anness I.

↓ 982/2019 Art. 1.8

*Artikolu 16n*

**Kapaċità jew sforz tas-sajd tal-flotta tas-sajd għall-paġella ħamra fil-Baħar Alboran**

Sa mhux aktar tard mill-2020, l-Istati Membri għandhom iżommu l-livelli tal-kapaċità jew tal-isforz tas-sajd tal-flotta tas-sajd fil-livelli awtorizzati u applikati fis-snin reċenti għall-qbid tal-paġella ħamra fil-Baħar Alboran (subżoni ġeografiċi 1, 2 u 3 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I).

↓ 982/2019 Art. 1.3

*Artikolu 9e*

**Restrizzjonijiet spazjali/temporali fil-Baħar Alboran**

1. Filwaqt li jikkunsidraw il-parir xjentifiku disponibbli, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu restrizzjonijiet spazjali/temporali fil-Baħar Alboran (subżoni ġeografiċi 1, 2 u 3 tal-GFCM kif iddefiniti fl-Anness I), li fihom l-attivitajiet tas-sajd għandhom ikunu pprojbiti

~~jew ristretti biex jiġu protetti żoni ta' aggregazzjoni ta' paġelli ħomor li għadhom qed jikbru u/jew li jkunu ser iwelldu.~~

~~2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-GFCMu lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-11 ta' Jannar 2020 iż-żoni u r-restrizzjonijiet applikati fihom.~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 79*

[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/2 dispożizzjonijiet 9 u 10)

**Livell massimu tal-qabdiet**

L-Istati Membri għandhom iżommu l-livell massimu tal-qabdiet tal-paġella ħamra li jsiru bil-konzijiet u bix-xlief, espressi f'tunnellati ta' piż ħaj, f'konformità mat-tabella stabbilita fl-Anness XIII.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 80*

**Miżuri tekniċi u ta' konservazzjoni**

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/2 dispożizzjonijiet 11, 12, 13]*

L-Istati Membri involuti fis-sajd għall-paġella ħamra jistgħu jippruvaw u jadottaw irkaptu alternattiv jew miżuri ta' mitigazzjoni għal irkaptu jew materjali bil-ħsieb li jiġi evitat impatt negattiv f'qiegħ il-baħar.

---

🡇 982/2019 Art. 1.10 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu <u>81</u>~~22i~~*

**~~Awtorizzazzjonijiet tas-sajd u attivitajiet tas-sajd~~ ⌦ Miżuri ta' ġestjoni tal-flotta ⌫**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistru tal-bastimenti tas-sajd awtorizzati li ⇨ joperaw bix-xlief u bil-konzijiet u li jġorru abbord jew iħottu kwantitajiet ta' mhux ⇦ ~~jġorru abbord jew iħottu kwantitajiet ta' paġella ħamra maqbuda fil-Baħar Alboran li jikkostitwixxu~~ aktar minn 20 % tal-qabda ⌦ ta' paġella ħamra ⌫ f'piż ħaj wara t-tqassim <u>għal kull</u> ~~skont il-~~ marea. Dak ir-reġistru għandu jinżamm u jiġi aġġornat.

2. Il-bastimenti tas-sajd li jistadu għall-paġella ħamra għandhom jitħallew ⇨ jaqbdu jew iżommu abbord il-paġella ħamra jekk ikollhom ⇦ ~~iwettqu attivitajiet tas-sajd biss jekk dawk l-attivitajiet tas-sajd ikunu indikati f'~~ awtorizzazzjoni valida tas-sajd maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti~~u li tispeċifika l-kundizzjonijiet tekniċi li fihom jistgħu jitwettqu t-tali attivitajiet~~. L-awtorizzazzjoni għandha tinkludi d-<u>*data*</u>~~data~~ stabbilita fl-Anness VIII.

3. L-Istati Membri għandhom:

(a) jikkomunikaw lill-Kummissjoni, mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar kull sena, il-lista tal-bastimenti operazzjonali li għalihom inħarġet l-awtorizzazzjoni għas-sena kurrenti jew għas-sena/snin li jmiss; il-Kummissjoni għandha tikkomunika dik il-lista

lis-Segretarjat tal-GFCM sa mhux aktar tard minn tmiem Frar kull sena. Il-lista għandu jkun fiha d-*data*~~data~~ stabbilita fl-Anness VIII;

(b) jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-GFCM, sa tmiem Novembru kull sena, ~~filwaqt li jibdew mit-30 ta' Novembru 2018 u sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2020,~~ rapport dwar l-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti msemmija fil-paragrafu 1, f'format aggregat, inkluża l-informazzjoni minima li ġejja:

(i) in-numru ta' jiem tas-sajd,

(ii) iż-żona tas-sajd, u

(iii) ~~il-qabdiet~~ ⌦ il-qabdiet ⌫ ta' paġella ħamra ⇨ għal kull irkaptu ⇦ .

4. Il-bastimenti kollha itwal minn 12-il metru ~~komplessivi awtorizzati għas-sajd~~ ⇨ LOA awtorizzati għas-sajd ⇦ għall-paġella ħamra għandhom ikunu mgħammra b'VMS jew bi kwalunkwe sistema oħra ta' ġeolokalizzazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet ta' kontroll jintraċċaw l-attivitajiet tagħhom ⇨ f'kull ħin waqt il-vjaġġ tas-sajd tagħhom ⇦ .

~~*Artikolu 22h*~~

~~**Ir-rapportar tal-qabdiet u tal-qabdiet inċidentali ta' kuljum tal-paġella ħamra**~~

~~Mingħajr ħsara għall-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu biex jiżguraw li l-qabdiet u l-qabdiet inċidentali kummerċjali ta' kuljum kollha tal-paġella ħamra fil-Baħar Alboran (subżoni ġeografiċi 1, 2, 3 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I), irrispettivament mill-piż ħaj tal-qabda, jiġu rrapportati. Rigward is-sajd rikreazzjonali, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jirreġistraw jew jagħmlu stimi tal-qabdiet ta' dik l-ispeċi.~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 82*

Miżuri ta kontroll u ta' infurzar

1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu portijiet li fihom ikun awtorizzat il-ħatt l-art tal-paġella ħamra u jikkomunikaw minnufih kwalunkwe aġġornament ta' din il-lista lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din il-lista lis-Segretarjat tal-GFCM. Il-ħatt l-art tal-paġella ħamra għandu jsir biss f'portijiet magħżula.

2. Qabel id-dħul fi kwalunkwe port, ħlief għal bastimenti fuq skala żgħira, u mill-inqas erba' sigħat qabel il-ħin stmat tal-wasla, is-sajjieda jew ir-rappreżentant tagħhom għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet rilevanti bl-informazzjoni li ġejja:

(a) il-ħin stmat tal-wasla;

(b) in-numru ta' identifikazzjoni estern u l-isem tal-bastiment tas-sajd; u

(c) il-piż ħaj stmat miżmum abbord.

3. L-informazzjoni stipulata fil-paragrafu 1 tista' tiġi ppreżentata mis-sajjieda jew ir-rappreżentanti tagħhom sa siegħa qabel il-ħin stmat tal-wasla, meta ż-żoni tas-sajd ikunu inqas minn erba' sigħat 'il bogħod mill-port tal-wasla.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, is-sajjieda jew il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd awtorizzati li jistadu b'mod attiv fl-ambitu ta' din it-

taqsima għandhom jiddikjaraw il-qabdiet ta' kuljum tagħhom, irrispettivament mill-piż ħaj tal-qabda u jirreġistraw jew jistmaw il-qabdiet ta' dik l-ispeċi.

5. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi programm ta' kontroll ibbażat fuq l-analiżi tar-riskju, b'mod partikolari biex jivverifika l-ħatt l-art u jivvalida l-ġurnali ta' abbord.

6. L-operazzjonijiet ta' trasbord fil-baħar għandhom ikunu pprojbiti.

---

↓ 982/2019 Art. 1.10 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 83~~22j~~*

**Monitoraġġ xjentifiku**

L-Istati Membri li għandhom flotot tas-sajd li jistadu għall-paġella ħamra għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmu għall-monitoraġġ adegwat tas-sajd u tal-qabdiet bl-għan li jippermettu lill-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku jipprovdi informazzjoni deskrittiva u pariri dwar tal-anqas dawn li ġejjin:

(1) ~~(a)~~ il-karatteristiċi tal-irkaptu tas-sajd, fost l-oħrajn, ⇨ il-karatteristiċi ⇦ ~~it-tul massimu tal-konz u~~ tax-xbieki fissi u n-numru, it-tip u d-daqs tas-snanar~~sunnara~~ ⇨ użati fix-xlief u fil-konzijiet ⇦ ;

(2) ~~(b)~~ l-isforz skjerat tas-sajd ~~(eż. in-numru ta' jiem tas-sajd fil-ġimgħa)~~ u l-livelli ~~ġenerali~~ ta' qabdiet mill-flotot tas-sajd kummerċjali; jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll stima tal-qabdiet mis-sajd rikreazzjonali;

(3) ~~(c)~~ il-punti ta' referenza tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni bl-għan li ⇨ tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sajd ⇦ ~~jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd sostenibbli~~ f'konformità mal-objettiv ta' rendiment massimu sostenibbli u ta' riskju baxx li l-istokkijiet jinqerdu;

(4) ~~(d)~~ l-effett soċjoekonomiku tax-xenarji ta' ġestjoni alternattivi, inklużi l-kontroll tal-input/tal-output u/jew il-miżuri tekniċi, kif identifikati mill-GFCM u/jew mill-partijiet kontraenti;

(5) ~~(e)~~ għeluq spazjali ⌦ jew ⌫ ~~/~~temporali possibbli ~~biex tiġi ppreservata~~ ⇨ immirat li jiżgura ⇦ s-sostenibbiltà ~~tas-sajd~~ ⇨ tal-istokk u tas-sajd li jisfruttah ⇦ ;

(6) ~~(f)~~ l-impatt potenzjali tas-sajd rikreazzjonali fuq l-istatus ⇨ tal-konservazzjoni ⇦tal-istokk(ijiet) tal-paġella ħamra.

---

↓ 1343/2011 (adattat)

# KAPITOLU ~~II~~VII

## ~~L-ISTABBILIMENT TA' STAĠUN MAGĦLUQ GĦAS-SAJD TAL-L~~LAMPUKI ~~*PERMEZZ TA' RKAPTU BIEX JINĠEMA L-ĦUT*~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 84*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/1 dispożizzjoni 5]*

***Ambitu***

Dan il-Kapitolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd li għandhom fil-mira l-lampuka ( *Coryphaena hippurus* ) bl-użu ta' rkaptu biex jinġema' l-ħut (FADs) fl-ilmijiet internazzjonali tal-Baħar Mediterran.

---

🡻 1343/2011 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu* 85~~12~~

**Staġun magħluq**

1. Is-sajd għal-lampuki (*Coryphaena hippurus*) bl-użu ta' ~~rkaptu biex jinġemal-ħut~~ ~~("~~FADs~~")~~ għandu jkun ipprojbit mill-1 ta' Jannar sal-14 ta' Awwissu ta' kull sena.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, jekk Stat Membru jista' juri li minħabba l-maltemp, il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu ma setgħux jużaw il-jiem normali tas-sajd tagħhom, dak l-Istat Membru jista' jittrasferixxi l-jiem mitlufa mill-bastimenti tiegħu fis-sajd bl-FADs sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara. F'dak il-każ, qabel l-aħħar tas-sena l-Istati Membri għandhom jippreżentaw applikazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tal-għadd ta' jiem li jixtiequ jittrasferixxu.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw ukoll fiż-żona ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

4. L-applikazzjoni prevista fil-paragrafu 2 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) rapport bid-dettalji tal-waqfien mill-attivitajiet tas-sajd inkwistjoni, inkluża informazzjoni meteoroloġika adatta ta' evidenza;

(b) l-isem tal-bastiment u n-numru ⇨ CFR ⇦ ~~tar-Reġistru tal-Flotta tal-UE~~ tiegħu.

5. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar applikazzjonijiet tat-tip imsemmija fil-paragrafu 2 fi żmien sitt ġimgħat mid-data tar-riċezzjoni ta' applikazzjoni u għandha tinforma lill-Istat Membru bil-miktub b'dik id-deċiżjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha tinforma ~~Executive Secretary of the~~ ⌦ lis-Segretarjat ⌫ tal-GFCM dwar id-deċiżjonijiet meħuda skont il-paragrafu 5. Qabel l-1 ta' Novembru ta' kull sena l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni dwar it-trasferiment tal-jiem mitlufin fis-sena ta' qabel kif imsemmi fil-paragrafu 2.

7. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-regoli dettaljati għall-format u t-trażmissjoni tal-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 u tar-rapport dwar tali trasferiment imsemmi fil-paragrafu 6. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 143~~25~~(2).

---

⇩ ġdid

*Artikolu 86*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/1 dispożizzjonijiet 12]*

**Miżuri ta' ġestjoni tranżizzjonali**

L-Istati Membri li jikkunsidraw li jibdew jistadu għal-lampuka bl-użu tal-FADs għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-miżuri nazzjonali tagħhom ladarba jiġu adottati u l-Kummissjoni għandha tibgħat dawk il-miżuri lis-Segretarjat tal-GFCM minnufih.

*Artikolu 87*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/1 dispożizzjonijiet 16 u 21]*

**Monitoraġġ xjentifiku, adattament u reviżjoni tal-miżuri ta' ġestjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw l-impatti bijoloġiċi u ambjentali tal-FADs użati minn bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u li jisfruttaw il-lampuka komuni.

2.Bil-għan li jiġi ffaċilitat l-għoti ta' pariri mill-SAC għar-reviżjoni tal-miżuri previsti f'dan il-Kapitolu, l-Istati Membri għandhom jiġbru d-*data* rilevanti eżistenti, inkluża d-*data* tal-istħarriġ tar-riċerka, sabiex jikkontribwixxu għall-ġbir tad-*data* mill-SAC.

*Artikolu 88*

***Miżuri ta' ġestjoni nazzjonali***

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/1 dispożizzjonijiet 37, 38 u 40]*

L-Istati Membri li jistadu għal-lampuka bl-użu ta' FADs u li m'għandhomx miżuri nazzjonali ta' ġestjoni għandhom jadottaw miżuri nazzjonali ta' ġestjoni li jinkludu mill-inqas is-sett ta' miżuri li fihom l-elementi elenkati fl-Anness IX.

---

| |
|---|
| 🡻 1343/2011 (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu ~~13~~89*

**Awtorizzazzjonijiet tas-sajd**

1. Il-bastimenti tas-sajd awtorizzati jipparteċipaw fis-sajd tal-lampuki għandhom jingħataw awtorizzazzjoni tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u għandhom ikunu inklużi f'lista li jkollha l-isem tal-bastiment u n-numru ⇨ CFR ⇦ ~~tar-Reġistru tal-Flotta tal-UE~~, li l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni ⇨ kull sena sat-30 ta' Lulju ⇦ . ⇨ Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din il-lista lis-Segretarjat tal-GFCM kull sena sal-31 ta' Lulju. ⇦

2. Għandu jkun meħtieġ li l-bastimenti ta' tul totali ta' inqas minn 10 metri jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd. Dan ir-rekwiżit għandu japplika wkoll għaż-żona ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu (26)1 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

*Artikolu 90~~14~~*

**~~Ġbir tad-data~~ ⌦ Rappurtar tal-attivitajiet tas-sajd bl-FAD ⌫**

~~1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd~~[29] ~~l-~~

[29] ~~ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.~~

~~Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema adatta ta' ġbir u ta' trattament tad-data dwar il-qbid u l-isforz tas-sajd.~~

⇩ ġdid

1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1004[30], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema xierqa ta' ġbir u trattament tad-*data* dwar il-qabdiet tas-sajd u tad-*data* dwar l-isforz tas-sajd.

🡻 1343/2011 (adattat)

2. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni sal-15 ta' Jannar ta' kull sena l-għadd ta' bastimenti involuti fis-sajd, kif ukoll it-total tal-qabdiet li jinħattu l-art u ta' trasbordi ta' lampuki mwettqa fis-sena preċedenti mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom f'kull ~~Subżona Ġeografika taż-żona~~ ⌦ GSA ⌫ tal-Ftehim tal-GFCM kif stabbilit fl-Anness I.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-regoli dettaljati għall-format u t-trażmissjoni ta' tali rapporti. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 143~~25~~(2).

~~3~~4. Il-Kummissjoni għandha ~~tibgħat~~ ⌦ tgħaddi ⌫ l-informazzjoni li tirċievi mill-Istati Membri ~~lis-Segretarju Eżekuttiv tal-~~ ⌦ lis-Segretarjat ⌫ tal-GFCM.

⇩ ġdid

5. Is-sajjieda jew il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati li jisfruttaw il-lampuki fl-ambitu ta' din it-taqsima għandhom jirreġistraw l-attivitajiet tas-sajd tagħhom mal-FADs.

*Artikolu 91*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/1 dispożizzjonijiet 25 sa 32 u 36]*

**Kompożizzjoni, post, manutenzjoni u sostituzzjoni tal-FAD**

1. F'każijiet fejn l-istruttura tal-wiċċ tal-FAD tkun miksija b'materjal, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-materjal ikkonċernat jitneħħa jew li l-istruttura tkun koperta biss b'materjal li jinvolvi riskju minimu ta' tħabbil ta' speċijiet mhux fil-mira, speċjalment speċijiet vulnerabbli, jew li jaffettwaw bastimenti oħra.

2. Il-komponenti ta' taħt il-wiċċ tal-FAD għandhom ikunu magħmula esklussivament minn materjali li ma jitħabblux ma' speċijiet mhux fil-mira.

3. Meta jiġu ddisinjati l-FADs, il-materjali bijodegradabbli jingħataw prijorità.

4. L-FADs għandhom ikunu lokalizzati b'mod affidabbli fil-post fejn se jintużaw. Id-disinn tal-FADs għandu jinkludi numru xieraq ta' kontrapiżijiet tul il-ħabel sabiex jiġi żgurat li l-ħabel jegħreq f'qiegħ il-baħar f'każ li s-sezzjoni tar-raft tinqala' u titbiegħed.

[30] Ir-Regolament (UE) 2017/1004 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1).

5. Is-sajjieda jew il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd li jisfruttaw il-lampuka għandhom jiżguraw li l-FADs issirilhom manutenzjoni regolarment, jiġu sostitwiti kif meħtieġ u jitneħħew meta ma jkunux qed jintużaw. L-FADs ta' sostituzzjoni għandhom ikunu tal-istess tip, disinn, kostruzzjoni, materjali u identifikazzjoni bħall-FADs li jkunu qed jiġu sostitwiti. L-FADs ankrati ta' sostituzzjoni għandhom ikunu fl-istess pożizzjoni bħall-FADs li jkunu qed jiġu sostitwiti.

6. F'każ ta' telf jew impossibbiltà ta' rkuprar tal-FAD, is-sajjieda jew il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd għandhom jirreġistraw l-aħħar pożizzjoni magħrufa u d-data tagħha. Il-bastimenti tas-sajd li jisfruttaw il-lampuki għandhom jiġbru u jirrappurtaw l-aħħar pożizzjoni rreġistrata tal-FAD mitluf kif ukoll id-data tal-aħħar pożizzjoni rreġistrata tiegħu, in-numru ta' identifikazzjoni tiegħu u kwalunkwe informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' sid l-FAD.

7. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-FADs obsoleti u mhux użati jinġabru lura.

8. Għandu jkun ipprojbit li bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru jaqbad ħut attirat minn FAD li ma jkunx ġie mpoġġi minn dak il-bastiment.

*Artikolu 92*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/1 dispożizzjonijiet 33 u 34]*

**Identifikazzjoni u mmarkar tal-FAD**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, is-sajjieda jew il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd li jistadu għal-lampuki għandhom jiżguraw li kull FAD ikun immarkat b'tali mod li jkun jista' jiġi identifikat faċilment.

2. Kull FAD għandu jiġi mmarkat fuq barra bin-numru ta' reġistrazzjoni tal-bastiment(i) tas-sajd li juża(w)h. Tali mmarkar għandu jkun viżibbli mingħajr ma jiġi żarmat is-sinjal, għandu jkun jiflaħ għall-baħar u għandu jkun jista' jinqara tul il-ħajja kollha tas-sinjal. Id-distanza tal-viżibbiltà għandha tkun l-iqsar possibbli.

---

🡻 1343/2011

## *KAPITOLU VIII*

### *BARBUN IMPERJALI*

---

⇩ ġdid

Artikolu 93

**Ambitu**

Dan il-Kapitolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd li għandhom fil-mira l-barbun imperjali (*Psetta maxima*) fil-GSA 29 kif previst fl-Anness I.

▼ 982/2019 Art. 1.10 (adattat)

*Artikolu 94~~22p~~*

**Miżuri għall-prevenzjoni, għad-deterrenza u għall-eliminazzjoni tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat għall-barbun imperjali ~~fil-Baħar l-Iswed~~**

1. Sal-20 ta' Jannar kull sena, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, permezz tal-appoġġ normali tal-proċessar ta' ~~data~~*data*, lista aġġornata tal-bastimenti li jużaw ~~għeżula tal-qiegħ~~ xbieki tal-garġi tal-qiegħ awtorizzati biex jistadu għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (~~is-subżona ġeografika 29 tal-GFCM~~ ⌦ GSA 29 ⌫ , kif ~~iddefinita~~ ⌦ previst ⌫ fl-Anness I). Sal-31 ta' Jannar kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat dik il-lista lis-Segretarjat tal-GFCM.

2. Il-lista indikata fil-paragrafu 1 għandha tinkludi, minbarra d-~~data~~*data* stabbilita fl-Anness I għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/218, id-~~data~~*data* li ġejja:

(a) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-GFCM;

(b) l-isem ta' qabel (jekk kien hemm);

(c) il-bandiera ta' qabel (jekk kien hemm);

(d) id-dettalji tat-tħassir ta' qabel minn reġistri oħra (jekk kien hemm);

(e) l-ispeċi ewlenija fil-mira;

(f) l-irkaptu ewlieni użat għall-barbun imperjali, is-segment tal-flotta u l-unità operazzjonali kif iddefiniti fil-matriċi statistika tal-Kompitu 1 stabbilita fit-~~T~~taqsima C tal-Anness III;

(g) il-perjodu ta' żmien awtorizzat għas-sajd bl-għażel jew bi kwalunkwe rkaptu ieħor aktarx għas-sajd tal-barbun imperjali (jekk teżisti tali awtorizzazzjoni).

3. Fuq talba mill-GFCM, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw informazzjoni dwar il-bastimenti tas-sajd awtorizzati biex iwettqu attività tas-sajd f'perjodu speċifiku. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-ismijiet tal-bastimenti tas-sajd ikkonċernati, in-numru ta' identifikazzjoni estern tagħhom u l-opportunitajiet tas-sajd allokati lil kull wieħed minnhom.

4. Għeżula abbandunati mhux immarkati użati fis-sajd għall-barbun imperjali u li jinstabu fil-baħar għandhom jinġabru mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kostali. Imbagħad, dawk ix-xbieki għandhom jew jiġu kkonfiskati sakemm jiġi identifikat kif xieraq sidhom jew inkella jinqerdu jekk is-sid ma jkunx jista' jiġi identifikat.

5. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jagħżel il-punti tal-ħatt, fejn għandhom isiru l-ħatt u t-trasbord tal-barbun imperjali maqbud fil-Baħar l-Iswed, f'konformità mal-Artikolu 43(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Lista tat-tali punti għandha tiġi kkomunikata lis-Segretarjat tal-GFCM u lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru kull sena.

6. Għandu jkun ipprojbit li wieħed iħott jew jittrasborda mill-bastimenti tas-sajd kwalunkwe kwantità ta' barbun imperjali maqbud fil-Baħar l-Iswed fi kwalunkwe post ieħor li ma jkunx il-punti ta' ħatt imsemmija fil-paragrafu 5.

*Artikolu 95~~22q~~*

**Pjanijiet nazzjonali ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza għas-sajd għall-barbun imperjali ~~fil-Baħar l-Iswed~~**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjanijiet nazzjonali ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza ("pjanijiet nazzjonali") biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 94~~22p~~ billi jiżguraw, fost l-oħrajn, monitoraġġ u reġistrazzjoni xierqa u preċiżi tal-qabdiet ta' kull xahar u/jew tal-isforz tas-sajd skjerat.

2. L-elementi li ġejjin għandhom jiddaħħlu fil-pjanijiet nazzjonali:

(a) definizzjoni ċara tal-mezzi ta' kontroll, b'deskrizzjoni tal-mezzi umani, tekniċi u finanzjarji speċifikament disponibbli għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali;

(b) definizzjoni ċara tal-istrateġija ta' spezzjoni, (inklużi protokolli tal-ispezzjoni), li għandha tikkonċentra fuq il-bastimenti tas-sajd li aktarx li jaqbdu l-barbun imperjali u l-ispeċijiet assoċjati;

(c) Il-pjanijiet ta' azzjoni għall-kontroll tas-swieq u tat-trasport;

(d) definizzjoni tal-kompiti u tal-proċeduri ta' spezzjoni, inklużi l-istrateġija ta' kampjunar applikata għall-verifika tal-użin tal-qabdiet fl-ewwel bejgħ u l-istrateġija ta' kampjunar għall-bastimenti li mhumiex soġġetti għal regoli dwar il-ġurnal ta' abbord/id-dikjarazzjoni tal-ħatt;

(e) linji gwida esploratorji għall-ispetturi, għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi u għas-sajjieda rigward is-sett ta' regoli fis-seħħ għas-sajd li aktarx li jkun immirat lejn il-qbid tal-barbun imperjali, inklużi:

(i) regoli għat-tlestija tad-dokumenti, inklużi rapporti tal-ispezzjonijiet, ġurnali ta' abbord tas-sajd, dikjarazzjonijiet tat-trasbord, dikjarazzjonijiet tal-ħatt u tat-teħid tal-kontroll, dokumenti tat-trasport u noti tal-bejgħ;

(ii) il-miżuri tekniċi fis-seħħ, inklużi d-daqs tal-malja u/jew id-dimensjonijiet tal-malja, id-daqs minimu tal-qabdiet, restrizzjonijiet temporanji;

(iii) l-istrateġiji tal-kampjunar;

(iv) mekkaniżmi ta' kontroverifika.

(f) taħriġ tal-ispetturi nazzjonali bil-ħsieb li jitwettqu l-kompiti msemmija fl-Anness II.

3. Sal-20 ta' Jannar kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw, lill-Kummissjoni jew lil korp maħtur minnha, il-pjanijiet nazzjonali. Il-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha għandhom jgħaddu dawn il-pjanijiet lis-Segretarju tal-GFCM qabel il-31 ta' Jannar kull sena.

*Artikolu 96~~22r~~*

**Monitoraġġ xjentifiku tas-sajd għall-barbun imperjali ~~fil-Baħar l-Iswed~~**

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lis-SAC (il-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku) u lill-Kummissjoni, mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru kull sena, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali b'appoġġ tal-monitoraġġ xjentifiku tas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed.

↓ 982/2019 Art. 1.5 (adattat)

## ~~KAPITOLU IIA~~

### ~~GĦELUQ TEMPORALI FIL-BAĦAR L-ISWED~~

*Artikolu 97~~14 a~~*

**Perjodu tal-għeluq matul l-istaġun tar-riproduzzjoni tal-barbun imperjali ~~fil-Baħar l-Iswed~~**

~~1. Fil-perjodu ta' bejn April u Ġunju kull sena, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi perjodu tal-għeluq ta' tal-anqas xahrejn fil-Baħar l-Iswed.~~

⇩ ġdid

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi kull sena, abbażi tal-parir xjentifiku mogħti mill-SAC, perjodu ta' għeluq ta' mill-inqas xahrejn matul l-istaġun riproduttiv tal-barbun imperjali.

↓ 982/2019 Art. 1.5 (adattat)

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw restrizzjonijiet spazjali ⌦ jew ⌫ ~~/~~temporali addizzjonali li fihom l-attivitajiet tas-sajd jistgħu jiġu pprojbiti jew ristretti biex jipproteġu żoni ta' aggregazzjoni ta' frieħ tal-barbun imperjali~~barbuni imperjali li għadhom qed jikbru~~.

↓ 982/2019 Art. 1.7 (adattat)

## KAPITOLU ~~IVA~~IX

### ~~DAQS MINIMU TA' REFERENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI GĦALL-~~M~~M~~AZZOLA GRIŻA ~~TAL-BAĦAR L-ISWED~~

⇩ ġdid

Artikolu 98

**Ambitu**

Dan il-Kapitolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd li għandhom fil-mira l-mazzola griża (*Squalus acanthias*) fil-GSA 29 kif previst fl-Anness I.

↓ 982/2019 Art. 1.7 (adattat)

*Artikolu 99~~16da~~*

**Daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ⌦ tal- ⌫ mazzola griża ~~tal-Baħar l-Iswed~~**

Eżemplari ta' mazzola griża fil-Baħar l-Iswed iżgħar minn 90 cm m'għandhomx jinżammu abbord, jiġu ttrasbordati, jinħattu l-art, jinħażnu, jinbiegħu jew jiġu offruti għall-bejgħ. Meta jinqabdu bi żball, dawn l-eżemplari tal-mazzola griża għandhom jinħelsu minnufih mingħajr ma ssirilhom ħsara u ħajjin, sa fejn ikun possibbli. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd għandhom jirreġistraw qbid inċidentali, avvenimenti ta' rilaxx u/jew ta' rimi għall-mazzola griża fil-ġurnal ta' abbord. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dik l-informazzjoni lill-GFCM u lill-Kummissjoni fir-rappurtar annwali tagħhom lill-SAC u permezz tal-qafas ta' ġbir tad-~~data~~*data* tal-GFCM.

---

⇩ ġdid

# TITOLU III

# *DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI*

## *KAPITOLU I*

## *MIŻURI TEKNIĊI U TA' KONSERVAZZJONI*

### *TAQSIMA I*

### Tnaqqis tal-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq ċerti speċijiet tal-baħar

***Subtaqsima 1***

***Klieb il-baħar, rebekkini u raj***

*Artikolu 100*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2018/2 dispożizzjoni 3]*

***Ambitu***

Din is-subtaqsima tapplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd immirati lejn kwalunkwe speċi ta' elażmobranki, kif ukoll speċijiet ta' klieb il-baħar u raj li huma inklużi fl-Anness II u l-Anness III tal-Protokoll SPA/BD tal-Konvenzjoni ta' Barċellona[31], fil-GSAs kollha kif imsemmi fl-Anness I.

---

🡻 2102/2015 Art. 1.2 (adattat)

*Artikolu 101~~16j~~*

**~~Klieb il-baħar u raj~~** ⌦ **Speċijiet elażmobranki** ⌫protetti

---

[31] ĠU L 322, 14.12.1999, p. 3.

⇩ ġdid

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw protezzjoni għolja mill-attivitajiet tas-sajd għall-ispeċijiet elażmobranki elenkati fl-Anness II tal-Protokoll SPA/BD tal-Konvenzjoni ta' Barċellona.

---

🡻 2102/2015 Art. 1.2 (adattat)
⇨ ġdid

~~1~~2. Speċijiet ⌦ elażmobranki ⌫ ~~ta' klieb il-baħar u ta' raj~~ li huma inklużi fl-Anness II tal-~~Protokoll~~ ⌦ Protokoll SPA/BD tal-Konvenzjoni ta' Barċellona ⌫ li jikkonċerna żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran~~[32]~~ ~~("Protokoll għall-Konvenzjoni ta' Barċellona")~~ ma għandhomx jinżammu abbord, jiġu ttrasbordati, jinħattu l-art, jiġu ttrasferiti, jinħażnu, jinbiegħu jew jintwerew jew jiġu offruti għall-bejgħ.

3~~2~~. ~~Sa fejn ikun possibbli,~~ ~~b~~Il-bastimenti tas-sajd li jkunu qabdu, b'mod inċidentali, speċijiet ~~ta' klieb il-baħar u ta' raj~~ ⌦ elażmobranki ⌫ inklużi fl-Anness II tal-Protokoll ⌦ SPA/BD ⌫ tal-Konvenzjoni ta' Barċellona għandhom jeħilsuhom fil-pront, ħajjin u mingħajr ma ssirilhom ħsara.

*Artikolu 102~~16k~~*

**Identifikazzjoni ta' klieb il-baħar**

1. ⇨ Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 101, ⇦ ~~Q~~il-qtugħ tar-ras u s-sliħ ta' klieb il-baħar abbord u qabel ħatt l-art għandhom ikunu pprojbiti. Il-klieb il-baħar bla ras u misluħa ~~ma jistgħux~~ ⌦ ma għandhomx ⌫jiġu kkummerċjalizzati fi swieq tal-ewwel bejgħ wara li jinħattu l-art.

---

⇩ ġdid

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 101, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klieb il-baħar jinżammu abbord, jiġu ttrasbordati, jinħattu l-art u jitqiegħdu fis-suq mal-ewwel bejgħ b'mod li l-ispeċijiet ikunu rikonoxxibbli u identifikabbli, u li l-qabda, il-qabda inċidentali, u kull meta jkun xieraq, ir-rilaxx ta' dawn l-ispeċijiet, ikun jista' jiġi mmonitorjat u rreġistrat.

*Artikolu 103*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/2 dispożizzjoni 5]*

**Obbligi ta' rappurtar**

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni sat-30 ta' April ta' kull sena, dwar il-modalitajiet tad-derogi applikati għall-projbizzjoni fuq l-attivitajiet tas-sajd imwettqa bix-xbieki tat-tkarkir, f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM sal-31 ta' Marzu ta' kull sena. Tali notifika għandha tinkludi:

---

32 ~~ĠU L 322, 14.12.1999, p. 3.~~

(1) lista ta' bastimenti tat-tkarkir awtorizzati bil-karatteristiċi tagħhom;

(2) iż-żoni rilevanti identifikati mill-koordinati ġeografiċi, kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar, u mir-rettangoli statistiċi tal-GFCM;

(3) miżuri meħuda għall-monitoraġġ u l-mitigazzjoni tal-impatti fuq l-ambjent tal-baħar.

---

🡻 2102/2015 Art. 1.2 (adattat)

~~KAPITOLU V~~

~~TNAQQIS TAL-IMPATT TAL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD FUQ ĊERTI SPEĊIJIET TAL-BAĦAR~~

⌦ **Subtaqsima 2** ⌫

**Qabdiet inċidentali** ⌫

⌦ **Qabdiet inċidentali ta' ċerti speċijiet tal-baħar** ⌫

---

🡻 2102/2015 Art. 1.2 (adattat)

*Artikolu 104~~16e~~*

**Ambitu**

~~Dan il-Kapitolu għandu~~⌦ Din is-subtaqsima għandha ⌫ tapplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura aktar stretta li tirriżulta mid-Direttiva 92/43/KEE jew mid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33]~~, u għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003[34]~~.

---

🡻 2102/2015 Art. 1.2

*Artikolu 105~~16f~~*

**Qbid~~Qabdiet~~inċidentali ta' tjur tal-baħar fl-irkaptu tas-sajd**

1. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd għandhom jeħilsu fil-pront tjur tal-baħar li jinqabdu fl-irkaptu tas-sajd b'mod inċidentali.

2. Il-bastimenti tas-sajd ma għandhomx iniżżlu l-art tjur tal-baħar ħlief fil-qafas ta' pjanijiet nazzjonali għall-konservazzjoni tat-tjur tal-baħar jew biex tiġi żgurata għajnuna għall-irkupru ta' tjur tal-baħar individwali li jkunu midruba, u kemm-il darba l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu ġew debitament u uffiċjalment informati, qabel ma l-bastiment tas-sajd ikkonċernat jerġa' lura fil-port, bl-intenzjoni li t-tali tjur tal-baħar jitniżżlu l-art.

---

33 Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

34 ~~Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord ta' bastimenti (ĠU L 167, 4.7.2003, p. 1).~~

*Artikolu 106~~16 g~~*

**Qbid inċidentali ta' fkieren tal-baħar f'irkaptu tas-sajd**

1. Sa fejn ikun possibbli, il-fkieren tal-baħar li jinqabdu fl-irkaptu tas-sajd b'mod inċidentali għandhom jiġu ttrattati b'sikurezza~~bil-kura~~ u jinħelsu mingħajr ma ssirilhom ħsara u ħajjin.

2. Il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd ma għandhomx iniżżlu l-art fkieren tal-baħar, sakemm mhux bħala parti minn programm ta' salvataġġ speċifiku jew ta' konservazzjoni nazzjonali jew sakemm dan ma jkunx meħtieġ mod ieħor bil-għan li jsir is-salvataġġ jew tiġi żgurata l-għajnuna għall-irkupru ta' fkieren tal-baħar individwali li jkunu mweġġgħa jew f'koma u sakemm l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati jkunu ġew debitament u uffiċjalment infurmati qabel id-dħul lura fil-port tal-bastiment tas-sajd ikkonċernat.

3. Sa fejn ikun prattikabbli, il-bastimenti tas-sajd li jużaw purse seines għal speċijiet pelaġiċi żgħar jew xbieki tat-tidwir mingħajr vajjina għal speċijiet pelaġiċi għandhom jevitaw li jiċċirkondaw lill-fkieren tal-baħar.

4. Bastimenti tas-sajd li jużaw konzijiet u xbieki tal-garġi tal-qiegħ għandhom iġorru abbord tagħmir li permezz tiegħu jkunu jistgħu jimmaniġġaw, jirrilixxaw u jeħilsu b'mod sikur il-fkieren tal-baħar li jitħabblu fix-xbieki, ~~liema tagħmir ikun imfassal biex jiżgura li dawn jiġu mmaniġġati u rrilaxxati~~ b'mod li jimmassimizza l-probabbiltà tas-sopravvivenza tagħhom.

*Artikolu 107~~16h~~*

**Qbid inċidentali ta' bumerini (*Monachus monachus*)**

1. Il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd m'għandhomx jieħdu abbord, jittrasbordaw jew iħottu l-art bumerini, sakemm dan ma jkunx meħtieġ biex tiġi żgurata l-assistenza għall-irkupru ta' annimali individwali mweġġgħin u sakemm l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati jkunu ġew debitament u uffiċjalment infurmati qabel id-dħul lura fil-port tal-bastiment tas-sajd ikkonċernat.

2. Il-bumerini li jinqabdu b'mod inċidentali fl-irkaptu tas-sajd għandhom jinħelsu ħajjin u mingħajr ma ssirilhom ħsara. Il-karkassi ta' speċijiet mejta għandhom jitniżżlu l-art u jittieħdu għall-fini ta' studji xjentifiċi jew biex jinqerdu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

*Artikolu 108~~16i~~*

**Qbid inċidentali ta' ċetaċji**

1. Sa fejn ikun prattikabbli, il-bastimenti tas-sajd għandhom ipoġġu lura fil-baħar iċ-ċetaċji ħajjin u mingħajr ma ssirilhom ħsara li jinqabdu b'mod inċidentali fl-irkaptu tas-sajd u li jkunu tressqu qrib il-bastiment tas-sajd.

---

| ↓ 2102/2015 Art. 1.4 (adattat) |
|---|

2~~4~~. L-Istati Membri għandhom ~~jistabbilixxu sistemi ta' monitoraġġ adegwati sabiex~~ jiġbru informazzjoni ~~affidabbli~~ dwar l-impatti, fuq il-popolazzjonijiet taċ-ċetaċji fil-Baħar l-Iswed, ta' bastimenti tas-sajd li jistadu għall-mazzola griża bi xbieki tal-garġi tal-qiegħ, u għandhom jippreżentaw dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ~~minnufih~~ ⌦ din ⌫ l-informazzjoni ~~msemmija fil-paragrafi 3, 4 u 5~~ lis-Segretarjat ~~Segretarju Eżekuttiv~~ tal-GFCM ⌦ mingħajr dewmien ⌫ .

↓ 2102/2015 Art. 1.3 (adattat)

## ~~KAPITOLU IA~~

## ~~OBBLIGI TA' REĠISTRAZZJONI~~

*Artikolu 109~~17b~~*

**⌦ Reġistrazzjoni ta' ⌫ q~~Q~~abdiet inċidentali ta' ċerti speċijiet tal-baħar**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd imsemmi fl-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd għandhom jirreġistraw l-informazzjoni li ġejja:

(a) kull każ ta' qabda inċidentali u ta' rilaxx ta' tjur tal-baħar;

(b) kull każ ta' qabda inċidentali u ta' rilaxx ta' fkieren tal-baħar;

(c) kull każ ta' qabda inċidentali u ta' rilaxx ta' bumerini;

(d) kull każ ta' qabda inċidentali u ta' rilaxx ta' ċetaċji;

(e) kull każ ta' qabda inċidentali u, fejn meħtieġ, rilaxx ta' speċijiet ta' klieb il-baħar u raj elenkati fl-Anness II jew l-Anness III tal-Protokoll ⌦ SPA/BD ⌫tal-Konvenzjoni ta' Barċellona.

2. Minbarra l-informazzjoni rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord, ir-rapporti nazzjonali maħsuba sabiex jiġu analizzati mis-SAC għandhom jinkludi wkoll:

(a) fir-rigward ta' qabdiet inċidentali ta' fkieren tal-baħar, informazzjoni dwar:

~~-~~(i) it-tip ta' rkaptu tas-sajd,

~~-~~(ii) meta saru l-qabdiet inċidentali,

~~-~~(iii) durata tal-immersjoni,

~~-~~(iv) il-fond tal-ilma u l-postijiet tas-sajd,

~~-~~(v) l-ispeċijiet fil-mira,

~~-~~(vi) l-ispeċijiet ta' fkieren tal-baħar, u

~~-~~(vii) u jekk il-fkieren tal-baħar ġewx skartati mejta jew jekk inħelsux ħajjin;

(b) fir-rigward ta' qabdiet inċidentali ta' ċetaċji, informazzjoni dwar:

~~-~~(i) il-karatteristiċi tal-irkaptu tas-sajd,

~~-~~(ii) meta saru l-qabdiet inċidentali,

~~-~~(iii) il-postijiet tas-sajd (jew skont ~~is-Subżoni Ġeografiċi~~ ⌦ il-GSA ⌫ jew ir-rettangli statistiċi, kif definiti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament), u

~~-~~(iv) jekk kienx hemm dniefel fost iċ-ċetaċji maqbuda jew jekk kinux speċijiet oħra ta' ċetaċji.

3. ~~Sal-31 ta' Diċembru 2015, l~~ L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli msemmija fil-paragrafu 1 dwar ir-reġistrazzjoni ta' qabdiet inċidentali mill-kaptani ta' bastimenti tas-sajd li mhumiex soġġetti għall-obbligu li jżommu ġurnal ta' abbord dwar is-sajd skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

⇩ ġdid

4. Sal-15 ta' Diċembru ta' kull sena, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, fil-forma ta' rapport elettroniku, ir-rati ta' qabdiet inċidentali u r-rilaxx ta' tjur tal-baħar, fkieren tal-baħar, bumerini, ċetaċji, klieb il-baħar u raj, kif ukoll l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena.

🡻 1343/2011 (adattat)

~~TITOLU II~~

~~*MIŻURI TEKNIĊI*~~

⌦ TAQSIMA II ⌫~~*KAPITOLU I*~~

**Żoni ta' sajd ristretti**

~~*TAQSIMA I*~~

~~*Żona ta' sajd ristretta fil-Golf tal-Iljuni*~~

⌦ ***Subtaqsima 1***

***Il-Golf tal-Iljuni*** ⌫

Artikolu 110~~4~~

**Stabbiliment ta' żona ta' sajd ristretta**

🡻 1343/2011 (adattat)
⇨ ġdid

Hija b'dan stabbilita żona ta' sajd ristretta fil-Lvant tal-Golf tal-Iljuni konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati ġeografiċi ⌦ stabbiliti fil-Parti A tal-Anness XI ⌫. ~~li ġejjin~~: ⇨.

~~-42° 40′ N, 4° 20′ E~~

~~-42° 40′ N, 5 ° 00′ E~~

~~-43 ° 00′ N, 4° 20′ E~~

~~-43° 00′ N, 5° 00′ E.~~

*Artikolu 111~~5~~*

**Sforz tas-sajd**

Għall-istokkijiet f'qiegħ il-baħar, l-isforz tas-sajd tal-bastimenti li jużaw xbieki rmunkati, konzijiet tal-qiegħ u ta' nofs il-baħar u xbieki tal-qiegħ fiż-żona ta' sajd ristretta msemmija fl-Artikolu 110~~4~~ m'għandux jeċċedi l-livell tal-isforz tas-sajd applikat fl-2008 minn kull Stat Membru f'dik iż-żona.

*Artikolu 6112*

**Rekord ta' sajd**

L-Istati Membri għandhom, sa mhux aktar tard mis-16 ta' Frar 2012, jippreżentaw lill-Kummissjoni f'format elettroniku lista tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li kellhom rekord ta' sajd matul is-sena 2008 fiż-żona msemmija fl-Artikolu 1104 u fis-Subżona Ġeografika ⌦ fil-GSA ⌫ 7 tal-GFCM kif definit fl-Anness I. Dik il-lista għandha tinkludi l-isem tal-bastiment, in-numru tar-Reġistru tal-Flotta tal-UE ⇨ CFR ⇦, il-perjodu li matulu l-bastiment kien awtorizzat jistad fiż-żona msemmija fl-Artikolu 1104 u l-għadd ta' jiem li kull bastiment għamel fis-Subżona Ġeografika ⌦ fil-GSA ⌫ 7 tal-GFCM fis-sena 2008 u aktar speċifikament fiż-żona msemmija fl-Artikolu 1104.

---

🡻 1343/2011

*Artikolu 1137*

**Bastimenti awtorizzati**

1. Il-bastimenti awtorizzati biex jistadu fiż-żona msemmija fl-Artikolu 1104 għandha tinħarġilhom awtorizzazzjoni tas-sajd mill-Istat Membru tagħhom f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd[35].

2. Il-bastimenti tas-sajd li ma għandhomx rekords ta' sajd fiż-żona msemmija fl-Artikolu 1104 qabel il-31 ta' Diċembru 2008 m'għandhomx ikunu awtorizzati jibdew jistadu hemm.

3. L-Istati Membri għandhom, sa mhux aktar tard mis-16 ta' Frar 2012, jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2008 dwar:

(a) l-għadd massimu ta' sigħat fil-jum li bastiment jista' jwettaq attività tas-sajd,

(b) l-għadd massimu ta' jiem fil-ġimgħa li bastiment jista' joqgħod fuq il-baħar u jkun nieqes mill-port, u

(c) il-ħinijiet obbligatorji għall-bastimenti tas-sajd tal-ħruġ u r-ritorn tagħhom lejn il-port reġistrat tagħhom.

*Artikolu 1148*

**Protezzjoni ta' ħabitats sensittivi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żona msemmija fl-Artikolu 1104 tkun protetta mill-impatti ta' kwalunkwe attività oħra tal-bniedem li tipperikola l-konservazzjoni tal-karatteristiċi li jikkaratterizzaw dik iż-żona bħala żona fejn jinġabar il-ħut li jista' jirriproduċi.

---

35 ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

↓ 1343/2011 (adattat)

*Artikolu 1159*

**Informazzjoni**

Qabel l-1 ta' Frar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport f'format elettroniku dwar l-attivitajiet tas-sajd imwettqa fiż-żona msemmija fl-Artikolu 1104.

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-regoli dettaljati għall-format u t-trasmissjoni tar-rapport dwar tali attivitajiet tas-sajd. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14325(2).

⇩ ġdid

Artikolu 116

**Miżuri ta' ġestjoni tal-flotta**

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-kapaċità tal-flotta tagħhom tinżamm għall-isfruttar tal-ispeċijiet tal-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*), il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*), fil-livelli previsti fit-Tabella C tal-Anness XII, fiż-żona ristretta tas-sajd stabbilita fl-Artikolu 110.

↓ 982/2019 Art. 1.3 (adattat)

~~SEZZJONI IA~~

~~ŻONI RISTRETTI GĦAS-SAJD GĦALL-PROTEZZJONI TA' ĦABITATS ESSENZJALI TA' ĦUT U EKOSISTEMI TAL-BAĦAR VULNERABBLI~~

**⌦ Subtaqsima 2**

**Il-Kanal ta' Sqallija ⌫**

*Artikolu 1179 a*

**Żoni ristretti għas-sajd ~~fil-Kanal ta' Sqallija~~**

Is-sajd bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ għandu jkun ipprojbit f'dawn iż-żoni:

(1) iż-żona ristretta għas-sajd "Lvant mill-Adventure Bank" konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati ~~li ġejjin~~ ⌦ previsti fil-Parti B tal-Anness XI ⌫ .

~~-37 ° 23,850′ N, 12 ° 30,072′ E~~

~~-37 ° 23,884′ N, 12 ° 48,282′ E~~

~~-37 ° 11,567′ N, 12 ° 48,305′ E~~

~~37 ° 11,532′ N, 12 ° 30,095′ E~~

(2) iż-żona ristretta għas-sajd "Punent mill-Baċin ta' Gela" konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati ~~li ġejjin~~ ⌦ previsti fil-Parti B tal-Anness XI ⌫.

~~37 ° 12,040′ N, 13 ° 17,925′ E~~

~~37 ° 12,047′ N, 13 ° 36,170′ E~~

~~36 ° 59,725′ N, 13 ° 36,175′ E~~

~~36 ° 59,717′ N, 13 ° 17,930′ E~~

(3) iż-żona ristretta għas-sajd "Lvant mill-Malta Bank" konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati ~~li ġejjin~~ ⌦ previsti fil-Parti B tal-Anness XI ⌫ .

~~36 ° 12,621′ N, 15 ° 13,338′ E~~

~~36 ° 12,621′ N, 15 ° 26,062′ E~~

~~35 ° 59,344′ N, 15 ° 26,062′ E~~

~~35° 59,344′ N, 15° 13,338′ E.~~

*Artikolu 118~~9b~~*

**Żoni ta' lqugħ ~~fil-Kanal ta' Sqallija~~**

1. Żona ta' lqugħ konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati ~~li ġejjin~~ ⌦ previsti fil-Parti C tal-Anness XI ⌫ għandha tiġi stabbilita madwar iż-żona ristretta tas-sajd "Lvant mill-Adventure Bank" kif imsemmi fl-Artikolu 117~~9a(1)~~.

~~37 ° 24,849′ N, 12 ° 28,814′ E~~

~~37 ° 24,888′ N, 12 ° 49,536′ E~~

~~37 ° 10,567′ N, 12 ° 49,559′ E~~

~~37 ° 10,528′ N, 12 ° 28,845′ E~~

2. Żona ta' lqugħ konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati ~~li ġejjin~~ ⌦ previsti fil-Parti C tal-Anness XI ⌫ għandha tiġi stabbilita madwar iż-żona ristretta tas-sajd "Punent mill-Baċin ta' Gela" kif imsemmi fl-Artikolu 117~~9a(2)~~.

~~37 ° 13,041′ N, 13 ° 16,672′ E~~

~~37 ° 13,049′ N, 13 ° 37,422′ E~~

~~36 ° 58,723′ N, 13 ° 37,424′ E~~

~~36 ° 58,715′ N, 13 ° 16,682′ E~~

3. Żona ta' lqugħ konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati ~~li ġejjin~~ ⌦ previsti fil-Parti C tal-Anness XI ⌫ għandha tiġi stabbilita madwar iż-żona ristretta tas-sajd "Lvant mill-Malta Bank" kif imsemmi fl-Artikolu 117~~9a(3)~~.

~~36 ° 13,624′ N, 15 ° 12,102′ E~~

~~36 ° 13,624′ N, 15 ° 27,298′ E~~

~~35 ° 58,342′ N, 15 ° 27,294′ E~~

~~35 ° 58,342′ N, 15 ° 12,106′ E~~

4. Bastimenti li jwettqu attivitajiet tas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fiż-żoni ta' lqugħ imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiżguraw il-frekwenza tat-trażmissjoni xierqa tas-sinjali ~~tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti~~ (VMS) tagħhom. Bastimenti mhux mgħammra bi transponder tal-VMS u li jkollhom l-għan li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fiż-żoni ta' lqugħ għandhom ikunu mgħammra bi kwalunkwe sistema oħra ta' ġeolokalizzazzjoni biex jippermettu lill-awtoritajiet ta' kontroll jintraċċaw l-attivitajiet tagħhom.

**⌦ Subtaqsima 3**

**Il-Baħar Adrijatiku ⌫**

*Artikolu 119~~9c~~*

**Restrizzjonijiet fuq is-sajd fiż-żona tal-Fossa ta' Jabuka / Pomo ~~fil-Baħar Adrijatiku~~**

1. Sajd rikreazzjonali u sajd bix-xbieki tal-qiegħ, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ u bin-nases għandhom ikunu pprojbiti f'żona konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati ~~li ġejjin~~⌦ previsti fil-Parti D tal-Anness XI ⌫ . ~~:~~

~~- 43 ° 32,044′ N, 15 ° 16,501′ E~~

~~- 43 ° 05,452′ N, 14 ° 58,658′ E~~

~~- 43 ° 03,477′ N, 14 ° 54,982′ E~~

~~- 42° 50,450′ N, 15 ° 07,431′ E~~

~~- 42° 55,618′ N, 15 ° 18,194′ E~~

~~- 43 ° 17,436′ N, 15 ° 29,496′ E~~

~~- 43 ° 24,758′ N, 15 ° 33,215′ E~~

2. Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Ottubru kull sena, sajd bix-xbieki tal-qiegħ, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ u bin-nases għandu jkun ipprojbit f'żona konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati ⌦ stabbiliti fil-Parti D tal-Anness XI ⌫ ~~li ġejjin~~ . ~~:~~

~~- 43 ° 03,477′ N, 14 ° 54,982′ E~~

~~- 42° 49,811′ N, 14 ° 29,550′ E~~

~~- 42° 35,205′ N, 14 ° 59,611′ E~~

~~- 42° 49,668′ N, 15 ° 05,802′ E~~

~~- 42° 50,450′ N, 15 ° 07,431′ E~~

3. Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Ottubru kull sena, sajd rikreazzjonali u sajd bix-xbieki tal-qiegħ, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ u bin-nases għandhom ikunu pprojbiti f'żona konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati ⌦stabbiliti fil-Parti D tal-Anness XI ⌫ ~~li ġejjin~~ . ~~:~~

~~- 43 ° 17,436′ N, 15 ° 29,496′ E~~

~~- 43 ° 24,758′ N, 15 ° 33,215′ E~~

~~- 43 ° 20,345′ N, 15 ° 47,012′ E~~

~~- 43 ° 18,150′ N, 15 ° 51,362′ E~~

~~- 43 ° 13,984′ N, 15 ° 55,232′ E~~

~~-43 ° 12,873′ N, 15 ° 52,761′ E~~

~~-43° 13,494′ N, 15° 40,040′ E.~~

*Artikolu 120~~9d~~*

**Bastimenti awtorizzati fiż-żona tal-Fossa ta' Jabuka / Pomo**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 119~~9e~~(2) u (3), l-attivitajiet tas-sajd kummerċjali mwettqa bix-xbieki tal-qiegħ, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ u bin-nases għandhom ikunu awtorizzati biss, fiż-żoni msemmija f'dawk il-paragrafi, jekk il-bastiment ikun fil-pussess ta' awtorizzazzjoni speċifika u jekk dan ikun jista' juri li storikament wettaq attivitajiet tas-sajd fiż-żoni kkonċernati.

2. Fiż-żona msemmija fl-Artikolu 119~~9e~~(2), il-bastimenti tas-sajd awtorizzati m'għandhomx ikunu intitolati li jistadu għal aktar minn jumejn tas-sajd fil-ġimgħa. Il-bastimenti tas-sajd awtorizzati li jużaw irkaptu li jkun xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti tewmin m'għandhomx ikollhom id-dritt li jistadu għal aktar minn jum wieħed tas-sajd fil-ġimgħa.

3. Fiż-żona msemmija fl-Artikolu 119~~9e~~(3), il-bastimenti awtorizzati li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ għandhom ikunu intitolati li jistadu biss kull nhar ta' Sibt u Ħadd mill-5:00 H sal-22:00 H. Bastimenti awtorizzati li jistadu bix-xbieki tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ u bin-nases għandhom jitħallew jistadu biss minn nhar ta' Tnejn 05:00 H sal-Ħamis 22:00 H.

4. Il-bastimenti awtorizzati jistadu fiż-żona msemmija fl-Artikolu 119~~9e~~(2) u (3) bl-irkaptu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinħarġilhom awtorizzazzjoni tas-sajd mill-Istat Membru tagħhom f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

5. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu kull sena, il-lista ta' bastimenti li għalihom ikunu ħarġu l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lis-Segretarjat tal-GFCM, mhux aktar tard mit-30 ta' April kull sena, il-lista ta' bastimenti awtorizzati stabbiliti għas-sena li jmiss. Għal kull bastiment, il-lista għandu jkun fiha l-informazzjoni ~~li ġejja~~ ⌦ prevista fl-Anness VIII ⌫ .

~~(a) l-isem tal-bastiment;~~

~~(b) in-numru tar-reġistru tal-bastiment;~~

~~(c) l-identifikatur uniku tal-GFCM (il-kodiċi 3-alfa tal-ISO tal-pajjiż + 9 figuri, eż. xxx000000001);~~

~~(d) l-isem ta' qabel (jekk kien hemm);~~

~~(e) il-bandiera ta' qabel (jekk kien hemm);~~

~~(f) id-dettalji tat-tħassir ta' qabel minn reġistri oħra (jekk kien hemm);~~

~~(g) is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju (jekk hemm);~~

~~(h) it-tip ta' bastiment, it-tul totali (LOA) u t-tunnellaġġ gross (GT) u/jew it-tunnellaġġ irreġistrat gross (GRT);~~

~~(i) l-isem u l-indirizz tal-proprjetarju/i u l-operatur(i);~~

~~(j) l-irkaptu ewlieni użat għas-sajd fiż-Żona Ristretta tas-Sajd;~~

~~(k) il-perjodu staġjonali awtorizzat għas-sajd fiż-Żona Ristretta tas-Sajd;~~

~~(l) in-numru ta' jiem tas-sajd li għalih huwa intitolat kull bastiment;~~

~~(m) il-port magħżul.~~

6. Il-bastimenti tas-sajd awtorizzati għandhom iħottu biss qabdiet ta' stokkijiet demersali fil-portijiet magħżula. Għal dak l-għan, kull Stat Membru kkonċernat għandu jagħżel portijiet li fihom hu awtorizzat il-ħatt tal-qabdiet miż-Żona Ristretta tas-Sajd tal-Fossa ta' Jabuka/Pomo. Il-lista ta' dawk il-portijiet għandha tiġi kkomunikata ~~lis-Segretarjat tal-GFCM u~~ lill-Kummissjoni mhux aktar tard ~~mit-30 ta' April kull sena~~ ⌦ mill-31 ta' Marzu ⌫ . ⌦ Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti din il-lista lis-Segretarjat tal-GFCM sat-30 ta' April kull sena. ⌫

7. Il-bastimenti tas-sajd awtorizzati biex jistadu fiż-żoni msemmija fl-Artikolu 119~~9e~~(2) u (3) bl-irkaptu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkollhom VMS u/jew Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatiċi (AIS) li jaħdmu kif suppost, u l-irkaptu tas-sajd abbord jew użat għandu jkun identifikat, enumerat u mmarkat kif xieraq qabel tibda kwalunkwe operazzjoni tas-sajd jew in-navigazzjoni f'dawk iż-żoni.

8. Il-bastimenti tas-sajd bix-xbieki tal-qiegħ, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ u bin-nases mingħajr awtorizzazzjonijiet għandhom jitħallew jgħaddu miż-Żona Ristretta tas-Sajd biss jekk dawn isegwu rotta diretta b'veloċità kostanti ta' mhux anqas minn 7 knots u b'VMS u/jew l-AIS attivi abbord, u jekk ma jwettqu l-ebda tip ta' attivitajiet tas-sajd.

---

🡻 1343/2011 (adattat)

## ~~*TAQSIMA II*~~

## ~~*ŻONI TA' SAJD RISTRETTI SABIEX JIĠU PROTETTI HABITATS SENSITTIVI TAL-BAĦAR FOND*~~

## ⌦ *Subtaqsima 4*

## *Ħabitats sensittivi tal-baħar fond* ⌫

*Artikolu 121~~10~~*

**Stabbiliment ta' żoni ristretti għas-sajd ⌦ f'ħabitats sensittivi tal-baħar fond ⌫**

Is-sajd bil-gangmu rmunkat u bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ għandu jkun ipprojbit fiż-żoni li ġejjin:

(1) ~~(a)~~ iż-żona ristretta għas-sajd tal-baħar fond "is-Sikka Lophelia 'l barra minn Capo Santa Maria di Leuca" konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati ~~li ġejjin~~ ⌦ previsti fil-Parti E tal-Anness XI ⌫ ;~~:~~

~~-39 ° 27,72′ N, 18 ° 10,74′ E~~

~~-39 ° 27,80′ N, 18 ° 26,68′ E~~

~~-39 ° 11,16′ N, 18 ° 32,58′ E~~

~~-39° 11,16′ N, 18° 04,28′ E;~~

(2) ~~(b)~~ iż-żona ristretta għas-sajd tal-baħar fond "The Nile delta area cold hydrocarbon seeps" konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati ~~li ġejjin~~⌦ previsti fil-Parti E tal-Anness XI ⌫ ;~~:~~

~~-31 ° 30,00′ N, 33 ° 10,00′ E~~

~~-31 ° 30,00′ N, 34 ° 00,00′ E~~

~~-32 ° 00,00′ N, 34 ° 00,00′ E~~

~~-32 ° 00,00′ N, 33 ° 10,00′ E;~~

(3) ~~(c)~~ Iż-żona ristretta għas-sajd tal-baħar fond "The Eratosthenes Seamount" konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati ~~li ġejjin~~ ⌦ previsti fil-Parti E tal-Anness XI ⌫.~~:~~

~~-33 ° 00,00′ N, 32 ° 00,00′ E~~

~~-33 ° 00,00′ N, 33 ° 00,00′ E~~

~~-34 ° 00,00′ N, 33 ° 00,00′ E~~

~~-34 ° 00,00′ N, 32 ° 00,00′ E.~~

*Artikolu 122~~11~~*

**Protezzjoni ta' ħabitats sensittivi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikollhom il-kompitu li jipproteġu l-ħabitats sensittivi tal-baħar fond fiż-żoni msemmija fl-Artikolu 121~~10~~ minn, b'mod partikolari, l-impatt ta' kwalunkwe attività oħra li tipperikola l-konservazzjoni tal-karatteristiċi li jikkaratterizzaw dawk il-ħabitats.

---

🡻 982/2019 Art. 1.4 (adattat)

**Taqsima III**

**Għeluq ⌦ temporali jew spazjali ⌫ ~~temporanju fil-Golf ta' Gabès~~**

*Artikolu 123~~11 a~~*

**Għeluq temporali~~temporanju~~~~fil-Golf ta' Gabès~~**

Mill-1 ta' Lulju sat-30~~sal-31~~ ta' Settembru kull sena, is-sajd bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ għandu jkun ipprojbit bejn il-kosta u l-isobat ta' 200 metru fond ~~tas-Subżona Ġeografika~~ ⌦ tal-GSA ⌫ 14 ~~tal-GFCM~~ (il-Golf ta' Gabès kif ~~iddefinit~~ ⌦ imsemmi ⌫ fl-Anness I).

---

🡻 1343/2011 (adattat)

~~***KAPITOLU III***~~

*⌦* **Taqsima IV** *⌫*

~~**IRKAPTU**~~ ⌦ **IRKAPTU** ⌫ **TAS-SAJD**

~~*Artikolu 15*~~

~~**Daqs minimu tal-malji fil-Baħar l-Iswed**~~

~~1. Id-daqs minimu tal-malji tax-xbieki użati għall-attivitajiet ta' tkarkir li jisfruttaw l-istokkijiet f'qiegħ il-baħar fil-Baħar l-Iswed għandu jkun ta' 40 mm. Il-pannelli ta' xbieki b'malji iżgħar minn 40 mm m'għandhomx jintużaw jew jinżammu abbord.~~

~~2. Qabel l-1 ta' Frar 2012, ix-xibka msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi sostitwita minn xibka b'malja kwadra tal-manka ta' 40 mm jew, fuq it-talba debitament ġustifikata ta' sid il-bastiment, għal xibka b'malja djamant ta' 50 mm b'selettività ta' daqs rikonoxxut ekwivalenti għal jew ogħla minn dak tax-xbieki b'malja kwadra tal-manka ta' 40 mm.~~

~~3. L-Istati Membri li l-bastimenti tas-sajd tagħhom iwettqu attivitajiet ta' tkarkir li jisfruttaw l-istokkijiet f'qiegħ il-baħar fil-Baħar l-Iswed għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, għall-ewwel darba mhux aktar tard mis-16 ta' Frar 2012 u sussegwentement kull sitt xhur, il-lista ta' bastimenti tas-sajd li jwettqu dawn l-attivitajiet fil-Baħar l-Iswed u li huma mgħammra b'xibka bil-malja kwadra tal-manka ta' 40 mm jew aktar jew xbieki bil-malja djamant ta' mill-anqas 50 mm kif ukoll il-perċentwali li dawk il-bastimenti jirrappreżentaw mill-flotta kollha nazzjonali tat-tkarkir f'qiegħ il-baħar.~~

~~Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-regoli dettaljati għall-format u t-trasmissjoni tal-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(2).~~

~~4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM.~~

---

🡻 2102/2015 Art. 1.1 (adattat)

*Artikolu* 124~~15 a~~

**L-użu ta' sajd bi xbieki tat-tkarkir u xbieki tal-garġi fil-Baħar l-Iswed**

1. L-użu ta' xbieki tat-tkarkir huwa pprojbit:

(a) f'żoni anqas minn tliet mili nawtiċi mill-kosta, sakemm ma jintlaħaqx l-isobat ta' 50 metru; jew

(b) fl-isobat ta' 50 metru fejn il-fond ta' 50 metru jintlaħaq f'distanza iqsar mill-kosta.

2. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw fuq bażi eċċezzjonali lill-bastimenti tas-sajd tagħhom biex jistadu fiż-żona msemmija fil-paragrafu 1 billi jagħtu derogi ⌦ f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 ⌫ ~~f'konformità mar-Rakkomandazzjoni GFCM 36/2012/3~~, dment li jinformaw kif dovut lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe tali deroga.

3. Fejn il-Kummissjoni tqis li deroga mogħtija f'konformità mal-paragrafu 2 ma tissodisfax il-kondizzjoni msemmija f'dak il-paragrafu, hija tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat jemenda dik id-deroga dment li tagħti raġunijiet rilevanti u wara li tkun ikkonsultatu.

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma ~~lis-Segretarju Eżekuttiv~~ ⌦ lis-Segretarjat ⌫ tal-GFCM dwar kwalunkwe deroga mogħtija f'konformità mal-paragrafu 2.

5. Mill-1 ta' Jannar 2015, id-dijametru ta' monofilament jew spag tax-xbieki tal-garġi tal-qiegħ ma għandux ikun akbar minn 0,5 mm.

⇩ ġdid

KAPITOLU II

FINANZJAMENT LI JIKKONĊERNA MIŻURI TA' KONSERVAZZJONI LI JIRRIŻULTAW F'WAQFIEN TEMPORANJU TAL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD

Artikolu 125

Finanzjament li jikkonċerna miżuri ta' konservazzjoni li jirriżultaw f'waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd

Il-miżuri previsti fl-Artikoli 5, 6, 19, 28, 38, 47, 61, 69, 85, 97 u 123 ta' dan ir-Regolament, li jirriżultaw fil-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd, għandhom jitqiesu bħala miżuri ta' konservazzjoni skont it-tifsira tal-punt (j) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-finijiet tal-finanzjament tal-waqfien temporanju f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament [XXXX/2021][36]

---

🡻 1343/2011 (adattat)

~~*Artikolu 16*~~

~~**Użu ta' gangmu rmunkat u sajd bix-xbieki tat-tkarkir**~~

~~Huwa pprojbit l-użu ta' gangmu rmunkat u xbieki tat-tkarkir f'fond ta' aktar minn 1000 m.~~

---

🡻 1343/2011 (adattat)
⇨ ġdid

# ~~TITOLU III~~ ⌦ KAPITOLU III ⌫

# MIŻURI TA' KONTROLL

## ~~*KAPITOLU I*~~ ⌦ *TAQSIMA I* ⌫

## *REĠISTRU TA' BASTIMENTI* ⌦ *AWTORIZZATI* ⌫

*Artikolu* *126*~~*17*~~

**Reġistru ta' bastimenti awtorizzati**

1. Qabel l-1 ta' Diċembru ta' kull sena, ~~kull~~ ~~Stat Membru għandu jibgħat~~ ⌦ l-Istati Membri għandhom jibagħtu ⌫ lill-Kummissjoni, permezz tal-appoġġ normali għall-ipproċessar tad-*data*~~data~~, lista aġġornata tal-bastimenti ta' aktar minn 15-il metru tul totali li jtajru l-bandiera

[36] [Ir-referenza sħiħa għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) għandha tiġi inkluża wara l-adozzjoni].

tiegħu u li huma rreġistrati fit-territorju tiegħu li huma awtorizzati jistadu fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM bil-ħruġ ta' awtorizzazzjoni għas-sajd.

2. Il-lista indikata fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ~~tar-Reġistru tal-Flotta tal-UE~~ ⇨ CFR ⇦ tal-bastiment u l-marki esterni tiegħu kif definit ⌦ fir-Regolament ta' Implimetazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 tas-6 ta' Frar 2017 dwar ir-Reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni ⌫ ~~fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 26/2004~~;

(b) il-perjodu li matulu jkun awtorizzat is-sajd u/jew it-trasbord;

(c) l-irkaptu tas-sajd użat.

3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lista aġġornata ~~lis-Segretarju Eżekuttiv~~ ⌦ lis-Segretarjat⌫ tal-GFCM qabel l-1 ta' Jannar ta' kull sena sabiex il-bastimenti kkonċernati jkunu jistgħu jiddaħħlu fir-reġistru tal-GFCM ta' bastimenti ta' aktar minn 15-il metru tul totali awtorizzati biex jistadu fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM ("ir-reġistru tal-GFCM").

4. Kull bidla li għandha ssir fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni biex tintbagħat ~~lis-Segretarju Eżekuttiv~~ ⌦ lis-Segretarjat ⌫ tal-GFCM, permezz tal-appoġġ għall-ipproċessar tad-*data*~~data~~ tas-soltu u tapplika l-istess proċedura, minn tal-inqas 10 ijiem ta' xogħol qabel ma l-bastiment jibda l-attività tas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM.

5. Il-bastimenti tas-sajd tal-UE b'tul totali ta' aktar minn 15-il metru li ma jiddaħħlux fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx jistadu, iżommu abbord, jittrasbordaw jew iħottu l-art l-ebda tip ta' ħut jew frott tal-baħar fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM.

6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li:

(a) huma biss il-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li huma inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 u li jkollhom abbord awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa minnhom li jkunu permessi, taħt it-termini tal-awtorizzazzjoni, li jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM;

(b) l-ebda awtorizzazzjoni tas-sajd ma tinħareġ lil bastimenti li jkunu wettqu sajd illegali, mhux regolat u mhux rapportat ("sajd IUU") fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM jew imkien ieħor, sakemm is-sidien il-ġodda ma jipprovdux evidenza dokumentarja adegwata li s-sidien u l-operaturi preċedenti ma għad għandhom l-ebda interess legali, benefiċjarju jew finanzjarju fi, u ma jeżerċitaw l-ebda kontroll fuq, il-bastimenti tagħhom, u li l-bastimenti tagħhom la jieħdu sehem u lanqas ma huma assoċjati mas-sajd IUU;

(c) safejn huwa possibbli, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tipprojbixxi lis-sidien u l-operaturi tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li huma inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 milli jieħdu sehem fi jew ikunu assoċjati ma' attivitajiet tas-sajd li jsiru fiż-żona tal-Ftehim GFCM minn bastimenti li mhumiex fir-reġistru tal-GFCM;

(d) safejn huwa possibbli, il-leġiżlazzjoni nazzjonali teħtieġ li s-sidien tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li huma inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 ikunu ċittadini jew entitajiet legali tal-Istat Membru tal-bandiera;

(e) il-bastimenti tagħhom jikkonformaw mal-miżuri kollha rilevanti tal-GFCM dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni.

7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprojbixxu s-sajd, iż-żamma abbord, it-trasbord u l-ħatt l-art ta' ħut u frott tal-baħar maqbuda fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM li jsiru minn bastimenti ta' aktar minn 15-il metru tul totali li mhumiex fir-Reġistru tal-GFCM.

8. L-Istati Membri għandhom mingħajr dewmien jibagħtu lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni li turi li hemm raġunijiet sodi ta' suspett li xi bastimenti ta' aktar minn 15-il metru tul totali li mhumiex fir-reġistru tal-GFCM qegħdin jistadu jew jittrasbordaw ħut u frott tal-baħar fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM.

---

🡻 1343/2011 (adattat)

~~KAPITOLU II~~ ⌦ **Taqsima II** ⌫

**MIŻURI TAL-ISTAT TAL-PORT**

*Artikolu 127~~18~~*

**Ambitu**

~~Dan il-kapitolu għandu~~ ⌦ Din it-t~~T~~aqsima għandha ⌫ t~~j~~applika għall-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi.

*Artikolu 128~~19~~*

**Notifika minn qabel**

B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, il-perjodu għal notifika minn qabel għandu jkun ta' mill-inqas 72 siegħa qabel il-ħin stmat tal-wasla fil-port.

*Artikolu 129~~20~~*

**Spezzjonijiet fil-Port**

1. Minkejja l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, l-Istati Membri għandhom iwettqu spezzjonijiet fil-portijiet deżinjati~~nominati~~ tagħhom ta' mill-anqas 15 % tal-operazzjonijiet tal-ħatt l-art u tat-trasbord kull sena.

2. Minkejja l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, il-bastimenti tas-sajd li jidħlu f'port ta' Stat Membru mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel għandhom ikunu spezzjonati fil-każijiet kollha.

*Artikolu 130~~21~~*

**Proċedura ta' spezzjoni**

Flimkien mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 l-ispezzjonijiet fil-port għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 131~~22~~*

**Ċaħda mill-użu tal-port**

1. L-Istati Membri m'għandhomx jippermettu li bastiment ta' pajjiż terz juża l-portijiet tagħhom għall-ħatt tal-ħut, it-trasbord jew l-ipproċessar ta' prodotti tal-ħut li nqabad fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM u għandhom jiċħdu l-aċċess għas-servizzi tal-port, inklużi, fost l-oħrajn, is-servizzi ta' forniment ta' karburant jew ta' provvisti, jekk il-bastiment:

(a) ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament; jew

(b) ikun inkluż minn organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd f'lista ta' bastimenti li kienu involuti fis-sajd IUU jew li appoġġawh; jew

(c) ma jkollux awtorizzazzjoni valida sabiex jistad jew iwettaq attivitajiet relatati mas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, xejn m'għandu jipprevjeni lill-Istati Membri milli jippermettu, f'sitwazzjonijiet ta' *force majeure* jew periklu skont l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar~~[37]~~, bastiment ta' pajjiż terz milli juża l-portijiet tagħhom għal servizzi strettament meħtieġa biex jiġu rimedjati tali sitwazzjonijiet.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika flimkien mad-dispożizzjonijiet dwar iċ-ċaħda mill-użu tal-port previsti mill-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 37(5) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

3. Fejn Stat Membru jċaħħad mill-użu tal-portijiet tiegħu lil bastiment ta' pajjiż terz skont il-paragrafi 1 u 2, dan għandu jinnotifika minnufih lill-kaptan tal-bastiment, lill-Istat tal-bandiera, lill-Kummissjoni u ~~lis-Segretarju Eżekuttiv~~ ⌦ lis-Segretarjat ⌫ tal-GFCM dwar tali azzjoni.

4. Meta r-raġunijiet għaċ-ċaħda msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma jibqgħux japplikaw, l-Istat Membru għandu jirtira ċ-ċaħda u jinnotifika lid-destinatarji msemmija fil-paragrafu 3 b'dak l-irtirar.

---

⇩ ġdid

## TAQSIMA III

## IUU

*Artikolu 132*

**Obbligu ta' rappurtar ta' attività preżunta bħala IUU**

[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/33/2009/8 dispożizzjonijiet 3 u 8]

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 48(8) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, l-Istati Membri, mill-inqas 140 jum qabel is-Sessjoni Annwali tal-GFCM, għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

(a) informazzjoni dwar bastimenti preżunti li qed iwettqu attivitajiet tas-sajd IUU fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM matul is-sena attwali u dik ta' qabel;

~~[37] ĠU L 179, 23.6.1998, p. 3.~~

(b) evidenza rrappurtata mill-Istati Membri li tappoġġa l-preżunzjoni ta’ attività tas-sajd IUU.

Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM mill-inqas 120-il jum qabel is-Sessjoni Annwali tal-GFCM.

2. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tibgħat lis-Segretarjat tal-GFCM mill-inqas 120 jum qabel is-Sessjoni Annwali tal-GFCM kwalunkwe informazzjoni addizzjonali riċevuta mill-Istati Membri u li tista’ tkun rilevanti għall-istabbiliment tal-lista ta’ bastimenti IUU.

*[Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/8 dispożizzjoni 2]*

3. Mingħajr preġudizzju għall-informazzjoni meħtieġa fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun fiha d-dettalji li ġejjin, fejn disponibbli:

(a) isem il-bastiment u isem/ismijiet preċedenti;

(b) il-bandiera tal-bastiment u l-bandiera/bnadar ta’ qabel;

(c) l-isem u l-indirizz tas-sid tal-bastiment u tas-sidien preċedenti, inklużi s-sidien benefiċjarji;

(d) il-post tar-reġistrazzjoni tas-sidien;

(e) l-operatur tal-bastiment u l-operatur(i) preċedenti;

(f) is-sinjal tas-sejħa tal-bastiment u s-sinjali tas-sejħa preċedenti;

(g) in-numru IMO;

(h) l-identità tas-Servizz Mobbli Marittimu (MMSI);

(i) it-tul totali;

(j) ritratti tal-bastiment;

(k) id-data meta l-bastiment ġie inkluż għall-ewwel darba fil-lista IUU tal-GFCM;

(l) id-data tal-allegata attività tas-sajd IUU;

(m) il-pożizzjoni tal-allegata attività tas-sajd IUU;

(n) ġabra fil-qosor tal-attivitajiet li jiġġustifikaw l-inklużjoni tal-bastiment fil-lista, flimkien ma' referenzi għad-dokumenti rilevanti kollha li jagħtu informazzjoni u provi dwar dawk l-attivitajiet; u

(o) ir-riżultat ta’ kwalunkwe azzjoni meħuda.

Artikolu 133

**In-nuqqasijiet ta' konformità allegati rrappurtati mis-Segretarjat tal-GFCM**

[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/33/2009/8 dispożizzjoni 4]

1. Jekk il-Kummissjoni tirċievi mingħand is-Segretarjat tal-GFCM kwalunkwe evidenza li ssostni l-preżunzjoni tal-attivitajiet tas-sajd IUU minn bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta’ Stat Membru, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tibgħat dik l-informazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istat Membru kkonċernat jista’ jipprovdi lill-Kummissjoni b’evidenza, mill-inqas 45 jum qabel is-sessjoni annwali tal-GFCM, inkluża evidenza li turi li l-bastimenti elenkati ma stadux u kisru l-miżuri ta’ konservazzjoni u ġestjoni tal-GFCM jew li ma kellhomx il-possibbiltà li jistadu fiż-żona ta’ applikazzjoni tal-GFCM. Il-Kummissjoni għandha tibgħat

dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM mill-inqas 30 jum qabel is-Sessjoni Annwali tal-GFCM.

Artikolu 134

Abbozz tal-lista IUU tal-GFCM

[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/33/2009/8 dispożizzjoni 5]

Malli jirċievu l-abbozz tal-lista ta' bastimenti IUU mis-Segretarjat tal-GFCM, l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw mill-qrib il-bastimenti inklużi fl-abbozz tal-lista IUU u jiddeterminaw l-attivitajiet tagħhom u l-bidliet possibbli fl-isem, fil-bandiera u/jew fis-sid irreġistrat.

---

↓ 1343/2011 (adattat)

# ⌦ *KAPITOLU IV* ⌫ ~~TITOLU IV~~

## *KOOPERAZZJONI, INFORMAZZJONI U RAPPURTAR*

*Artikolu* 135~~23~~

**Kooperazzjoni u informazzjoni**

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni ~~Segretarju Eżekuttiv~~ ⌦ mas-Segretarjat ⌫tal-GFCM, b'mod partikolari billi:

(a) jitolbu informazzjoni minn, u jipprovdu informazzjoni bil-bażijiet tad-*data*~~data~~ rilevanti;

(b) jitolbu kooperazzjoni u jikkooperaw sabiex jippromwovu l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi nazzjonali ta' informazzjoni tagħhom dwar is-sajd jippermettu l-iskambju elettroniku dirett tal-informazzjoni dwar l-ispezzjonijiet mill-Istat tal-port kif imsemmi fit-⌦ Taqsima II, il-Kapitlu II tat-⌫ Titolu III, bejniethom u s-~~Segretarju Eżekuttiv~~ ⌦ Segretarjat ⌫ tal-GFCM, b'kont debitu tar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità adatti.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiskambjaw mal-aġenziji nazzjonali rilevanti l-informazzjoni b'mezzi elettroniċi u biex jikkoordinaw l-attivitajiet ta' tali aġenziji fl-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati fil-Kapitolu II tat-Titolu III.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' punti ta' kuntatt għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, li għandhom jiġu trażmessi elettronikament, mingħajr dewmien, lill-Kummissjoni u ~~lis-Segretarju Eżekuttiv~~ ⌦ lis-Segretarjat ⌫ tal-GFCM u lill-partijiet kontraenti tal-GFCM.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-regoli ddettaljati għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 143~~25~~(2).

↓ 2102/2015 Art. 1.4 (adattat)

*Artikolu 13623 a*

**Ir-rappurtar ta' data rilevanti ⌦ Format u trażmissjoni ta' informazzjoni ⌫ lill-Kummissjoni**

3 L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kwalunkwe bidla li ssir fil-lista tal-portijiet magħżula għal ħatt l-art tal-qabdiet ta' qroll aħmar skont il-paragrafu 5 tar-Rakkomandazzjoni GFCM/36/2012/1.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla li ssir fil-mapep u fil-listi tal-pożizzjonijiet li jidentifikaw il-postijiet fejn jinsabu l-għerien tal-bumerini kif imsemmi fil-paragrafu 6 tar-Rakkomandazzjoni GFCM/35/2011/5.

7. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-format u t-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija ⌦ fl-Artikolu 52, l-Artikolu 109 u l-Artikolu 108 ⌫ il-paragrafi 1, 3, 4 u 5. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14325(2).

↓ 982/2019 Art. 1.11(b)

8.Kull Stat Membru għandu jissottometti rapport dettaljat dwar l-attivitajiet tas-sajd b'rabta mal-qroll aħmar tiegħu lis-Segretarjat tal-GFCM u lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju kull sena. It-tali rapport għandu jinkludi tal-anqas informazzjoni dwar il-qabdiet totali u ż-żoni tas-sajd u, jekk possibbli, dwar in-numru ta' għadsiet u l-qabda medja għal kull għadsa.

↓ 1343/2011 (adattat)

*Artikolu 13724*

**Rappurtar ta' matriċijiet ta' statistika**

1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw qabel l-1 ta' Mejju ta' kull sena lis-Segretarju Eżekuttiv ⌦ lis-Segretarjat ⌫ tal-GFCM id-*data*data għall-Kompiti 1.1, 1.2, 1.3, 1.4 u 1.5 tal-matriċijiet ta' statistika tal-GFCM kif stabbilit fit-Taqsima C tal-Anness III.

2. Għall-preżentazzjoni tad-*data*data msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jużaw is-sistema tad-dħul tad-*data*data tal-GFCM jew kwalunkwe standard jew protokoll ieħor adatt ta' preżentazzjoni tad-*data*data stabbiliti mis-Segretarju Eżekuttiv ⌦ mis-Segretarjat ⌫ tal-GFCM u li jkunu disponibbli fis-sit elettroniku tal-GFCM.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar id-*data*data ppreżentata abbażi ta' dan l-Artikolu.

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-regoli dettaljati għall-format u t-trażmissjoni tad-*data*data msemmija f'dan l-Artikolu. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14325(2).

⇩ ġdid

*Artikolu 138*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/10 dispożizzjonijiet 2, 4 u 6]*

**Aċċess għal informazzjoni u *data* relatata ma' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza fil-qafas ta' skemi konġunti ta' spezzjoni u sorveljanza**

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-Istati Membri involuti fi proġetti pilota jew fi skemi internazzjonali għall-ispezzjoni konġunta u s-sorveljanza fiż-żona ta' applikazzjoni tal-GFCM.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw it-trattament sigur tal-informazzjoni, id-*data*, ir-rapporti u l-messaġġi relatati mal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza fil-qafas ta' skemi konġunti ta' spezzjoni u sorveljanza.

3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-ipproċessar tagħhom ta' *data* personali skont id-dritt tal-Unjoni.

## *KAPITOLU V*

## *PROGRAMMI TA' RIĊERKA REĠJONALI*

### Taqsima I

### Il-Granċ Blu fil-Mediterran

*Artikolu 139*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/7 dispożizzjonijiet 1, 2, 3, 5 u 6]*

**Programmi ta' Riċerka Reġjonali**

L-Istati Membri b'bastimenti tas-sajd impenjati b'attivitajiet tas-sajd kummerċjali li jistadu għall-granċ blu (*Portunus segnis* u *Callinectes sapidus*) fil-Mediterran għandhom jipparteċipaw fil-programm reġjonali ta' riċerka li jimmira għall-isfruttament sostenibbli tal-granċ blu fil-Mediterran (minn hawn 'il quddiem "il-programm reġjonali ta' riċerka għall-granċ blu") bl-iskop li tiġi żgurata s-sostenibbiltà soċjoekonomika.

*Artikolu 140*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/7 dispożizzjoni 11]*

**Monitoraġġ xjentifiku**

L-Istati Membri b'bastimenti tas-sajd involuti f'attivitajiet ta' sajd kummerċjali mmirati lejn il-granċ blu għandhom jistabbilixxu monitoraġġ xjentifiku adegwat tal-qabdiet tal-granċ blu fil-Baħar Mediterran li jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-programm ta' riċerka reġjonali dwar dan li ġej:

(1) sforz tas-sajd użat u livelli ta' qbid globali fil-livell nazzjonali; u

(2) l-effetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi ta' xenarji ta' ġestjoni alternattivi u ta' miżuri tekniċi, kif identifikati mill-Istati Membri.

### Taqsima II

### Rapa whelk fil-Baħar l-Iswed

*Artikolu 141*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/9 dispożizzjonijiet 1, 2, 3,5 u 6]*

**Programmi ta' Riċerka Reġjonali**

L-Istati Membri b'bastimenti tas-sajd impenjati b'attivitajiet tas-sajd kummerċjali li jistadu għar-rapa whelk fil-GSA 29 għandhom jipparteċipaw fil-programm reġjonali ta' riċerka li jimmira għall-isfruttament sostenibbli tar-rapa whelk (*Rapana venosa*) fil-Baħar l-Iswed (minn hawn 'il quddiem "il-programm reġjonali ta' riċerka għar-rapa whelk") bl-iskop li tiġi żgurata s-sostenibbiltà soċjoekonomika.

*Artikolu 142*

*[Artikolu ġdid. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/9 dispożizzjoni 10]*

**Monitoraġġ xjentifiku**

L-Istati Membri b'bastimenti tas-sajd involuti f'attivitajiet ta' sajd kummerċjali li għandhom fil-mira tagħhom ir-rapa whelk għandhom jimmonitorjaw il-qabdiet tar-rapa whelk fil-Baħar l-Iswed u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-programm ta' riċerka reġjonali u l-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma tal-GFCM dwar il-Baħar l-Iswed dwar dan li ġej:

(1) sforz tas-sajd użat u livelli ta' qbid globali fil-livell nazzjonali;

(2) *data* dwar il-kwantitajiet globali tal-qabdiet inċidentali skont l-irkaptu u l-ispeċi tas-sajd, minbarra l-għadis bl-akkwalanġ;

(3) l-effetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi ta' xenarji ta' ġestjoni alternattivi u ta' miżuri tekniċi, kif identifikati mill-Istati Membri; u

(4) għeluq spazjali jew temporali possibbli biex tiġi ppreservata s-sostenibbiltà tas-sajd.

---

🡻 1343/2011 (adattat)

# TITOLU V

## *DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*

*Artikolu 143~~25~~*

**Proċedura tal-kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit mill-Artikolu 30(1) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002[38]. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011[39].

2. Meta jissemma dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

[38] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59).

[39] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

*Artikolu 144~~26~~*

**Delega~~zzjoni~~ tas-setgħat**

~~Safejn huwa meħtieġ, sabiex jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni l-emendi li jsiru obbligatorji għall-Unjoni għall-miżuri eżistenti tal-GFCM li diġà ġew implimentati fil-liġi tal-Unjoni,~~ ~~iIs-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni~~ ⌦ l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta atti delegati ⌫ ⌦ li jemendaw jew jissupplementaw dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 145, dwar il-miżuri addottati mill-GFCM ⌫, ~~f'konformità mal-Artikolu 27, sabiex temenda d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament~~ fir-rigward ta' dan li ġej:

(1~~a~~) l-għoti ta' informazzjoni ~~lis-Segretarju Eżekuttiv~~ ⌦ lis-Segretarjat ⌫ tal-GFCM skont l-Artikolu 124(4)~~15(4)~~;

(2~~b~~) ~~it-trasmissjoni tal-~~lista ta' bastimenti awtorizzati ⌦ li trid tingħadda lis-Segretarjat tal-GFCM skont l-Artikolu 126, l-Artikolu 10, l-Artikolu 17, l-Artikolu 26, l-Artikolu 36, l-Artikolu 63(3), l-Artikolu 72, l-Artikolu 81(2) u l-Artikolu 89⌫ ~~lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM taħt l-Artikolu 17~~;

---

⇩ ġdid

(3) id-derogi għall-miżuri ta' konservazzjoni għall-qroll aħmar skont l-Artikolu 43(2);

(4) l-implimentazzjoni tal-iskema taċ-ċertifikazzjoni għall-qbid permanenti għall-qroll aħmar skont l-Artikolu 57;

---

🡻 1343/2011

(5~~c~~) il-miżuri tal-Istat tal-port stabbiliti fl-Artikoli127~~18~~ sa 131~~22~~;

(6~~d~~) il-kooperazzjoni, l-informazzjoni u r-rappurtar kif stabbiliti fl-Artikoli 135~~23~~ u 136~~24~~;

---

🡻 1343/2011 (adattat)
➔1 2102/2015 Art. 1.5(a)
➔2 2102/2015 Art. 1.5(b)

(7~~e~~) il-koordinati tat-tabelli, tal-mapep u dawk ġeografiċi ~~tas-Subżoni Ġeografiċi ("GSAs") tal-GFCM~~ ⌦ tal-GSA ⌫stabbiliti fl-Anness I;

(8~~f~~) il-proċeduri ta' spezzjoni tal-Istat tal-port għall-bastimenti stabbiliti fl-Anness II; u

(9~~g~~) il-matriċijiet ta' statistika tal-GFCM stabbiliti fl-Anness III.

*Artikolu 145~~27~~*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikol~~i~~u ➔1 ⌦ 144 ⌫ ~~16b, 16c u 26~~ ← hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' tliet snin ⌦ mid-data tad-dħul fis-

seħħ ta' dan ir-Regolament ⌫ ➔2 ←. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija ➔1fl-Artikolu~~i~~ ⌦ 144 ⌫ ~~16b, 16c u 26~~ ← tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont➔1l-Artikolu~~i~~ ⌦ 144 ⌫ ~~16b, 16c u 26~~ ← għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*~~Artikolu 28~~*

~~Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1967/2006~~

~~Ir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 huwa b'dan emendat kif ġej:~~

~~(1) fl-Artikolu 4, jitħassar il-paragrafu 3;~~

~~(2) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:~~

~~"3. Għal xbieki rmunkati, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 4, id-daqs minimu tal-malji għandu jkun minn tal-inqas:~~

~~(a) xibka b'malja kwadra tal-manka ta' 40 mm, jew jew~~

~~(b) fuq it-talba debitament ġustifikata ta' sid il-bastiment, xibka b'malja djamant ta' 50 mm ta' selettività ta' daqs rikonoxxut li tkun ekwivalenti għal jew ogħla minn dik tax-xbieki taħt il-punt (a).~~

~~Il-bastimenti tas-sajd għandhom ikunu awtorizzati jużaw u jżommu abbord waħda miż-żewġ tipi ta' xbieki biss.~~

~~Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2012, u fuq il-bażi tiegħu kif ukoll tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri qabel il-31 ta' Diċembru 2011, hija għandha tipproponi emendi debiti fejn ikun il-każ.";~~

~~(3) jitħassar l-Artikolu 24;~~

~~(4) fl-Artikolu 27, jitħassru l-paragrafi 1 u 4.~~

---

| ➔ |
|---|

*Artikolu 146*

**Tħassir**

Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XV.

---

| ↓ 1343/2011 |
|---|

*Artikolu 147~~29~~*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |